# L-ĦAJJA f'Għawdex

Nru. 877 LEĦEN L-GĦAWDXIN Marzu 2006




## Ngħixu l-Misteru tal-Fidwa

# Kampanja ta' Sagrifiċċji

## matul ir-Randan



*"Kull ma għamiltu ma' l-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi"*
(Mt 25, 40)

CARITAS
*GHAWDEX*

**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**Imwaqqfa f'Ġunju 1945**
*Ħarġa nru. 877*
*Marzu 2006*
**Maħruġa mid-**
**Djoċesi ta' Għawdex**

*Direzzjoni u Amministrazzjoni:*
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**
***e-mail*: lumenchristi@vol.net.mt**
***homepage*:**
**www.gozodirect.com/lumenchristi**

**Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata u Stampata:**
***"Gozo Press" Tel.21551534***

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*


## f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'għadda minn għalina • 6
Kummentarju • 11
Ir-Randan u l-Ġimgħa Mqaddsa fl-Għarb • 12
Fehmet il-Qarrejja • 15
Karigi Ġodda fid-Djoċesi • 16
Għaqda Dilettanti tal-Ġimgħa l-Kbira:
Randan Kulturali • 17
Versi Riflessivi • 19
Riflessjonijiet ta' ACM • 20
Ktieb x'Taqra • 22
Għawdex 300 sena ilu • 23
Il-Misteru tal-Ewkaristija (9) • 24
Il-Biedja f'Għawdex (44) • 26
Tieqa fuq l-Ambjent Għawdxi - Ta' Ċenċ • 28
Mill-Kunsilli Lokali Għawdxin:
Wied il-Mielaħ, Għarb • 30
Xhieda Nisranija: Fra Krispin (2) • 32
Mill-Knisja fid-Dinja • 33
Għawdxin li għandna niftakru (32) • 34
Passiġġata Biblika (15) • 36
L-Istorja tal-Mediċina (3) • 38
B'Impenn u bi Pjaċir • 40
L-Irħula Għawdxin (3): L-Għarb • 42



**Ritratti:** *Ħajr lil Arċip. Mons. Karm Gauci u Kan. Dun Ġużepp Tabone (Għarb), George Cassar u Għaqda Dilettanti tal-Ġimgħa l-Kbira (Victoria), John Cordina u Joe Zammit għal diversi ritratti li jidhru f'din il-ħarġa.*





## *Il-Valur Nisrani tas-Sagrifiċċju fil-Ħajja*

*Wieħed mill-valuri importanti tal-fidi tagħna li bħalissa, f'dan iż-żmien tar-Randan, nisimgħu ħafna fuqu u li suppost nipprattikaw b'iżjed impenn minn żminijiet oħra, hu s-sens tas-sagrifiċċju. Huwa wieħed mill-prinċipji fundamentali li fuqhom hija mibnija r-reliġjon tagħna. M'huwiex il-ħsieb tiegħi li ngħamel xi trattat fuq is-sens tas-sagrifiċċju, imma sempliċiment xtaqt naqsam magħkom dawn il-ftit riflessjonijiet li ħsibt li huma adattati għal dawn iż-żminijiet tar-Randan u l-Ġimgħa Mqaddsa.*

*Huwa fatt li fl-istil ta' ħajja li fiha ngħixu 'llum, ħafna jaħsbu li s-sagrifiċċju ma baqax postu jew li ma jagħmilx sens. Illum issib min jirraġuna li f'din il-ħajja qasira u kważi mimlija daqs bajda bix-xogħol u impenji oħra, m'hemm'x lok għas-sagrifiċċju. U din hi l-mentalità li sfortunatament qed issawwar il-karattru tas-soċjetà tagħna. Biżżejjed tħares ħarsa madwarek u tintebaħ b'dan. Għaliex tant familji qed jitfarrku fl-istess żgħożija tagħhom? Għaliex fost raġunijiet oħra hu nieqes is-sens tas-sagrifiċċju! Għaliex tant żgħażagħ huma diżillużi bil-ħajja? Għaliex fost affarijiet oħra hu nieqes is-sens tas-sagrifiċċju! Għaliex ħafna m'humiex kuntenti fil-ħajja? Għaliex fost raġunijiet oħrajn hu nieqes is-sens tas-sagrifiċċju! Bla sagrifiċċju, diżordni soċjali...*

*Il-bniedem minn ċkunitu qed jiġi mtellgħa f'ambjent fejn ma japprezzax u nieqes min dik id-doża ta' dixxiplina neċessarja. Sa minn età żgħira it-tifel/tifla qed isibu kważi kważi kollox lest taħt geddumhom, jiġi ikkuntentati f'kollox, ukoll kif jilbsu jridu jkunu tad-ditta jew ta' l-aħħar moda, u mitt raġuni oħra li qed tgħinhom jitilgħu f'ambjent fejn kull ma jmur qed jiġi mnaqqas kemm jista' jkun l-impenn personali, ukoll xi drabi b'irresponsabiltà.*

*Illum din il-mentalità tant qed tinħass li b'xi mod ilkoll qed inġarrbu l-effetti tagħha. Hija mentalità għal kollox opposta għal dik nisranija li teżalta is-sens tas-sagrifiċċju u tara fih valur redentiv. Meta qed nitkellem minn sagrifiċċju hawn qed nifhem li tkun lest li tbati ftit biex tilħaq ċerti għanijiet, li ma tfittixx li tgħaddi dejjem tiegħek, li tkun kapaċi tiċċaħħad minn xi ħaġa li tista' faċilment tgħaddi mingħajrha, li tkun kapaċi tbati ftit biex tara lil ħaddieħor kuntent, li ċċedi l-opinjoni tiegħek biex ma jinqalax inkwiet bla bżonn, li mill-qalb tagħti ftit minn dak li hu tiegħek biex tgħin lil ħaddieħor, u eżempji oħra simili. Min jgħix dawn it-tipi ta' realtajiet għaraf il-valur tas-sagrifiċċju u fil-fond ta' qalbu iħoss minkejja t-tbatija dik il-paċi li hi wieħed mill-effetti tas-sagrifiċċju personali.*

*Il-prattika tas-sens tas-sagrifiċċju timmatura l-bniedem u fuq kollox lin-nisrani li f'ħajtu qed jfittex li jimita lil Kristu li ġie fid-dinja biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra. San Pawl meta jitkellem fuq il-valur tat-tbatija iħeġġeg lill-insara biex ikomplu fihom dak li jonqos mit-tbatijiet ta' Kristu u jgħidilna li "ladarba aħna nbatu miegħu, miegħu għad inkunu igglorifikati".*

*Dan iż-żmien tar-Randan joffrilna diversi okkażjonijiet biex nirriflettu iżjed fuq dan. Id-Djoċesi tagħna wkoll bħas-snin l-imgħoddijia nehdiet Kampanja ta' Sagrifiċċji f'dan iż-żmien partikulari biex aħna lkoll inħossu l-bżonn li ngħinu lil min jeħtieġ l-għajnuna tagħna. Anke b'dan il-mod inkunu qed ngħixu u nwasslu l-messaġġ ta' Kristu, mhux biss bi kliemna imma wisq aktar b'għemilna. Bla sagrifiċċji ma nistgħux nixbhu lil Kristu.*

**Dun Ruben Micallef**

www.gozodiocese.org

# Il-Ħajja fid-Djoċesi



Mis-Seminarista Maximillian Grech

### *Iż-żjara ta' l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech fiż-Żebbuġ*

Iż-żjara ta' Mons. Isqof fil-parroċċa taż-Żebbuġ saret fuq tlett ijiem, bejn is-16 u 19 ta' Frar. L-Isqof Mario Grech beda ż-żjara pastorali tiegħu f'din il-parroċċa bi żjara fl-iskola primarja. Wara għamel diversi żjarat lill-morda u l-anzjani li jinsabu rikoverati fi djarhom. Kmieni wara nofsinhar Mons. Isqof iltaqa' mal-kunsilliera tal-lokalità fl-uffiċċju tal-Kunsill u wara żar il-qasam tal-Museum. Aktar tard filgħaxija l-Isqof Mario Grech mexxa konċelebrazzjoni fil-Knisja Parrokkjali ta' Santa Marija u fi tmiemha kellu laqgħa mas-saċerdoti tal-parroċċa fis-sagrestija, u laqgħa mal-assemblea parrokkjali fiċ-ċentru parrokkjali. L-ewwel ġurnata ta' din ż-żjara ġiet fi tmiemha biż-żjajjar li Mons. Isqof għamel f'diversi bars tal-parroċċa u fl-aħħarnett fil-Klabb tal-Futbol, fejn kellu laqgħa informali mal-membri tal-Kumitat ta' l-istess organizazzjoni. L-attivitajiet li kienu programmati li jsiru tul il-ġurnata tal-Ġimgħa u s-Sibt filgħodu kellhom jiġu posposti għal ħinijiet oħra aktar tard tul iż-żjara jew imħassra għal kollox minħabba ċirkustanzi li Mons. Isqof ma kellux kontroll fuqhom. Iż-żjara kompliet is-Sibt wara nofsinhar bi pranzu mal-presbiterju tal-parroċċa u mal-Kunsill Lokali. Aktar tard wara nofsinhar kellu l-okkażjoni jżur 'il dawk li jiffrekwentaw il-Klabb tal-Boċċi fil-Qbajjar, Marsalforn. Filgħaxija Mons. Isqof kellu laqgħa soċjali ma' l-anzjani fiċ-ċentru parrokkjali. L-għada l-Ħadd Mons. Isqof fetaħ l-aħħar jum taż-żjara tiegħu b'Konċelebrazzjoni fil-Knisja Parrokkjali u wara iltaqa' mal-Grupp tal-Vokazzjonijiet u mal-Grupp ta' l-Abbatini. Tul il-bqija tan-nofs ta' nhar ta' filgħodu Mons. Isqof għamel diversi żjarat f'xi familji. Iż-żjara ta' Mons. Isqof Mario Grech ġiet fi tmiemha b'laqgħa mal-kumitat, sotto-kumitat, u l-membri tal-Banda Santa Marija fiċ-ċentru parrokkjali u wara ġie mdawwar mal-kumpless il-ġdid li qed jinbena u li jinsab fl-aħħar fażijiet tal-kostruzzjoni tiegħu.



### *Għeluq snin Mons. Isqof Mario Grech*

Nhar it-Tnejn 20 ta' Frar, Mons Mario Grech, Isqof ta' Għawdex iċċelebra jum għeluq sninu. Filgħodu Mons Mario Grech iltaqa' b'mod informali ma' l-istaff tal-Kurja ta' Għawdex u filwaqt li radd ħajr lil dawk preżenti għax-xogħol pastorali li qed iwettqu, talabhom ikomplu jitolbu għal Knisja f'Għawdex.

### *Iż-żjara ta' l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech f'Għajnsielem*



Mons. Isqof beda ż-żjara pastorali tiegħu fir-raħal ta' Għajnsielem nhar it-Tnejn 20 ta' Frar filgħaxija b'laqgħa mas-saċerdoti tal-parroċċa, mal-Kunsill Parrokkjali u l-Għaqdiet Kattoliċi fiċ-Ċentru Parrokkjali. L-għada it-Tlieta, tul in-nofs ta' nhar ta' fil-għodu Mons. Isqof żar ir-*Respite Centre*, l-*Adult Training Centre*, u Dar Ġużeppa Debono. Kmieni wara nofsinhar huwa żar il-klassijiet tad-duttrina. Aktar tard filgħaxija Mons. Isqof żar il-Każin tal-Banda San Ġużepp, il-Każin tal-Futbol, u l-Għaqda tal-Armar. Mons. Isqof Mario Grech beda l-aħħar jum taż-żjara tiegħu f'Għajnsielem b'quddiesa fl-Iskola Primarja u wara żar l-Iskola ta' l-Arti. Aktar tard huwa żar l-Istitut ta' San Ġużepp, il-Komunità tal-Patrijiet Franġiskani, l-*Eden Foundation*, u *Lourdes Home*. Mons. Isqof temm din iż-żjara b'konċelebrazzjoni fil-Knisja l-Parrokkjali l-Ġdida tal-Madonna ta' Loretu.

### *L-Isqof Mario Grech fiż-żjara pastorali tiegħu fil-Parroċċa tal-Għasri*



L-E.T. Mons. Mario Grech wettaq iż-żjara fraterna fil-Parroċċa tal-Għasri mill-Ħamis 23 sas-Sibt l-25 ta' Frar 2006. Il-Ħamis filgħaxija ntlaqa' mill-Kappilan, il-Kleru u l-poplu li tawh merħba sabiħa minkejja l-maltemp. Saru diskorsi mill-Kappillan u mill-Isqof, ġie ċċelebrat il-Vespri tal-ġurnata u wara ngħatat il-Barka Sagramentali. Imbagħad l-Isqof mar il-*Museum* fi Triq il-Knisja fejn kellu laqgħa sabiħa fil-kappella mat-tfal subien u bniet li jattendu dan iċ-ċentru ta' katekeżi. Aktar tard, l-Isqof kellu laqgħa mal-membri tal-Kunsill Lokali fl-uffiċċju tal-Kunsill fi Triq Dun Karm Caruana. L-għada l-Ġimgħa filgħodu Mons. Isqof żar diversi morda fi djarhom u qarben lil dawk minnhom li setgħu jirċievu l-Ewkaristija. Imbagħad Mons. Grech żar il-Bażilka tal-Madonna tal-Patroċinju fejn

sellem lis-Santissimu Sagrament, u wara kellu laqgħa fis-sagrestija mal-*presbyterium* tal-parroċċa u mbagħad kellu mument sabiħ ta' fraternità mal-kleru waqt ikla flimkien f'ristorant ix-Xlendi. Filgħaxija, imbagħad, Mons. Isqof iltaqa' fiċ-ċentru parrokkjali ma' membri tal-għaqdiet tal-parroċċa. Wara din il-laqgħa kellu inkontru ieħor fiċ-ċentru wkoll, din id-darba mal-koppji miżżewġin li attendew bi ħġarhom u aktar tard iltaqa' maż-żgħażagħ-studenti f'sala oħra fl-istess ċentru. L-aħħar appuntament formali ta' din iż-żjara fraterna fil-Parroċċa ta' Kristu Ewkaristu Salvatur kienet konċelebrazzjoni li mexxa Mons. Isqof Grech flimkien mal-kleru tal-parroċċa, is-Sibt 25 ta' Frar, bis-sehem tal-membri tal-kor *Lauda Sion* flimkien mal-kor tat-tfal tal-parroċċa. Wara kulħadd kien mistieden biex isellem lil-Isqof fis-sala taċ-ċentru parrokkjali.

### *Iż-żjara ta' l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech f' Ta' Sannat*



Iż-żjara ta' Mons. Isqof fir-raħal ta' Sannat żvolġiet bejn it 28 ta' Frar u l-5 ta' Marzu. It-Tlieta 28 ta' Frar filgħaxija Mons. Isqof ġie milqugħ mill-Arċipriet, il-kleru u l-abbatini ħdejn il-bieb tal-knisja u wara akkumpanjawh għal mument ta' talb quddiem Ġesù Sagramentat. Wara li saru diversi indirizzi ta' l-okkażjoni ġiet reċitata it-Talba ta' l-Għasar. Aktar tard Mons. Isqof iltaqa' mas-saċerdoti tal-Parroċċa, u ma' l-assemblea parrokkjali. Il-Ħamis filgħodu Mons. Isqof żar il-morda li jinsabu rikoverati fi djarhom u kmieni wara nofsinhar huwa żar il-qasam tal-*Museum*. Il-Ġimgħa filgħodu l-Isqof żar l-Iskola Primarja u l-i*Special Unit*. Aktar tard tul il-jum kellu okkażjoni jiltaqa' mal-membri tal-Kunsill Lokali fl-uffiċċju ta' l-istess Kunsill. L-għada filgħaxija, Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni bħala għeluq taż-żjara tiegħu fil-parroċċa u li biha fetaħ il-Missjoni l-Kbira fl-istess parroċċa. Wara huwa ġie mdawwar maċ-Ċentru Parrokkjali. L-għada l-Ħadd l-Isqof Mario Grech temm l-aħħar impenji fir-raħal ta' Sannat biż-żjajjar fil-Każin tal-Futbol, il-Każin tal-Banda, u l-Każini tal-Partiti Politiċi. Din iż-żjara ġiet fi tmiemha b'ikla mas-saċerdoti tal-parroċċa f'Palazzo Margerita.

### *Pellegrinaġġ Penitenzjali Djoċesan*

Nhar il-Ġimgħa 3 ta' Marzu, inżamm il-Pelegrinaġġ Penitenzjali Djoċesan għall-Knisja Parrokkjali tal-Madonna ta' Loreto, Għajnsielem. Il-poplu ta' Alla f'Għawdex kien mistieden sabiex jissieħeb ma' l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech u ma' għadd sabiħ ta' arċipreti, kappillani, saċerdoti, u reliġjużi fil-mixja penitenzjali u fiċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija fil-bidu tar-Randan Imqaddes. Il-pellegrinaġġ telaq minn ħdejn il-*Hersey Playing Field*, fi Triq Gudja, u ġie fi tmiemu fl-istess Knisja Parrokkjali ta' Għajnsielem, b'konċelebrazzjoni Ewkaristika li ġiet animata mill-Kor Djoċesan taż-żgħażagħ immexxi minn Ivan Farrugia u Dorienne Portelli.

### *Nofs ta' nhar ta' spiritwalità għas-saċerdoti tad-Djoċesi ta' Għawdex*

Nhar is-Sibt 4 ta' Marzu, fil-knisja ta' Santu Wistin fil-Belt Victoria inżamm nofs ta' nhar irtir għas-saċerdoti kollha ta' Għawdex. Il-kelliem mistieden għal dan in-nofs ta' nhar kien Dun Renè Camilleri. Wara l-meditazzjoni li Dun Rene Camilleri qasam ma' l-għadd sabiħ ta' saċerdoti preżenti, inżammet ċelebrazzjoni penitenzjali fejn l-istess saċerdoti kellhom il-possibilità li jersqu għas-sagrament tar-rikonċiljazzjoni. Din iċ-ċelebrazzjoni penitenzjali ġiet fi tmiemha permezz tal-Barka Sagramentali. Mons. Isqof Mario Grech ħa l-okkażżjoni ukoll sabiex fi tmiem dan l-irtir iqassam b'mod individwali lis-saċerdoti kollha preżenti kopja tal-Pastorali tar-Randan. Dan in-nofs ta' nhar ta' spiritwalità u fraternità għas-saċerdoti ġie fi tmiemu permezz ta' pranzu flimkien li nżamm fl-istess kunvent agostinjan.

### *Katekeżi għaż-żgħażagħ fil-Kurja*

Nhar is-Sibt 4 ta' Marzu, fit-8.30 ta' fil-għaxija ngħata bidu għal-laqgħat ta' katekeżi għaż-żgħażagħ fis-sala tal-Kurja Veskovili, fir-Rabat. Għawdex. Dawn il-laqgħat ta' katekeżi qed jiġu organizzati mill-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ ta' Għawdex, liema Kummissjoni qed tieħdu ħsieb tanima dawn il-laqgħat permezz tal-kant, u ta' *PowerPoint Presentations*. Dawn il-laqgħat, li qed jitmexxew mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech dehru li ntlaqgħu u niżlu tajjeb ħafna maż-żgħażagħ għax qed ikunu ħafna dawk li ta' kull nhar ta' Sibt fil-għaxija joħonqu din is-sala sabiex jattendu għal dawn il-laqgħat ta' katekeżi ma' Mons. Isqof. Din hi inizjattiva ġdida li qed tirnexxi.


PMC TOURS
. PAUL M. CASSAR .
GITI GĦAS-SAJF

28 TA' LULJU - 4 T'AWISSU
SCANDINAVIA
***********

18 - 26 T'AWISSU
LOURDES U FATIMA
************

5 - 12 TA' SETTEMBRU
CRUISE

Bookings u dettalji : Paul M. Cassar
San Giorgio-Triq Vajringa-Victoria
Tel.21551004-79021033

# X'għadda minn għalina



*Kronaka Għawdxija minn Charles Spiteri*

## *Wirja ta' pittura u skultura minn żgħażagħ Għawdxin*

NEW INSPIRATIONS , wirja ta' pittura u skultura mtellgħa minn grupp ta' artisti żgħażagħ għawdxin, li l-età tagħhom tvarja minn 16 sa' 23 sena. Fil-parti kbira tagħhom, dawn l-artisti huma studenti ta' l-arti fl-iskola Sir M.A. Refalo u fl-MCAST. Kważi l-artisti kollha esebixxew għall-ewwel darba. B'kollox ġew esebiti 52 pittura u 6 biċċiet skultura. Il-wirja ġiet imtellgħa mill-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ Għawdex, bil-għan li tippromwovi żgħażagħ artisti għawdxin. Il-wirja nfetħet uffiċjalment nhar is-Sibt 11 ta' Frar minn Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex, fil-preżenza ta' l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex. Il-wirja, li ġiet imtellgħa fis-Sala tal-Wirjiet tal-Ministeru għal Għawdex, baqgħet miftuħa sal-Ġimgħa, 3 ta' Marzu. Uħud mill-biċċiet esposti fil-wirja kienu għall-bejgħ. Parti mill-qliegħ mill-bejgħ ta' dawn l-opri artistiċi mar għar-*Respite Centre* tal-Fondazzjoni ARKA.



*Ritratt: Waqt l-inawgurazzjoni tal-wirja 'New Inspirations'*

## *Il-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz jiltaqa' ma' Mons. Isqof Mario Grech*



*Ritratt: Waqt il-laqgħa mal-Kunsill Lokali, San Lawrenz*

Fl-aħħar ġurnata taż-żjara fraterna li Mons. Isqof Mario Grech għamel fir-raħal ta' San Lawrenz ħa l-okkażjoni li jiltaqa' wkoll mal-Kunsill Lokali. Waqt din il-laqgħa, li saret nhar il-Erbgħa 15 ta' Frar, ġew diskussi diversi materji soċjali li jolqtu liż-żewġ naħat.

F'introduzzjoni li għamel is-Sindku Noel Formosa qal li kien qed jesprimi l-gratitudni ta' shabu meta ried jirringrazzja lil Mons. Isqof li għoġbu flimkien mal-Kappillan idaħħlu din iż-żjara bħala parti mill-programm. Huwa qal li hemm diversi fatturi speċjalment dawk soċjali li kemm l-amministrazzjoni ċivili u dik ekkleżjastika jistgħu jaħdmu hafna fuqha. Is-Sur Formosa żied jgħid illi l-prinċipju li fuqu jaħdem il-Kunsill Lokali San Lawrenz huwa wkoll ispirat mit-tagħlim soċjali tal-Knisja jiġifieri d-dinjità tal-bniedem sħiħ, u għalhekk il-bniedem huwa prijorità fuq l-aġenda politika tal-Kunsill Lokali San Lawrenz.

Mons. Isqof fil-waqt li rringrazzja lill-Kunsill Lokali San Lawrenz ta' din ix-xhieda li ta, saħaq ukoll fuq l-importanza ta' ħidma flimkien, filwaqt li enfasizza li ż-żewġ entitajiet huma indipendenti u awtonomi minn xulxin. Huwa saħaq ukoll fuq il-ħidma li jista' jagħmel in-nisrani anke mill-kamp politiku, liema ħidma t-tagħlim tal-Knisja jagħtiha importanza. Fuq nota anqas formali ż-żewġ naħat tkellmu fuq problemi soċjali li s-soċjetà moderna qegħdha tħabbat wiċċha magħhom.

Fi tmiem iż-żjara ta' Mons. Isqof, is-Sindku ppreżentalu rigal oriġinali maħdum mill-ganutell. Għal din il laqgħa attenda wkoll il-Kappillan Dun Daniel Xerri flimkien ma' Dun Ġużepp Piscopo.

## *Jinħareġ il-permess għall-bini ta' l-ewwel "Incubation Centre" għall-Artiġjanat*

L-Awtorità Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) tat l-approvazzjoni tagħha għall-bini ta' l-ewwel *incubation centre* għall-artiġjanat f'Għawdex, li jinkludi wkoll estensjoni għaċ-ċentru Għawdxi ta' l-Arti u l-Artġjanat Wistin Camilleri f'Għajnsielem.

Dan il-proġett tal-Ministeru għal Għawdex huwa mmirat li jippromwovi l-qasam ta' l-artiġjanat f'Għawdex, qasam li jista' joffri iktar opportunitajiet ta' xogħol fil-gżira. Il-proġett huwa ffinanzjat mill-Programm Strutturali għal Malta 2004-2006, speċifikament taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, bl-investiment ta' madwar 800,000 Euro.

Il-proġett ta' l-*incubation centre* se jinvolvi l-bini ta' diversi *units* li se jintużaw mill-artiġjana lokali li jixtiequ jwaqqfu negozju tagħhom fl-artiġjanat f'Għawdex. Flimkien ma' dawn il-*units*, il-proġett jaħseb ukoll għal diversi *workshops*, sala *multi-purpose* kif ukoll spazju amministrattiv għall-espansjoni taċ-Ċentru Għawdxi ta' l-Arti u l-Artiġjanat Wistin Camilleri.



*Ritratt: Dehra Artistika ta' l-'Incubation Centre' għall-Artiġjanat.*

## *Delegazzjoni tal-Malta Labour Party iżżur l-Arka Respite Centre*



Delegazzjoni tal-Malta Labour Party immexxija mill-mexxej laburista Dr Alfred Sant, nhar it-Tlieta 14 ta' Frar, żaret l-Arka *Respite Centre*, f'Għajnsielem. Id-Direttur tal-Fondazzjoni Arka, Mons. Manwel Curmi tkellem dwar is-servizzi li qed jingħataw b'riżq il-persuni b'diżabbiltà u l-proġetti li hemm ippjanati biex ikomplu jġibu 'l quddiem dan iċ-ċentru uniku fil-gżira t'Għawdex. Dr Sant, fil-messaġġ qasir tiegħu, wera kemm huwa u shabu japprezzaw dan ix-xogħol siewi fil-qasam tad-diżabbiltà u appella biex il-poplu Malti jibqa' jgħin minn qalbu dan iċ-ċentru li dan l-aħħar iċċelebra l-ħames sena mit-twaqqif tiegħu.

*Ritratt: Waqt iż-żjara li l-Mexxej Laburista, Dr Alfred Sant, għamel fir-Respite Centre, f'Għajnsielem. Jidhru mix-xellug għal-lemin, il-membru parlamentari laburista Justyne Caruana, Mons. Manwel Curmi, George Aquilina membru tal-Kumitat taċ-Ċentru, Dr Alfred Sant u Joe Cordina, Kunsillier u Kandidat tal-Partit Laburista għal Għawdex. Preżenti kien hemm ukoll il-membru parlamentari Dr Anton Refalo.*

## *Grupp minn Tolfa f'Għajnsielem*



Grupp ta' tletin persuna minn Tolfa fl-Italja, mmexxija mis-Sindku, l-Onor. Dr. Alessandro Battilocchio għamlu skambju kulturali f'Għajnsielem bejn l-24 u s-27 ta' Frar. Il-grupp kien kompost minn żewġ rappreżentanti oħra tal-Kunsill flimkien mal-Kor ta' l-istess belt, il-*Corale di Tolfa*. Dan il-kor huwa magħruf ħafna fir-reġjun tal-Lazio u saħansitra kien ħa sehem f'quddiesa tal-Papa.

Kemm dam Għawdex, il-grupp żar diversi postijiet ta' interess , fosthom il-Ġgantija, id-Dwejra, is-Santwarju Ta' Pinu, iċ-Ċittadella u l-Belt Victoria. Is-Sibt 25 ta' Frar, il-*Corale di Tolfa* ta Kunċert Vokali fil-knisja l-qadima tal-Parroċċa t'Għajnsielem. Waqt li l-Ħadd, 26, filgħodu, il-*Corale di Tolfa* flimkien mal-Kor *Lauretana* t'Għajnsielem ingħaqdu bħala kor wieħed u kantaw waqt il-quddiesa ta' l-10.00. Wara nofs–in-nhar il-*Corale di Tolfa* seta' jgawdi l-ispettaklu ta' l-isfilata u l-kompetizzjonijiet tal-Karnival ġewwa l-Belt Victoria.

F'kumment qasir is-Sindku t'Għajnsielem is-Sur Francis Cauchi iddeskriva din l-esperjenza bħala waħda ta' ferħ kbir. Hu qal li n-nies li ġew minn Tolfa kienu kuntenti ħafna biż-żjara qasira tagħhom f'Għajnsielem, speċjalment meta kellhom kuntatt dirett man-nies t'Għajnsielem. Kompla jgħid li dan juri li wara tlett snin, il-ġemellaġġ bejn ir-raħal t'Għajnsielem u dak ta' Tolfa għadu jagħti l-frott tiegħu.







*Ritratti: Iż-żjara tal-Grupp minn Tolfa f'Għajnsielem.*

## *Inizjattiva "Viċin il-Kostitwenti 2006" f'Kerċem*

Il-Kunsill Lokali Kerċem organizza programm ta' attivitajiet imsejħa "Viċin il-Kostitwenti". Din hija l-ewwel darba li ġiet organizzata din l-attività li mistennija ssir kull sena. It-tema magħżula għal din is-sena kienet "Il-Kunsill Viċin Tiegħek". L-attivitajiet bdew nhar it-Tnejn 13 ta' Frar bi żjajjar minn membri tal-Kunsill Lokali għand diversi familji fejn tqajmu u ġew diskussi diversi punti ta' interess.

Saret ukoll ħarġa għall-anzjani. L-attività bdiet bi żjara fil-*Gozo Heritage* fejn dawk preżenti kellhom l-opportunità li jaraw din il-wirja unika dwar l-istorja ta' sebat elef sena li għaddiet minnha l-gżira ta' Għawdex. Wara Mons. Girgor Vella ċċelebra quddiesa fil-knisja tal-Madonna ta' Lourdes fl-Imġarr.



*Ritratt: Anzjani Kerċmin quddiem il-knisja ta' Lourdes, fl-Imġarr. Is-Sindku Joe Grima jidher fuq ix-xellug.*

L-attività tkompliet b'taħdita fl-*Arka Respite Centre* minn Lorraine Grima, dwar id-diversi servizzi li joffri d-dipartiment tal-anzjani b'risq l-istess anzjani. Wara ġie servut kolazzjon u anke kien hemm ħin għal logħba popolari tat-tombla. L-anzjani kienu akkumpanjati mis-Sindku Joe Grima. Fiċ-Ċentru Parrokkjali ġiet organizzata attività għaż-żgħażagħ. Saret diskussjoni ma' Dr. Anton Grech dwar "Id-droga u l-effetti tagħha". Sar ukoll it-tqassim tal-platt sħun lill-anzjani li jgħixu waħedhom fid-dar tagħhom. Fl-uffiċċju tal-Kunsill, numru ta' residenti ta' Kerċem attendew għal-Laqgħa Annwali li fiha għamlu l-interventi bis-suġġerimenti u l-ilmenti tagħhom. Hekk ukoll sar għar-residenti ta' Santa Lucija, din id-darba fis-sala taċ-ċentru Santa Luċija, laqgħat li jsiru ta' kull sena f'dawn iż-żminijiet bi preparazzjoni għall-baġit tal-Kunsill li jkopri l-perjodu April 2006 - Marzu 2007.

### *Il-Laqgħa f'Kerċem*

Kienu diversi s-suġġetti li tqajmu waqt il-laqgħa li saret f'Kerċem, fosthom l-istat tat-toroq, it-twessiegħ ta' xi toroq perikolużi, il-proġetti ta' tisbiħ ambjentali u l-ħarsien tal-postijiet storiċi. Issemma' l-proġett ta' restawr li kien propost għall-Għajn tal-Lunzjata. Hawnhekk tħabbar li l-MEPA għadha kif approvat li dan ix-xogħol jista' jsir. Ix-xogħol għandu jsir minn "Din l-Art Ħelwa". Ġiet imfaħħra l-inizjattiva li qed tittieħed kull sena biex jitħawlu aktar siġar. Ġie diskuss ukoll proġett turistiku li għandha quddiemha l-MEPA għar-raħal ta' Kerċem. Dan il-proġett huwa propost minn kumpannija privata u ser isir fl-inħawi ta' Wied il-Mans, minflok il-kumpless li bħalissa jilqa' fih farm u fabbrika li tipproċessa t-tiġieġ u l-fniek.

U f'Santa Luċija d-diskussjoni ffukat b'mod speċjali fuq il-ħsarat kbar li jeżistu f'xi toroq ewlenin fosthom Triq Qasam San Ġorġ. Ġie spjegat li x-xogħol ta' *patching* waqa lura minħabba x-xita kontinwa li għamlet fl-aħħar ġimgħat. Ir-residenti preżenti apprezzaw l-introduzzjoni ta' l-iskips li qed ikun hemm kull ħmistax il-ġurnata fil-pjazza ta' Santa Luċija. Problema oħra li ssemmiet hija s-sewqan eċċessiv li qed isir minn xi trakkijiet kbar tal-ġebel fi Triq Għar Ilma. Ġie ssuġġerit li jsiru *road humps* sabiex jitnaqqas il-periklu li qed ikun hemm. Ġie ssuġġerit ukoll reviżjoni tal-ħinijiet tat-trasport pubbliku fil-għodu mir-Rabat għal Kerċem.

## *Rebħu l-"European eTwinning Award"*



*George Glass u Jennifer Farrugia (xellug) jitkellmu ma' Jan Figel, u uffiċjali oħra.*

L-Iskola Primarja Dun Salv Portelli, f'San Lawrenz, Għawdex flimkien ma' l-Iskola Primarja ta' Cauldeen, f'Inverness, l-Iskozja rebħu l-*European eTwinning Award*, premju prestiġjuż fil-kategorija ta' kollaborazzjoni bejn l-iskejjel. Il-premjijiet kienu ppreżentati lill-iskejjel rebbieħa mis-Sur Jan Figel, li hu l-Kummissarju Ewropew għall-Edukazzjoni, f'Linz, l-Austria, nhar il-Ġimgħa 13 ta' Jannar. Il-premju jikkonsisti f'safra ta' erbat ijiem għal għaxar membri minn kull skola fil-gżira ta' Lanzorote li tagħmel parti mill-Gżejjer Kanarji. Hawnhekk, huma mistennija li barra li jsiru jafu aktar dwar il-gżejjer, jieħdu sehem f'seminar ta' l-ICT u kif din it-teknoloġija tista' tgħinhom fit-tagħlim.

Sa llum hemm aktar minn 12,251 skola imsieħba f'dan il-proġett ta' l-*eTwinning*. U bir-raġun, għax l-*eTwinning* għandu ingredjenti differenti, l-element ta' kollaborazzjoni, l-ICT u l-użu ta' lingwa barranija huma komuni għal kull proġett, kemm dawk mill-aktar sempliċi kif ukoll dawk aktar ambizzjużi. It-tajjeb ta' din l-azzjoni hu li hija tant flessibbli li l-għalliema għandhom il-libertà li jinkludu fiha dak kollu li huma jixtiequ, is-suġġett li jgħallmu, jew inkella tema kross-kurrikulari. Elementi oħra huma t-tagħlim dwar kulturi differenti u t-trawwim tad-dimensjoni ewropea fl-edukazzjoni. Il-proġetti li jitwettqu huma lkoll interessanti u jiftħu passaġġi ġodda għat-tagħlim b'metodi u teknoloġiji ġodda, li huma aktar qrib tad-dinja ta' barra l-iskola, dik li jgħixu fiha l-istudenti tagħna.

Il-proġett li ħadmu fuqu ż-żewġ skejjel rebbieħa kien jismu *Talking Through Time*. Dan kien jikkonsisti filli t-tfal isiru jafu aktar dwar it-tbatija li sofriet il-ġenerazzjoni ta' qabilhom matul dawn is-snin koroh ta' l-istorja. Huma fittxew dwar dan is-suġġett fuq diversi *websites* u kotba; intervistaw lix-xjuħ u żaru postijiet biex isiru jafu u jħossu t-tbatija li ġarrbu nanniethom.



*Is-Sur Jan Figel, li hu l-Kummissarju Ewropew għall-Edukazzjoni jidher jippreżenta l-premju lil Ms Jennifer Farrugia. Jidher ukoll is-Sur George Glass.*

Dan it-tagħrif huma għaddewh lil sħabhom fl-Iskozja permezz ta' l-*email*. Hekk ukoll għamlu t-tfal skoċċiżi. L-iskop wara dan il-proġett kien li jgħin lit-tfal jiftakru fil-passat. Dan il-proġett kien strumentali biex it-tfal jitħarrġu fit-tagħlim tal-lingwa ingliża, ġografija, valuri dwar iċ-ċittadinanza, modi ta' kif wieħed jiddiskuti u taħriġ u użu ta' l-informatika, għodda tant meħtieġa fiż-żminijiet ta' llum.

Il-kollaborazzjoni seħħet permezz ta' l-użu ta' l-*email*, preżentazzjoni fuq il-*Powerpoint* u aktar tard meta l-informazzjoni saret kbira żżejjed, bl-użu tac-CD Rom. Kien hemm skambju wkoll ta' kotba. Parti mix-xogħol kien ippreżentat fuq *website* maħduma apposta għal dan il-proġett. Wieħed irid isemmi l-għajnuna mogħtija mis-Servizz ta' Appoġġ (NSS-Malta) fil-persuna tas-Sur Lawrence Zammit, direttur ta' l-ICT u tas-Sur Emile Vassallo.

## *Seminar... 'A New Vision for Gozo'*



Il-*Malta Enterprise* organizzat seminar '*A New Vision for Gozo*', nhar l-Erbgħa, 1 ta' Frar, fil-Lukanda Grand, Mġarr. Dan l-avveniment kien jikkonċentra fuq viżjoni għal Għawdex u l-possibiltà li wieħed jittrasforma l-gżira reġjun f'suq kompetittiv u globalizzat skond il-ħtiġijiet tal-lum. F'dan is-seminar wieħed seta' wkoll isegwi r-riżultat tas-'survey' li kien sar f'Novembru/Diċembru tas-sena l-oħra lill-klijenti tal-*Malta Enterprise*, l-aktar dawk li għandhom x'jaqsmu mal-manifattura. Dan is-'survey' kif ukoll il-preżentazzjoni saru minn Johann Grech ta' '*Fresh Marketing Limited*'.



Is-seminar fetaħ b'diskors mill-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono. Il-kelliema l-oħra kienu Michael Grech, uffiċjal tal-'*Gozo Business Chamber*', John Magro minn '*Magro Brothers Group of Companies*', David Carrington, residenti f'Għawdex, Joseph Woods minn '*Createch Ltd*', Dr. Godfrey Baldacchino, '*Canada Research Chair in Island Studies at the University of Prince Edward Island, Canada, and Visiting Professor of Sociology at the University of Malta*' u David Brient, '*Business and executive performance coach*' u residenti f'Għawdex.

## *Mons. Isqof Grech iżur il-Kunsill tal-Fontana*





Mons. Isqof Mario Grech, nhar it-Tlieta 7 ta' Frar, żar l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Fontana, fejn iltaqa' mas-Sindku u l-Kunsilliera ta' din il-lokalità. Is-Sindku Saviour Borg, f'ismu u f'isem sħabu l-Kunsilliera u s-Segretarju Eżekuttiv taħ merħba w esprima ruħu illi għalkemm komunità żgħira fin-numru, imma kbira fil-qalb, irringrazzja lill-providenza divina għal dan ir-rigal li għoġobha tafdalu f'idejh, it-tmexxija lejn il-milja tal-Qalb ta' Kristu bil-kelma u bl-eżempju.

Is-Sindku Borg waqt li f'isem sħabu wegħdu li jitolbu għalih ħalli l-Qalb ta' Ġesù tkun il-mudell tal-qalb tiegħu ta' Missier u Mexxej tal-Poplu t' Alla, żied igħidlu illi bħal ma jaf mill-istess esperjenza tiegħu l-ħajja illum ma hijiex waħda faċli minħabba diversi ċirkustanzi li wieħed jiltaqa' magħhom ta' kuljum. U għalhekk waqt li japprezzaw dejjem il-kelma tiegħu, jwegħduh li l-ewwelnett iwettquha imbagħad ikomplu jwettquha fil-ħidma tagħhom ta' kuljum, billi bħala kunsillieri jkunu dejjem ta' eżempju u ta' għaqda bejniethom, biex l-impenn tagħhom ikun il-ġid u l-iżvilupp tar-raħal tagħhom, il-parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù. Il-Kunsill tal-Fontana, kompla jgħid is-Sindku Borg, għad li ilu jaħdem diversi snin għad fadal ħafna xi jsir, però bil-ħidma tagħhom flimkien bħala membri u bil-koperazzjoni tal-poplu huma jistgħu jagħtu s-sehem tagħhom, fl-iżvilupp tal-ħajja komunitarja u nisranija ta' din il-paroċċa. Filwaqt li raddewlu ħajr talli għoġbu jżurhom biex wasslilhom il-messaġġ tiegħu huma min-naħa tagħhom wegħduh li jaħdmu għalenija biex ipoġġu fil-prattika u bil-koperazzjoni ta' kulħadd, il-parroċċa tagħhom tassew tkun il-parroċċa ddedikata lill-Qalb ta' Ġesù.

Min-naħa tiegħu Mons. Isqof saħaq illi importanti li filwaqt li t-tnejn, kemm il-Parroċċa kif ukoll il-Kunsill, jaħdmu għall-ġid tal-komunità, għandha tinżamm l-identità distinta.



# Il-Karnival ta' Għawdex bħala attrazzjoni turistika annwali



Fi sforz biex il-Karnival jinbidel f'attrazzjoni turistika għal Għawdex, il-Kumitat Organizzattiv Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, minn din is-sena organizza l-Karnival t'Għawdex mifrux fuq żewġ *weekends* minflok wieħed.

Il-Karnival t'Għawdex beda mill-Ġimgħa 17 ta' Frar u wasal fi tmiemu nhar it-Tlieta 28 ta' Frar. Il-programm ta' l-attivitajiet kien wieħed strutturat b'mod li ġew koordinati l-attivitajiet kollha tal-Karnival li normalment jiġu organizzati fid-diversi rħula madwar Għawdex f'dawn il-jiem. Dan seta' jkun possibbli minħabba l-koperazzjoni li l-Kumitat Organizzattiv Kultura sab fid-diversi kunsilli lokali t'Għawdex li qablu li jorganizzaw l-attivitajiet tagħhom sabiex f'Għawdex jiġi organizzat Karnival wieħed fuq bażi reġjonali. F'dawn il-jiem karnivaleski l-pubbliku ġie ippreżentat b'kompetizzjonijiet ta' żfin u kostum, karrijiet, baned lokali u maskli grotteski fit-toroq prinċipali tal-Belt Victoria, kompetizzjonijiet diversi fl-irħula differenti t'Għawdex organizzati mill-kunsilli lokali rispettivi u ċelebrazzjonijiet tradizzjonali.



F'dawn il-jiem, il-Kumitat Organizzattiv Kultura reġa' ippreżenta wirja marbuta mal-Karnival fil-*Banca Giuratale*.



***Fin-NADUR...***

Il-programm ta' attivitajiet għal din is-sena fetaħ bit-Tieni Konkors tan-*Nadur Carnival Queen* 2006 u *Maltese Carnival Queen* 2006 imtella' bil-kollaborazzjoni ta' *Catwalk Productions* u l-Kummissjoni Żgħażagħ Mnarja nhar is-Sibt 18 ta' Frar fit-Teatru MBC in-Nadur fis-7.30pm. Tard fil-għaxija, ġewwa La Grotta, ix-Xlendi sar "The Carnival Party" mill-11:00pm 'l quddiem bis-sehem ta' DJ Enzo; DJ Simon and The Trio. Għal din is-sena, it-12-il edizzjoni tal-Karnival Organizzat sar nhar il-Ħadd 19 ta' Frar, fi Pjazza San Pietru u San Pawl, il-Ħadd ta' qabel il-Karnival bi prova sabiex il-parteċipanti ikollhom ħin aktar biex jippreparaw għall-Karnival Spontanju. Programm ta' erbgħa siegħat li beda mis-2.00pm sa s-6.00pm. Saru 45 preżentazzjoni maqsuma f'9 kategoriji ta' kompetizzjonijiet b'37 parteċipant u manifestazzjonijiet oħra, fosthom il-*Miss Queen Carnival*; *The Greenfields*; il-Banda Mnarja; Grupp Daqqaqa Tradizzjonali u r-Re tal-Karnival flimkien ma' żewġ karrijiet ikkummissjonati.





Il-programm għalaq bil-kukkanja, fejn żgħażagħ jixxabbtu ma' arblu sabiex jippruvaw jakkwistaw mill-premjijiet li jkunu mdendla ma' rota fil-quċċata. Il-Ġimgħa 24 ta' Frar ingħata bidu għall-Karnival Spontanju ta' fil-għaxija, b'għadd ta' maskarati li wara nżul ix-xemx ħarġu jitlajjaw mat-Triq Diċembru 13 fost folol kbar ta' nies. Fuq il-maskarati wieħed seta' jara maskri uniċi, ilbies oriġinali, tabelli b'kummenti fuq ġrajjiet attwali mwaqqgħin għaċ-ċajt, u oħrajn fuq karrijiet b'kull tip ta' suġġetti u ħsejjes li ġibdu l-attenzjoni ta' dawk kollha preżenti matul it-triq prinċipali.





***U fix-Xewkija...***

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija organizza diversi attivitajiet għall-Karnival .

Il-Ħamis 23 ta' Frar mis-7.30pm 'l quddiem fis-sala ta' l-Iskola Primarja: Ikla Tradizzjonali tal-Karnival, il-*Giovedi Grasso* bil-parteċipazzjoni tal-Kumittiva, żifna folkloristika u tradizzjonali li ssir biss fi żmien il-Karnival. Mistieden Speċjali kien is-Sur Gawdenz Bilocca. Il-Ġimgħa 24 ta' Frar mis-6.30pm 'l quddiem fiċ-Ċentru Parrokkjali tax-Xewkija, ittellgħet Serata Karnivaleska fejn saru kompetizzjonijet għall-aħjar kostum. Fl-aħħar tas-serata s-Sindku l-Avukata Monica Vella qassmet it-trofej lir-rebbieħa. Għal din is-serata kienu mistiedna wkoll il-*Qala Menhir Folklore Group* li kantaw u żifnu diversi 'items' tradizzjonali. Saret ukoll 'sketch' komika "Qaxxarieli Sur Barbier" imtella' mill-Għaqda Drammatika Xewkija. Is-Sibt 25 ta' Frar mill-5.30pm, fi Triq San Bert saret l-isfilata mmexxija mill-kumpaniji ta' żfin u karrijiet tal-Karnival. Fil-Pjazza San Ġwann Battista wieħed seta' jinnota varjetà ta' żfin minn diversi kumpaniji tal-Karnival u l-karrijiet tal-Karnival. Mill-Ġimgħa 24 sat-Tlieta 28 ta' Frar fi Triq San Bert, ħdejn il-Kappella tal-Ħniena sar il-Karnival spontanju kuljum mit-8.00pm 'l quddiem.



U mill-**Konservatorju ta' l-Isqof** rajna studenti mill-klassijiet 4 u 5 tal-primarja jieħdu sehem fil-festi tal-karnival. Għallmithom iż-żifna Margaret Camilleri u l-ħjata kienet f'idejn Romina Xuereb, Maria Grima, Frances Grech, Marthese Brignoli u Vicky Buttigieg. Il-poezija għaż-żifna nkitbet minn Dun Effie Masini u t-tema kienet fuq l-insetti.





*Kummentarju*

# Id-Diaspora Għawdxija




*minn FRANCO MASINI*

**Hija ħaġa magħrufa sewwa li kull fejn tmur fil-kontinenti kollha tad-dinja għandek issib xi Għawdxin. Matul il-vjaġġi varji tiegħi dejjem sibt xi Għawdxi li naturalment dejjem ħadt gost niltaqa' miegħu. Ma naħsibx li hawn rekord ta' Għawdxin li jgħixu barra minn pajjiżna. Iżda jekk tgħodd il-missjunarji, l-emigranti, studenti, professjonisti, *settlers* u oħrajn li oriġinaw minn Għawdex, dawn għandhom jammontaw għal mijiet jekk mhux eluf. Dana biex ma nsemmux in-numru kbir ta' Għawdxin li fittxew u sabu posthom f'Malta. Dawna kollha nistgħu nsejħulhom id-Diaspora Għawdxija. Il-kelma *diaspora* tirreferi ġeneralment għal Lhud imferrxin mad-dinja kollha qabel il-formazzjoni tal-istat ta' Israel fl-1948. Iżda l-użu tagħha twessgħet u illum tirreferi għal dawk ta' kull ġens li jinstagħbu barra minn pajjiżhom imferrxin ma' kullimkien. Għalhekk l-Għawdxin hekk imferrxa nistgħu ngħidulhom li jiffurmaw id-Diaspora Għawdxija.**

Skond il-fehma tiegħi l-Għawdxin li tant jikkritikaw lil xulxin u tant jinku fi gżirithom, meta jitilqu minn Għawdex u jissetiljaw x'imkien isiru akkaniti għal gżirithom u l-imħabba tagħhom għall-gżira li welldithom iktar tikber. Nagħmlu tajjeb jekk aħna nagħtu każ ta' dawn l-ulied Għawdex imxerrdin ma' kullimkien. Dawn jistgħu jkunu ta' utilità kbira għal gżiritna. Ħafna minn dawn in-nies għamlu suċċess kbir fil-pajjiż adottiv tagħhom u wieħed jista' forsi jagħmel użu mir-riżorsi kbar intelletwali, ekonomiċi u kulturali tagħhom. Il-pubblikazzjonijiet ta' Għawdxin bħalma huma l-Professur Maurice Cauchi u Dr Raymond C. Xerri jagħtu, per eżempju, tagħrif dwar l-Għawdxin fl-Awstralja. Ta' min jaqra "*Gozitan Crossings*".

Iżda importanti ħafna li nżommu kuntatt kontinwu magħhom biex huma jkunu jistgħu isegwu dak kollu li jsir f'Għawdex kif ukoll iħossuhom parti minn Għawdex ikbar. Jiena naħseb li element ewlieni f'din il-kommunikazzjoni hija preċiżament din ir-rivista. Tisma' ħafna anke f'Malta stess jgħidulek kemm isibu din ir-rivista interessanti u kemm jikkunsidrawha bħala ħolqa ma' Għawdex. Kemm iktar dawk li huma 'l bogħod! Il-kommunikazzjoni tfisser li dak kollu li jsir f'Għawdex, l-esposizzjoni tal-problema u saħansitra dak li jitwettaq f'Għawdex jiġi trasmess lil dawn l-eluf ta' Għawdxin imsiefra u mxerrdin mad-dinja.

Meta sseħħ din il-komunikazzjoni fil-milja tagħha wieħed jista jaħseb kif nistgħu nisfruttaw l-imħabba għal Għawdex ta'dawn l-ulied imferrxin. Dan jista' jissarraf f'investiment f'Għawdex ta' fondi barranin u ta' investiment fil-kamp kulturali sponsorjat minn dawn l-Għawdxin fil-bogħod. Fuq kollox huwa importanti li l-ġenerazzjonijiet futuri ta' dawn l-Għawdxin imferrxa madwar id-dinja nżommuhom qrib Għawdex. Għaliex hekk kif jitgerrbu s-snin l-interess f'Għawdex żgur li jibda ftit ftit jintefa speċjalment fost ulied ta' Għawdxin li jkun twieldu barra minn Għawdex. Qasam importanti huwa t-turiżmu kif ukoll il-koltivazzjoni tal-għeruq tal-familji ta' dawn l-Għawdxin.

Hemm bżonn illi xi ħadd f'Għawdex jieħu l-inizjattiva li jikkoltiva dawn ir-relazzjonijiet bejn Għawdex tal-lum u l-familji Għawdxin imferxin. Naħseb li dana jista jsir l-aħjar minn xi NGO jew anke forsi minn xi Awtorità. B'hekk ikun hemm qafas formali biex jitwettaq dan il-pont importanti bejn gżiritna u ulied Għawdex ikunu fejn ikunu fid-dinja...

L-INTERVISTA

# Ir-Randan u l-Ġimgħa Mqaddsa fil-Parroċċa ta' l-Għarb

**Francesco Pio Attard jintervista lill-Arċipriet Mons. Karm Gauci**

L-Gharb... parroċċa ta' 'l fuq minn elf ruħ fil-punent tal-gżira Għawdxija, fejn, bħal f'kull komunità oħra, ir-Randan hu żmien differenti u xi ftit partikulari. Morna nżuru lill-Arċipriet Mons. Karm Gauci u tkellimna miegħu fuq żmien ir-Randan u l-Għid fil-parroċċa tiegħu.

**1. Ma' l-Erbgħa tar-Rmied il-Knisja Kattolika tidħol fi żmien ġdid, żmien qawwi li jistieden lin-Nisrani għal mixja profonda li twassal għall-Għid. X'inhu l-valur liturġiku ta' żmien ir-Randan fil-Knisja u kemm jinħass fost il-poplu tagħna?**

Fil-messaġġ tiegħu għar-Randan ta' din is-sena l-Papa Benedittu XVI jgħid li "ir-Randan huwa ż-żmien ipprivileġġjat tal-pellegrinaġġ interjuri lejn Dak li huwa l-għajn tal-ħniena. Huwa pellegrinaġġ li fih Huwa stess jakkumpanjana fid-deżert tal-faqar tagħna u jweżinna fil-mixja lejn il-ferħ ta' l-Għid. Anki fil-'wied mudlam' li fuqu jitkellem is-salmista, waqt li t-tentatur jissuġġerilna d-disperazzjoni u li npoġġu tamitna f'xogħol idejna, Alla jieħu ħsiebna u jweżinna. Iva, illum ukoll il-Mulej jisma' l-karba tal-folla mejta bil-ġuħ għall-ferħ, għall-paċi u għall-imħabba". Verament ir-Randan huwa żmien ta' rebbiegħa spiritwali, huwa żmien tal-Kelma, huwa żmien ta' għerusija, huwa żmien ta' interjorità, huwa mixja lejn l-għeruq. Iva, naħseb li l-poplu tagħna għadu jħoss dan iż-żmien qawwi ta' grazzja u dan jidher mill-konkorrenza għall-funzjonijiet, mill-attivitajiet li jsiru u mill-atmosfera b'mod ġenerali.

**2. B'liema mod il-komunità parrokkjali ta' l-Għarb tħejji ruħha għall-festa ta' l-Għid? Hemm xi programm partikulari li jiġi mfassal?**

Żgur li fir-Randan kull komunità parrokkjali tagħti importanza kbira lis-smigħ tal-Kelma ta' Alla, l-Eżerċizzi. Dan għaliex ilkoll kemm aħna nemmnu li s-smigħ tal-Kelma ta' Alla jgħin biex dak li jkun jagħraf ftit lil qalbu li kontinwament taħrab u tisvija, jirrivedi l-viżjoni u l-attività tiegħu u jdur lejn Alla. Kienet il-kelma tal-profeta Natan li ġabet f'sensih lis-sultan David wara li dineb. Imbagħad kull komunità tipprova tifhem xi ftit it-tbatija li bata għalina Ġesù biex jifdina. Għalhekk tinqeda b'*visual aids* bħal statwi, purċissjonijiet, Via Sagra, slaleb, u l-bqija, biex tipprova tidħol u taqsam f'dan il-misteru ta' Kristu. Fil-komunità parrokkjali tagħna nadottaw talb u kant speċifiku ta' dan iż-żmien.





Peress li l-bniedem ta' żmienna donnu ma jafx jidħol fih innifsu u jagħraf dnubu, ħassejna li din is-sena ssir insistenza fuq l-iskoperta ta' l-eżami tal-kuxjenza fuq il-virtujiet. Ħsibna biex matul dan ir-Randan ikollna mumenti meta neżaminaw lilna nfusna flimkien fuq il-virtujiet, bħall-ġustizzja, l-imħabba, is-sinċerità, il-qawwa, l-onestà, u l-bqija.

**3. Kemm tħoss li huma importanti l-korsijiet ta' l-Eżerċizzi għall-kategoriji differenti fil-parroċċa, u kif iwieġbu n-nies għal din l-istedina li tagħmlilhom il-Knisja?**

Fiż-żmien tar-Randan tingħata importanza kbira lill-Eżerċizzi Spiritwali. Nifhmu li ftit li xejn tista' tiċċelebra l-Għid tabilħaqq mingħajr is-smigħ tal-Kelma ta' Alla fir-Randan. Tkun qisek trid tgħaddi mill-Eġittu għall-Art Imwiegħda mingħajr ma tgħaddi mid-deżert. Naħseb li min jagħżel li ma jismax l-Eżerċizzi jkun jagħżel li jingħalaq fi tbatijietu, ikun jirrifjuta l-fejqan. Għalhekk naraw li jsiru Eżerċizzi għal kategoriji bażiċi differenti bħalma huma l-koppji miżżewġin, iż-żgħażagħ u għal kulħadd. Normalment ir-rispons ikun tajjeb. Tifhem li ma tistax timmultiplika l-korsijiet ta' l-Eżerċizzi. Ngħidu aħna mhux dejjem ikun faċli torganizza kors ta' Eżerċizzi għall-għarajjes jew għall-universitarji jew għall-istudenti tas-sekondarja. Imma mbagħad dawn kollha jintlaħqu minn organizzazzjonijiet djoċesani.

**4. Inti kap ta' skola fejn jattendu tfal żgħar u anki adoloxxenti. Taf li llum l-iktar diffiċli hu li tilħaq iż-żgħażagħ! Fi żmien ir-Randan il-parroċċa tagħmel xi sforz partikulari biex tlaqqa' iżjed liż-żgħażagħ mal-persuna ta' Ġesù? Fil-parroċċa tiegħek il-Museum**



*Waqt attività għaż-żgħażagħ*

**għandu sehem importanti fil-formazzjoni taż-żgħar... X'isir speċjali għalihom fir-Randan?**

Meta niġu għall-istudenti tas-sekondarja jew post-sekondarja nsibu ftit diffikultajiet. Normalment dawn l-istudenti jkollhom l-Eżerċizzi l-iskola u għalhekk ftit li xejn jerġgħu jattendu għas-smigħ tal-Kelma ta' Alla fil-parroċċa. Imma s-sitwazzjoni tkun differenti jekk numru sabiħ minn dawn l-istudenti jkun diġà daħħal il-quddiesa fil-programm tal-ġurnata, jekk grupp sabiħ minn dawn l-istudenti jħoss il-bżonn tal-quddiesa ta' kuljum. Allura hemm is-smigħ tal-Kelma rikka u abbundanti waqt il-quddiesa. Hemm imbagħad grupp ieħor ta' studenti li jattendi għal-laqgħat tal-*Legion* u tal-Museum. Dawn naturalment jintlaħqu wkoll b'materjal marbut ma' dan iż-żmien, b'lezzjonijiet u *features* adattati għalihom. Imma dejjem jibqa' dak in-nukleu li ma jinvolvix ruħu, dak li jikkuntenta ruħu bil-minimu, dak li għadu ma skopriex il-valur ta' dan iż-żmien sabiħ.

**5. Il-Vejla ta' l-Għid fil-liturġija tal-Knisja hi msejħa l-ikbar u l-isbaħ lejl. Kif titħejja din il-velja fil-parroċċa biex in-nies iħossu l-importanza tagħha fil-kalendarju liturġiku?**

Ġieli assistejna għal ereżiji fil-prattika reliġjuża tal-poplu tagħna. Ġieli kellna nies jattendu bi ħġarhom għall-purċissjoni tad-Duluri jew tal-Ġimgħa l-Kbira u mbagħad ma jagħtux importanza lill-Velja ta' l-Għid. Imma naħseb li katekeżi adatta għandha tpoġġi l-affarijiet f'posthom. Wieħed irid ifiehem lin-nies li l-Velja ta' l-Għid hija l-isbaħ u l-ikbar lejl tas-sena. Hija l-lejl meta jiltaqgħu flimkien il-ħajja u l-mewt. Hija l-qofol ta' l-istorja tas-salvazzjoni, il-lejl tar-rebħa. Hija b'xi mod l-iskoperta mill-ġdid tal-magħmudija tagħna, il-qiegħ nett tal-mixja interjuri li ssir matul ir-Randan. Wieħed irid ifiehem li r-



Randan huwa mmirat lejn dan il-lejl. U n-nies tifhem u tirrispondi tajjeb. Naturalment trid thejji għaliha, trid tibniha b'katekeżi, trid tgħallem u tfakkar.

**6. Hemm xi attivitajiet oħra, mhux biss ta' natura spiritwali, li l-parroċċa torganizza f'rabta ma' dan iż-żmien tar-Randan u l-Ġimgħa Mqaddsa?**

Veru li r-Randan jikkonċentra ruħu prinċipalment fil-knisja. Imma fil-parroċċa tagħna (naħseb bħal f'diversi parroċċi) isiru diversi attivitajiet oħra li ma għandhomx natura purament spiritwali u fil-knisja. Ngħidu aħna din is-sena l-għaqda drammatika ppreżentatilna żewġ drammi b'nota ftit jew wisq reliġjuża. Għadhom kemm saru żewġ rappreżentazzjonijiet tal-kummiedja soċjali ta' Lino Grech *L-Għaxar Kmandamenti* u fil-futur qarib, dejjem fi żmien ir-Randan, sa tkun irrappreżentata l-ħajja ta' Dun Ġorġ Preca. Fil-Ġimgħa Mqaddsa ssir ukoll ħarġa għal Malta fejn inżuru diversi knejjes u oratorji fejn ikun hemm il-vari. Iż-żgħażagħ tagħna wkoll, issa ilhom diversi snin, fil-Ġimgħa l-Kbira filgħodu jkollhom il-Via Sagra fuq l-għolja ta' Għammar.

**7. Wara l-festa ta' l-Għid il-kappillan jibda ż-żjajjar tiegħu fil-familji tal-parroċċa, dak li aħna nafuh "it-Tberik". Kemm tara dan bħala okkażjoni tad-deheb biex tkabbar il-kuntatt mal-familji tal-parroċċa tiegħek?**

Faċli wieħed jinterpreta ħażin it-tberik tal-familji fi żmien l-Għid. Hemm min ma jarax l-utilità tiegħu. Hemm ukoll min jara t-tberik sempliċiment bħala ġabra għas-saċerdot. Ħafna drabi l-familji jagħtu offerta lis-saċerdot bħala turija



*Xena mill-kummiedja komika* L-Għaxar Kmandamenti *ta' Lino Grech, li ġiet irrappreżentata riċentament fiċ-Ċentru ta' l-Għarb.*





ta' rikonoxxenza għas-servizz li jagħti. Imma forsi ftit jafu li kultant is-saċerdot stess jagħti offerti ta' għajnuna lil familji fil-bżonn. Aktar minn hekk naħseb li t-tberik ta' l-Għid huwa opportunità għas-saċerdot li jwassal il-ferħ ta' Kristu rxoxt fid-djar tagħna, kultant fi djar fejn ikun hemm il-mard, kultant fi djar fejn ikun hemm id-diffikultajiet, kultant anki fi djar li jkunu magħluqa jew imbiegħda s-sena kollha. Nemmen li t-tberik jista' jkun ukoll kuntatt utli. Illum ġejt għandkom jien biex meta jkollkom xi diffikultà tiġu. It-tberik jaf ikun ukoll stedina aktar mill-qrib għal involviment fl-għaqdiet u fil-parroċċa.

**8. Fir-Randan ta' din is-sena l-parroċċa tiegħek qed tilqa' wkoll lill-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex, għall-ewwel darba fi żjara pastorali. X'tara f'dan il-mument storiku?**

Mit-23 sas-26 ta' Marzu sa ssir fil-parroċċa tagħna ż-żjara ta' l-E.T. Mons. Mario Grech. Diġà bdejna nitħejjew għaliha u nistennew li din ma sservix biss biex tissodisfa l-kurżità ta' dak li jkun, speċjalment ta' dawk li jieqfu fl-esterjorità, imma aktar biex dak li jkun jiskopri s-sbuħija tar-reliġjon tagħna li tinteressa ruħha f'kull bniedem. L-isqof li jżur il-parroċċa b'xi mod ikun jixbah lil Kristu, il-profeta itineranti, li jfittex, jinfaxxa, ifejjaq u jqawwi l-merħla. Fiż-żjara ta' l-isqof il-komunità Kristjana hija mistiedna tiskopri l-għaqda tagħha mal-Knisja universali, il-bżonn tat-tmexxija fil-Knisja u s-siwi ta' l-ubbidjenza. L-isqof jgħin lill-komunità Kristjana tagħmel dixxerniment tar-rieda ta' Kristu r-Ragħaj u b'hekk din tiġġedded u ssir komunità aktar ħajja. Dan hu dak li nixtieq li jirriżulta fostna miż-żjara ta' l-Isqof il-ġdid.




SMUGGLER'S CAVE
BAR ♦ RESTAURANT ♦ PIZZERIA
Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.
Tel: 21 551005 - 21 551983
Fax 21 559959
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY



# FEHMET IL-QARREJJA

## Episkopat ġdid...

*F'Għawdex għaddejna minn esperjenza ta'ġrajjiet importanti fl-istorja tal-Knisja – esperjenza unika f'ħajjitna imma impressjonanti għall-aħħar. Assistejna għall-konsagrazzjoni ta' Isqof ġdid u għall-mogħdija tat-tmexxija tad-djoċesi ta' Għawdex minn taħt l-Isqof Mons. Nikol Cauchi għall-episkopat ta' l-Isqof il-ġdid Mons. Mario Grech. Jien kelli x-xorti li nattendi għall-attivitajiet kollha konnessi ma' din il-ġrajja. Fl-ebda okkazjoni ma kelli invit, imma dejjem kont persuna bil-wieqfa mitlufa ġo folla nies li ħonqu l-postijiet kull darba li saret xi attività.*

*Barra mill-fatt li din kienet l-ewwel darba f'ħajti li assistejt għal ċelebrazzjonijiet bħal dawn, kull okkażjoni kienet tassew kommoventi, speċjalment dik tal-konsagrazzjoni ta' l-isqof il-ġdid ġol-Katidral. L-atmosfera ta' ferħ u l-fwieħa li mliet it-tempju, flimkien mal-kant sabiħ u t-talb ħerqan biex l-Ispirtu is-Santu jinżel bil-milja tiegħu fuq dan ir-ragħaj ġdid tal-Knisja f'Għawdex, il-preżenza ta' numru kbir ta' saċerdoti (madwar 200), u l-konkorrenza ta' l-istess folla tan-nies, kienet tqanqal lil kull min kien preżenti. Ħassejt li l-qawwa ta' l-Ispirtu Qaddis kienet tfawwar mhux biss lill-Isqof imma lilna wkoll li konna preżenti.*

*Dan hu nifs qaddis li se jerġa' jġedded u jżid jagħti r-ruħ lill-Knisja. Il-preżenza ta' tant nies li ħarġu minn djarhom u sa minn kmieni ħonqu il-postijiet ta'l-attivitajiet li saru biex ifakkru din il-ġrajja unika, tagħti xhieda li l-fidi tal-poplu Għawdxi għadha sħiħa. Dan kollu jitqies bħala riżultat tal-ħidma fejjieda li wettaq u li stinka għaliha l-Isqof Cauchi tul l-episkopat twil tiegħu. Kienu ħafna l-attributi sbieħ li nqalu dwar l-Isqof il-ġdid, u verament jixirqulu, għax fuq fomm kulħadd kien hemm kliem ta' tifħir, imma l-iżjed kwalità fih li spikkat matul dawn iċ-ċerimonji kienet dik li għandu mument biex jieqaf ikellem lil kull wieħed individwalment, hu min hu. Kemm għandna bżonnha din il-kariżma fiż-żminijiet tal-lum! Meta qed ngħixu f'dinja daqstant mgħaġġla, fejn ħadd m'għandu żmien għal ħadd u għal xejn, dan se jkun veru balzmu li jfejjaq il-ġrieħi ta' tant familji Għawdxin.*

*Jalla nkomplu nitħeġġu biex, magħqudin ma' l-isqfijiet tagħna, id-djoċesi tkompli timxi 'l quddiem.*

**_Consiglia Azzopardi_**
**_(Sannat)_**

## Is-Seminar Parrokkjali tal-Qala

*Ftit ġimgħat ilu kelli l-opportunità li nattendi u nipparteċipa f'Seminar Parrokkjali tal-Qala li, kontrarju għas-soltu, kien miftuħ għall-parroċċani kollha. Madwar 80 persuna ċċaħdu mill-ħarġa fil-weekend u ħadu sehem f'proċess verament demokratiku u ċivilizzat ta' jumejn, b'diskussjoni kif għandha taġixxi l-Knisja f'dan ir-raħal ċkejken. Il-ġabra ta' ideat, kummenti u suġġerimenti dwar il-pjan pastorali 2006-2007 kienu impressjonati u ser jservu biex jittejjeb l-andament tal-Knisja fil-Qala.*

*Dan hu l-mod ta' kif il-Knisja għandha timpenja ruħha f'Għawdex u f'Malta. Il-relevanza tal-Knisja fis-soċjetà ta' llum tiddependi mill-kapaċità li tiftaħ għas-suġġerimenti, il-ħsieb innovattiv u li jirrispondi għat-tibdil kontinwu tal-kundizzjonijiet tal-ħajja umana. Minkejja d-daqs ċkejken tar-raħal, il-Qala tat eżempju ħaj lill-Knisja reġjonali u nazzjonali, grazzi għall-ideat eċċellenti tal-Arċipriet tal-Qala il-Kanonku Dr. Joe Zammit, kif għandha tikkomunika.*

*Iċ-ċirasa fuq il-kejk 'parrokkjali' tpoġġiet mill-E.T. Mons Mario Grech bil-messaġġ sabiħ tiegħu fl-aħħar tas-seminar.*

**_Dr. Raymond C.Xerri_**
**_( Qala)_**

## Tislima lil Charles Arrigo

*Sirt naf bl-aħbar kiebja tal-mewt ta' Charles Arrigo ftit minuti biss wara li ġrat. Kien fuq il-bank tax-xogħol, ix-xandir. Għax għalkemm kellu 76, ma nfatam qatt mill-mestjier li kien tant għal qalbu. Il-vuċi ta' Charles Arrigo bla dubju daħlet f'kull dar Maltija sa mill-ħolqien tar-Rediffusion u baqgħet magħna sallum. Kien preżenti għall-quddiesa tal-ġurnalisti fl-24 ta'Jannar u ħafna semgħuh jikkummenta fuq it-TVM minn Għawdex waqt l-Ingress u l-Ordinazzjoni Episkopali ta' l-Isqof il-ġdid, Mons Mario Grech. Min jaf kemm-il rumanz qara minn fuq is-sett tar-Rediffusion u r-radio! Min jaf kemm il-darba rajnieh ukoll jaqra l-aħbarijiet inkella jirreċta!*

*Tagħna l-Għawdxin kien midħla wkoll u kien imut biex ma jsejjaħlix jekk jilmaħni x'imkien, għax kien jaf li jien ukoll midħla tal-"microphone" u minnu kelli ħafna x'nitgħallem! Minn hawn xtaqt insellem lil oħtu Evelyn li kienet semmiegħa regulari ta' programm li kont nagħmel fuq ir-Radio Calypso.*

*Charles ħalliena, iżda l-vuċi tiegħu tibqa' tidwi fil-widnejn ta' tant semmiegħa li kienu jisimgħuh fuq il-mezzi tax-xandir!*

**_Kav. Joe M. Attard_**
**_(Victoria)_**

# L-Ewwel Karigi Ġodda fid-Djoċesi ta' Għawdex

**Mons. Isqof Mario Grech ħatar lil Dun Nazju Borg bħala Kappillan tal-parroċċa ta' Kerċem wara li l-post ta' kappillan ta' din il-parroċċa kien ġie vakat bl-għażla ta' Mons. Isqof Mario Grech bħala Isqof ta' Għawdex. Huwa ħatar ukoll lil Dun Anton Refalo bħala Rettur tal-Knisja ta' Ġesù Nazzarenu fix-Xagħra u lil Dun Giovanni Curmi bħala Segretarju Pastorali Djoċesan. Nifirħulhom!**

## Kappillan Dun Nazju Borg



Dun Nazju Borg twieled ix-Xagħra, Għawdex, fit-28 ta'Awwissu 1959. Huwa beda l-istudji primarji tiegħu fl-iskola tax-Xagħra u kompla l-istudji sekondarji tiegħu fl-iskola sekondarja tal-Liceo ta'Victoria. Beda l-formazzjoni saċerdotali tiegħu fis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù fis-sena 1977 u kien ordnat saċerdot fit-22 ta' Ġunju 1985. Wara l-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu, Dun Nazju Borg kompla bl-istudji superjuri tiegħu fl-Università 'Lateranense' f'Ruma, fejn kiseb liċenzjat fit-Teoloġija Dommatika. Kiseb ukoll l-M.A. fl-Università ta' San Tumas fl-Ispiritwalità u diploma fil-Liturġija fl-Università ta' Sant'Anselmu f'Ruma. Hemmhekk huwa wettaq ukoll ħidma pastorali fil-parroċċa tan-Nativitá.

Meta rritorna Għawdex huwa ġie magħżul bħala Rettur tal-Knisja ta' Ġesù Nazzarenu, ix-Xagħra, u ta' bidu għat-twaqqif ta' diversi Komunitajiet Ewkaristiċi fi ħdan din il-komunità. Huwa kien ukoll *Religious Counsellor* fl-iskola sekondarja 'Agius De Soldanis' Victoria, kif ukoll f'diversi skejjel primarji ta' Għawdex. F'dawn l-aħħar snin huwa wettaq ħidma bħala *lecturer* tal-Liturġija fis-Seminarju Maġġuri u *Religious Counsellor* fis-Seminarju Minuri ta'Għawdex.

## Dun Anton Refalo



Dun Anton Refalo twieled fix-Xagħra, Għawdex, fid-19 ta' Jannar 1963. Huwa beda l-istudju primarji tiegħu fl-iskola tax-Xagħra u kompla l-istudji sekondarji tiegħu fl-iskola sekondarja tal-Qalb ta' Ġesù, Victoria. Huwa beda l-formazzjoni saċerdotali tiegħu fis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù, fis-sena 1982 u kien ordnat saċerdot fl-24 ta' Ġunju 1989. Wara l-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu, Dun Anton Refalo wettaq il-ħidma pastorali tiegħu fil-parroċċi ta' Santa Marija u f'dik ta' San Edwardu f'Long Island, New York. Huwa għamel l-istudju superjuri tiegħu f'Molloy University, New York. Għal dawn l-aħħar sitt snin Dun Anton Refalo wettaq ħidma bħala delegat ta' l-isqof għall-Uffiċċju tar-Relazzjonijiet Pubbliċi u ta' l-Uffiċċju Mezzi Komunikazzjoni Soċjali tad-Djoċesi. Huwa wettaq ukoll ħidma ta' apostolat fil-parroċċa tax-Xagħra.

## Dun Giovanni Curmi



Dun Giovanni Curmi twieled il-Munxar, Għawdex, fis-16 ta' Settembru 1966. Studja fl-iskejjel primarji ta' Sannat u taż-Żebbuġ, Għawdex. Mis-Seminarju Minuri, fejn għamel l-istudji sekondarji, għadda għas-*Sixth Form*, fil-Liċeo tar-Rabat, Għawdex. Beda l-formazzjoni filosofika u teoloġika fis-Seminarju Maġġuri fl-1984. Ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Nikol Ġ. Cauchi fit-22 ta' Ġunju 1991, u wettaq l-ewwel snin ta' ħidma pastorali bħala saċerdot fil-Belt ta' Ruma, fil-parroċċa ddedikata lil San Filippu Neri. Fis-snin li dam Ruma kompla l-istudji teoloġiċi fl-istitut tal-pastorali fl-Università tal-Lateran. Fl-1996 irritorna Għawdex u minn dakinhar beda jgħin fiċ-Ċentru Pastorali "*Ragħaj it-Tajjeb*" ir-Rabat u fil-parroċċa tal-Munxar. F'dawn l-aħħar snin wettaq ħidma bħala għalliem u *Religious Counsellor* fl-iskola post-sekondarja Sir M.A. Refalo, Direttur ta' l-Għaqda Djoċesana ta' l-Abbatini, Delegat ta' l-Isqof għaż-Żgħażagħ u Direttur tal-pre Seminarju ta' Għawdex.

TA' KENUNA
Bar & Restaurant
*Specialising in fresh fish, pasta, pizza and local dishes at affordable prices*
Tel: 2156 3566
2155 1645
Triq it-Torri ta Kenuna
Nadur - Gozo.
Mobile: 7955 1645

ATTWALITÀ

# RANDAN KULTURALI

## *Żmien ta' mpenn għall-Għaqda Dilettanti Ġimgħa l-Kbira - Għawdex*



Sa mit-twaqqif tagħha f'Ġunju 1997, l-Għaqda Dilettanti Ġimgħa l-Kbira – Għawdex, kellha l-għan li tippromovi l-folklor reliġjuż li bih hi mżejna l-gżira tat-tlett għoljiet. Dan għamlitu b'kull mezz possibli sakemm illum, din l-għaqda qiegħdha tipprepara sabiex tiċċelebra l-għaxar anniversarju mit-twaqqif tagħha.

Meta tkellemna ma' George J. Cassar, il-president kif ukoll wieħed mill-fundaturi ta' din l-għaqda, hu qalilna li bilkemm irid jemmen li għaddew għaxar snin minn meta grupp ta' dilettanti tal-Ġimgħa l-Kbira u ta' l-attivitajiet folkloristiċi li għandhom rabta mal-knisja, kienu ltaqgħu fuq iz-zuntier tal-knisja tal-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi sabiex jifformulaw l-istatut ta' l-għaqda. Minn dakinhar ħadd ma ħares lura u għalkemm ġew iffurmati diversi kumitati li mexxew l-għaqda matul dawn is-snin, l-għanijiet li għalihom ġiet imwaqqfa l-għaqda baqgħu jkunu l-mira ta' kull attività.



Illum il-ġurnata, l-Għaqda Dilettanti Ġimgħa l-Kbira – Għawdex torganizza ħafna attivitajiet matul is-sena. Iżda l-aktar li tkun impenjata jkun matul ir-Randan. Minn sentejn 'l hawn beda jiġi organizzat l-*Easter*



*Festival* u dan bil-għan li jiġbor fih l-attivitajiet li l-għaqda torganizza matul il-ġranet tar-Randan, il-Ġimgħa Mqaddsa u l-Għid. Dawn l-attivitajiet ivarjaw minn wirjiet ta' l-arti sa spettakli teatrali u kunċerti.

### *Wirjiet*



L-ewwel wirja ta' arti sagra li organizzat l-għaqda kien f'Settembru 1997. Din kienet wirja b'konnessjoni mal-festa tal-eżaltazzjoni tas-salib u saret fil-knisja tal-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi. Fir-Randan ta' wara l-għaqda organizzat l-ewwel wirja tar-Randan fis-sala tal-wirjiet tal-Ministeru għal Għawdex. Din baqgħet

issir ta' kull sena. F'din il-wirja jiġu esebiti mhux biss statwetti, kwadri, u xogħlijiet ta' arti oħra minn kollezzjonijiet privati, iżda wkoll minn diversi knejjes madwar Għawdex. Barra din il-wirja, l-għaqda tieħu ħsieb torganizza diversi wirjiet oħra matul is-sena, l-aktar wirjiet ta' arti, bil-għan li tippromwovi l-artisti lokali fil-qasam ta' l-arti sagra.

### *Teatru*

Kien fl-1999 li l-għaqda firxet għeruqha fil-qasam teatrali. Fir-Randan ta' dik is-sena, l-għaqda tellgħet id-dramm tal-passjoni fit-Teatru Don Bosco. Fis-sena



2000, l-għaqda ħarġet b'idea oriġinali, ċioè dik li ttellgħa l-passjoni fit-toroq tal-Belt Victoria. Inizjattiva li tant intgħoġbot mill-pubbliku li għadha ssir sal-ġurnata tallum. L-għaqda tikkonsidra t-teatru bħala mezz ieħor kif twassal il-messaġġ tagħha permezz ta' *tableaux*.

### *Kunċerti*



L-mużika sagra hi parti ntegrali mill-kultura tagħna l-Maltin. Il-knejjes tagħna jippossedu arkivji mużikali rikki, miżgħuda b'mużika għal kull żmien tas-sena. Konxji minn dan, l-kumitati ta' l-għaqda minn żmien għal żmien jorganizzaw kunċerti ta' mużika sagra, sabiex il-poplu jkompli japprezza dan il-patrimonju.

### *Tagħlim*

Hu dmir tagħna lkoll li nedukaw lil dawk ta' madwarna. Hu għalhekk li l-Għaqda Dilettanti Ġimgħa l-Kbira – Għawdex, torganizza *seminars*, *talks* u *lectures* minn żmien għal żmien sabiex tkun tista tifrex it-tagħlim tagħha lil sfera aktar wiesa ta' nies.

### *Lejn l-għaxar anniversarju*

Illum l-għaqda qiegħdha tħares lejn iċ-ċelebrazzjonijiet li jikkommemoraw l-għaxar sena mit-twaqqif tagħha. Dawn l-attivitajiet ser jibdew minn Ġunju li ġej u jispiċċaw f'Ġunju ta' wara. Il-programm hu wieħed vast bi kważi attività kull xahar. Programm tal-attivitajiet ser jitħabbar aktar 'il quddiem .



BOGI AUTO LTD
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

## *VERSI RIFLESSIVI*

# *JUM MID-DJARJU TA' L-ISKOLA TAL-VAJRINĠA*

Fost da' l-ħitan godlin fil-qalb tar-Rabat
Ġabruna meta għalaqna l-ħames snin,
Ħallejna l-wens ta' l-għorfa fejn trabbejna
Għal dar bil-kmamar kbar, u soqfa għoljin.

Kien l-ewwel waqt li nfridna minn djul ommna
U ma' ħaddejna ċarċar dmugħ mill-qalb;
Tgħallimna hawnhekk bil-kont salib irroddu,
U nlissnu l-alfabett ta' l-ewwel talb.

'Mma d-dmugħ ta' l-ewwel jiem malajr intesa
Għax drajna hawnhekk il-logħob fil-kumpanija,
Sibna 'l xulxin it-tfal ta' l-istess ħâra
U doqna l-ewwel ferħ tal-ħbiberija.

Tgħallimna t-*tables*, ngħoddu fuq subgħajna,
U b'kantaliena ngħannu f'kor *revision*,
Tgħallimna naqsmu ma' l-oħrajn f'kull logħba
Qabel tgħallimna naħdmu l-*long division*.

Is-Ser tal-*fifth* "Raġel bil-Għaqal" qralna,
U nafu xtaqna fis l-'għaqal' x'inhu ,
Min staqsa hux ġugarell, jew kienx jittiekel,
Jekk kellux lewn ħamran, safran jew blu.

Is-Ser ma weġibniex, 'mma fis staqsiena
Ngħidulu l-aktar ħaġa bżonn xi tkun;
Min wieġbu "il-ma" "il-pa" "il-flus" "l-iskola"
Min stqarr għalih il-logħba tal-ballun.

Is-Ser qam minn bilqegħda, u qalilna,
'Mma waqaf dritt biex qafel ftit il-ġlekk,
"Bravi, dawn żgur ta' ħtieġa kollha huma,
'Mma l-'għaqal' meħtieġ hu aktar minn hekk."

Ma fhimna xejn, 'mma meta rġiel u nisa,
F'triqat stramana li tħejjew għalina,
B'witat, tlajja' u nżul, u kantunieri,
Disinn għarafna li s-Ser xtaq jagħtina.

La taħsbux, ħbieb, li din ġrajja ta' darba;
Din xena li kuljum għadha titpinġa,
U ġara hekk għal mija u ħamsin sena,
F'kull klassi b'saqaf għoli tal-Vajrinġa.

Għaliex għalkemm il-lum orqomna l-għodod,
U l-bniedem tkixxef snajja ta' ħolqien,
L-iskola għadha u tibqa' l-art għammiela,
Art fejn jitrawmu l-għaqal u l-għarfien.

**JW Psaila**

*(Din il-poeżija nqrat fl-okkażjoni tal-mija u ħamsin anniversarju mill-ftuħ ta' l-Iskola Primarja Sir Arturo Mercieca, tar-Rabat, Għawdex.)*

# *IŻ-ŻMIEN GĦAŻIŻ TAL-ĠIMGĦA MQADDSA*

Kif tal-bluha jgħaddu l-festi
Ifeġġ fuqna ir-Randan,
Żmien ta' sawm u astinenza
Meta jiġi fuqna dan!

Fid-deżert għeri u aħrax
Anke' Kristu sam erbgħin,
Lix-xitan sa rreżista
Biex tagħna jħallas id-dejn.

Wara dik it-tentazzjoni
Għadda biex jiekol ma' tiegħu,
Lilhom ġabar fiċ-Ċenaklu
Għal dik l-Aħħar Ċena miegħu.

Għajjien daħal fil-ġnien jitlob
Id-dixxipli dlonk telquh
Għax taħt siġra bdew jonogħsu
U l-Imgħallem jgħum fid-dmugħ.

Tawha għal ħarba kif instemgħu
Lejn il-Ġnien il-Lhud ġejjin,
Iżda Pietru is-sejf silet –
Sidru affronta: x'waħda din!

'Ma l-Imgħallem lilu kellem
U bil-kwiet ikkoreġih
U qallu "jekk is-sejf tuża,
Xi darba tista' tmut bih!"

Quddiem Qajfa u Erodi
Lil Ġesù ħaduh u xlewh;
Pilatu ma sabux ħati
Beżżiegħi, ħasel idejh.

Mal-kolonna l-Iben t'Alla
Rabtu, sawtu, ittorturawh,
Sa ma n-nifs qatgħulu ġmielu
Fuqu beżqu, bil-ponn tawh.

U l-Omm tiegħu imbikkija
B'qalb maqsuma, addolorata,
Warajh baqgħet miexja tolfoq,
B'fehma sħiħa daqs ta' blata.

Sa ma wasal fuq il-għolja
W hemmhekk ratu jmut mislub.
U dan kollu sabiex lilna
Jifdina mill-inqas dnub.

Għalhekk tiġi l-Ġimgħa Mqaddsa
Biex nidħlu f'meditazzjoni,
Nirriflettu, naħsbu sewwa
Fuq ta' Kristu l-passjoni.

Jalla dit-tbatija kollha
Illi Ġesù bata għalina
Tagħmilna niedma w sogħbiena
Ta' dnubietna l-maħfra 'ttina.

**Kav. Joe M. Attard**

*Kemm INT kapaċi "tinbidel" fir-Randan?*

# 4 KONVERŻJONIJIET KE

Kull sena tfeġġ ir-Rebbiegħa. L-qawmien tan-natura u kull sena wkoll ifeġġ ir-Randan li hu msejjaħ "Ir-Rebbiegħa tar-Ruħ."

Ir-Randan hu **MIXJA TA' KONVERŻJONI** , li jilħaq l-qofol tiegħu fl-Għid il-Kbir.

**L-EWWEL KELMA LI SMAJNA** fil-bidu tar-Randan u tibqa' tidwi fir-Randan kollu hi din: **INDMU U EMMNU FIL-BXARA T-TAJBA.**

Li għama jerġa' jikseb id-dawl ta' l-għajnejn hi xorti kbira; iżda li midneb jerġa' jikseb id-dawl tal-fidi hi grazzja akbar.

F'kull konverżjoni jiltaqgħu

- il-miżerja tal-midneb
- u l-miżerikordja u l-ħniena t'**ALLA**

Alla jobgħod id-dnub, iżda jiġri wara l-midneb, isejjaħlu, jistennih, u jilqgħu u jħaddnu ma' qalbu.

L-Arċisqof Angelo Comastri f'dawn l-aħħar sentejn ippubblika żewġ kotba, mimlijin stejjer ta' konverżjonijiet li seħħew fis-Seklu Għoxrin.

Hawn qed nagħtukom erba' ġrajjiet meħudin mill-ktieb **"DOVE E' IL TUO DIO?"** (Edizioni San Paolo)

## ALDOLFO RETTE



**Minn għand ix-xitan għal għand Alla.** Aldolfo Rette ppubblika l-ħajja tiegħu stess fi ktieb-djarju li semmih **"DU DIABLE A DIEU"** "*Minn għand ix-Xitan għal għand Alla*".

Hu stess jiddeskrivi lilu nnifsu, "imrobbi bla fidi ġo familja mifruda, sirt atew konvint u materjalista feroċi. Isseħibt mal-għedewwa tar-Reliġjon u ħadt sehem fil-laqgħat, u fil-ħidmiet faħxija tagħhom".

Jirrakkonta li dar min-naħa għall-oħra ta' Franza jiżra l-mibegħda lejn ir-Reliġjon Kattolika u joħroġ mill-istonku tiegħu insulti kontra Kristu li b'disprezz kien isejjaħlu "IL-GALILEW". Madankollu, kien iddisprat...

### Il-Madonna

Fis-sena 1906 mar jżur Santwarju tal-Madonna. Refa' ħarstu lejn ix-xbieha tagħha u talabha:

"Itlob lil ibnek għalija biex jurini x'għandi nagħmel..." Imbagħad ntefa' fuq blata u sema leħen interjuri jgħidlu: Mur u **SIB SAĊERDOT...EĦLES MIT-TOQOL** (ta' dnubiet) tiegħek, u idħol mingħajr biża' fil-Knisja Kattolika.

### L-ewwel qrara tiegħu

Ħabibu Francois Coppee, kittieb kattoliku, ressqu għand saċerdot biex iqerr. Dak il-jum isejjaħlu l-akbar festa ta' ħajtu; isimgħuh lilu stess jitkellem; "Ħrigt fit-triq. Ħassejtni rrid intir bil-ferħ. Bdejt ngħid lili nnifsi: Kollox maħfur. Jien salvat. X'xorti kbira. Ħassejtni sirt żagħżugħ mill-ġdid. U minn raġel ta'42 sena, ħassejtni 10 snin inqas." U kompla; "Mqaddsa Knisja Kattolika... kemm inti tal-għaġeb meta tilqa' bi ħlewwa kbira l-iben il-ħali..."

### L-Ewwel Tqarbina

L-għada għamel l-ewwel tqarbina. "Ma nistax infisser x'ħassejt fil-mument tat-tqarbina. Nista ngħid dan biss. La l-pjaċiri tas-sensi u lanqas is-sokor intellettwali ta' l-arti u tal-poezija ma tista' tipparagunahom ħdejn l-estasi u l-ferħ li tħoss ir-ruħ x'ħin tingħaqad m'Alla.

"O Ewkaristija Mqaddsa, int nixxiegħa ta' kull ġid. Int għajn ta' kull tama u enerġija, minn fejn ir-ruħ tikseb il-faraġ u l-ferħ..."

Għex il-kumplament ta' ħajtu ferventi u adoratur tal-Ewkaristija u devot kbir tal-Madonna. Kien imur Lourdes iġorr lill-morda bħala voluntier.

## GIOVANNI PAPINI



*Il-lupu li sar ħaruf*

Kienu isejħulu "la belva di Firenze". Missieru kien Mażun feroċi. Kien jiftaħar li anki f'daru ilaqqa lil-Mażuni. Minn għand missieru hu xorob il-velenu ta' antiklerikaliżmu aħrax. U beda jgħix ħajja bla Alla, anzi kontra Alla.

### Kittieb velenuż

Fil-1911, ta' 30 sena ppubblika ktieb mill-agħar "LE MEMORIE D' IDDIO''. U fil-1913 żied id-doża u kiteb artiklu aktar baxx fir-rivista li kien waqqaf hu stess jisimha "*La Lacerba.*" L-artiklu kien jismu "*Cristo Peccatore*". Tant kien skanduluż, li l-Arċisqof ta' Firenze ipprojbixxa lill-fidili biex ma jaqrawx din ir-rivista. U fetaħ proċess kontra l-awtur għaż-żeblih tiegħu kontra r-Reliġjon.

Papini fil-1912 ħareġ ktieb "*Un uomo finito*" li fih jiddeskrivi lilu nnifsu:

"Kollox spiċċa għalija. Kollox hu mitluf. Ma baqagħlix għalfejn ngħix. Għandi bżonn ta' ftit ċertezza... ta' ftit verità".

### Ittra li messitlu qalbu

Fl- 20 ta' Jannar 1920, ħabibu kattoliku **DOMENICO GIULOTTI** kitiblu ittra fejn qallu: "Il-pinna tiegħek għal 20 sena shaħ kitbet dak li ddettalha x-Xitan. Għal 20 sena shaħ int ivvelenajt lilek innifsek u lil bosta oħrajn. Hemm bżonn li tħassar l-imgħoddi tiegħek u terġa' tibda mill-ġdid biex tikteb paġna ġdida f'ħajtek. Il-kotba tiegħek armihom u aħraqhom. U ibda ħajtek mill-ġdid".

*Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.*

# AR TAS-SEKLU GĦOXRIN

U Papini sema' minnu.

Bejn is-snin 1919-1921 ġraw bosta affarijiet li ħeġġewh jikkonverti:

a) Il-festa tal-ewwel tqarbina tat-tifla tiegħu,
b) l-ittra li semmejna fuq, u
ċ) Il-qari ta' kotba spiritwali bħal S Wistin, Pascal, l-Eżercizzi ta' Sant'Injazju u l-Imitazzjoni ta' Kristu

### Il-Ħajja ta' Kristu

Fil-1921 ikkonverta, u sar nisrani ferventi. U bħala att ta' tpattija għall-velenu li ħareġ mill-pinna tiegħu, beda jikteb il-Ħajja ta' Kristu, li hi kapulavur. Ktieb ta' 500 paġna u 96 kapitlu.

Hu jistqarr: "Dan hu att ta' riparazzjoni. Qabel kont ktibt storja ta' bniedem li jrid isir Alla. Issa qed nikteb l-istorja ta' Alla li sar bniedem" (il-Ħajja ta' Kristu).

L-ewwel ħaġa li għamel, ġiegħel lil bintu Viola: "Mur ġibli l-volumi kollha tal-ktieb velenuż tiegħi "LE MEMORIE D'IDDIO". Aħraqhom kollha. U qis li ma jibqax lanqas kopja waħda".

### Inbidel totalment

Giovanni Papini għex il-kumplament ta' ħajtu b'fidi soda. Fl-aħħar marad serjament. Iżda isimgħu is-serenità tiegħu: "Tlift l-użu ta' riġlejja u ta' idejja. Sirt għama u mutu... Iżda dan mhu xejn a paragun tal-grazzja wisq divina li Alla tani. **IL-FIDI FIH SALVATNI**".

## ANDRE FROSSARD



*Mid-Dlam għad-DAWL*

Andre' Frossard kien iben is-Segretarju tal-Partit Komunista Franċiż. "Fid-dar qatt ma tkellimna dwar reliġjon". Andre tela' f'ambjent fejn Alla lanqas biss qatt ma ta kasu. Iltaqa' ma'Alla meta kellu 23 sena, b'kumbinazzjoni ngħidu aħna. Iżda għal Alla m'hemmx kumbinazzjonijiet. Kollox ġara skond il-pjan t'Alla.

Kien it-8 ta' Lulju 1937. Andre kien għamel ħabib ma' wieħed sieħbu tax-xogħol jismu Willemin, kellu esperenzja kbira f'ħajtu li hu rrakkuntaha bid-dettalji kollha fil-ktieb: "**ALLA JEŻISTI, JIEN ILTQAJT MIEGĦU**".

### Rifes f'kappella

Kienu l-ħamsa u 10 minuti. Wara x-xogħol, Andre kien iwassal lil sieħbu d-dar. Bħas-soltu Willemin niżel jagħmel viżta qasira fil-kappella. Il-minuti rahom eternità. Andre daħal fil-kappella biex ifittex lil ħabibu. U hawn il-grazzja t'Alla laqtitu. Ra altar b'filliera xemgħa fuqu u Ġesù Sagramentat espost. U għarkubtejhom ra bosta sorijiet jitolbu. Dak il-ħin bħal Pawlu f'Damasku il-Grazzja t'Alla laqtitu. Sema leħen jgħidlu "*ĦAJJA SPIRITWALI... ĦAJJA SPIRITWALI*". Hu stess jistqarr: "Kont ħsibt f' kollox barra f'Alla. Għalija, Alla kien għadda żmienu. U ħriġt fil-5.15pm **KATTOLIKU APOSTOLIKU RUMAN**. Irxuxtat mill-ġdid u mfawwar l-ferħ f'qalbi li ma jitfissirx. Ħassejt lil Alla fija. Ferħ kbir. Bħal wieħed li kien ser jegħreq u ġie miġbur min-nawfraġju. Dħalt fil-knisja ġuvni ta' ftit akbar minn 20 sena. U ħriġt minnha qisni tarbija lest għall-Magħmudija. Lill-Kattoliċi ta' llum irrid infakkarhom li ALLA HU VERITÀ.

Alla mhux xi ħaġa. Iżda **XI ĦADD. PERSUNA. ALLA HU ĦAJ. ALLA HU TJUBIJA. ALLA HU MĦABBA U MISSIER"... u spiċċa jitlob hekk:**

**"O ALLA, O MĦABBA, LANQAS L-ETERNITÀ MHI BIŻŻEJJED BIEX NIRRINGRAZZJAK U NITKELLEM DWAREK".**

## CURZIO MALAPARTE



Kien atew magħruf. Curzio kien ilu jħoss lil Alla jsejjaħlu, imma dejjem żamm lura. F'żogħżitu ried jifga l-leħen t'Alla biex jagħmel fattih u jgħix kif irid. Iżda Kristu qagħad jistennieh.... sa fuq is-sodda tal-mewt tiegħu, ġewwa klinika f'Ruma. Ħakmitu marda kiefra. F'dik is-solitudini tal-kamra tiegħu, sab atmosfera adattata biex jirrivedi ħajtu, għad-dawl ta' dak Kristu li kien ilu jaħrablu u jiżgiċċalu. Iżda ma rnexxilux.

### Padre Virginio Rotondi

Alla nqeda bil-Ġeżwita Padre Virginio Rotondi. Dan il-ġeswita mar iżuru. Iżda Curzio kien pront qallu sa mill-bidu: "Jekk trid tiġi tarani, ejja bħala ħabib, iżda mhux bħala saċerdot." Padre Virginio ma qatax qalbu. Beda jżuru ta' ħabib ġenwin. Jinteressa ruħu fih. Għall-ewwel kien ikellmu fuq kollox, barra fuq ir-Reliġjon. Iżda meta Curzio stess ittenda li sejjer għall-agħar kien hu stess li dar lejn niesu u talabhom: "Ħa tħalluni mmut mingħajr saċerdot?"

Niesu kienu pronti sejħu lil Padre Virginio Rotondi. Fit-8 ta' Ġunju 1957 amministralu l-Magħmudija *sub-conditione*, u bl-approvazzjoni tal-Papa PijuXII amministralu l-griżma tal-Isqof u l-aħħar sagramenti. Iżda qabel, Padre Virginio kien ħejjieh billi għallmu fuq fuq il-katekiżmu. Fis-7 ta' Lulju, Curzio talab lil Padre Rotondi: "**AGĦTINI LIL ĠESÙ**". U dak li kien qabel jiftaħar li hu atew u "iben ix-xitan", issa għamel l-istqarrija tal-fidi, Fl-agunija sikwit kien jgħid: "Noffri din it-tbatija għall-għotja ta' Kristu". Ftit qabel miet qalilhom: "**ĦAFFU AGĦTUNI L-KURĊIFISS**". Miet jagħfas il-Kurċifiss b'għożża kbira bejn idejh. Kien id-19 ta' Lulju 1965. Midneb ieħor tgħannaq ma' Ġesù, fl-aħħar siegħa!

KTIEB X'TAQRA

# MHUX GĦAS-SAĊERDOTI BISS...

***Giovanni B. Gauci, "Ħsibijiet għal Jum il-Mulej", Sena B, Għawdex 2006, 144pp.; Lm 2.50c kull volum.***




*Għal bosta nsara llum, l-uniku mezz ta' kuntatt mal-Kelma ta' Alla jinsab fil-quddiesa tal-Ħadd u b'mod partikolari waqt l-omelija. Mhux hekk biss, imma mdorrijin nisimgħu ħafna kummenti dwar l-omelija, forsi għaliex mill-quddiesa kollha hu biss waqt il-ħin limitat ta' l-omelija li xi nsara jkunu qed jifhmu xi ħaġa minn dak li jkun qed isir waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa. Din l-osservazzjoni diġà hi biżżejjed biex nieħdu ħjiel ta' l-importanza li l-omelija tkun ippreparata tajjeb: tkun mibnija fuq il-Bibbja, tesponi b'mod ċar it-tagħlim tal-Knisja u tindika linji daqstant ċari ta' imġiba.*

*(a) Illum insibu diversi kotba u rivisti li jservu ta' sussidju fit-tħejjija prossima ta' l-omelija. Għall-bidu ta' din is-sena ġie stampat it-tielet u l-aħħar volum (Sena B) ta' riflessjonijiet fuq il-liturġija tal-Kelma tal-Ħadd mill-Arċidjaknu Mons. Giovanni B. Gauci, li hu l-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi ta' Għawdex. Fil-biċċa l-kbira tagħhom, il-ħsibijiet f'dawn it-tliet kotba dehru fuq il-Bullettin li joħroġ ta' kull ġimgħa mill-Knisja ta' l-Adorazzjoni Perpetwa ta' Savina, tar-Rabat, Għawdex, u huma mfittxija minn diversi saċerdoti u lajċi. Kien ħsieb għaqli li jinġabru biex hekk il-qarrejja jsibuhom aktar 'handy' għall-użu tagħhom. Vantaġġ ta' dawn il-kotba hu li r-riflessjonijiet li fihom apparti milli huma bbażati fuq il-qari bibliku, huma ntiżi li jindirizzaw is-sitwazzjoni lokali – punt li jirrendihom tassew utli biex wieħed japplika l-messaġġ għall-qagħda tas-semmiegħa. Biżżejjed tagħti ħarsa lejn it-titli tar-riflessjonijiet biex tinduna bl-attwalità tal-kontenut tagħhom.*

*(b) Ma neħdux imma l-impressjoni li dawn il-kotba jinteressaw biss lix-xandàra tal-Kelma. Għall-grazzja t'Alla, illum hawn bosta nsara li jimmeditaw il-Kelma ta' Alla u jitolbu fuqha. Il-Papa Benedittu XVI, fil-messaġġ għall-XXI Jum Dinji taż-Żgħażagħ li se jiġi ċċelebrat fuq livell djoċesan fid-9 ta' April li ġej, eżorta ż-żgħażagħ "biex jakkwistaw familjarità mal-Bibbja, biex iżommuha qrib tagħhom, biex tkun għalikom bħal boxla li turi t-triq li għandkom issegwu". B'mod partikolari, il-Papa preżenti stieden liż-żgħażagħ biex jinżlu fil-fond tal-Kelma ta' Alla permezz tal-'lectio divina'. Ovvjament l-invit tal-Papa jgħodd mhux biss għaż-żgħażagħ, imma għal kull min irid jieħu b'serjetà u impenn il-fidi nisranija li jħaddan. Ċerti riflessjonijiet bħal dawk li nsibu fil-kotba tal-Vigarju Ġenerali jistgħu jkunu ta' għajnuna kbira biex wieħed jagħmel tajjeb kemm it-tappa tal-'lectio' (il-qari tas-silta biblika, aktar minn darba, biex wieħed jifhem l-elementi prinċipali), kif ukoll il-'meditatio' (dik il-waqfa interjuri x'ħin ir-ruħ iddur lejn Alla u tipprova tifhem x'tgħid il-Kelma llum għall-ħajja konkreta).*

*Apparti dawn ir-raġunijiet, l-istil mexxej li jevita tul żejjed, il-preżentazzjoni tal-materjal u l-kwalità ta' l-istampar jirrendu kull ktieb tassew attraeanti. It-tliet volumi tat-tliet snin tal-liturġija (A, B, u C) jistgħu jinkisbu mingħand l-Awtur innifsu jew inkella mil-Lumen Christi Bookshop, Victoria, Għawdex.*

***Kappillan Dun Edward Xuereb***

**John Portelli Enterprises Ltd.**
**IATA ACCREDITED AGENT**
The Agent for all your Travel Needs!!

7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT103, GOZO, MALTA
TEL: (356) 21561212 / 21561213 FAX: (356) 2156 0133
e-mail: tokk@johnportelli.travel.com.mt
108. ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT10, MALTA
TEL: (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX: (356) 2124 7536
e-mail: sangwann@johnportelli.travel.com.mt



Arkivju Nazzjonali Għawdex

# Għawdex 300 sena ilu

Paġna mill-Arkivju Nazzjonali -143

Riċerka ta' Joseph Bezzina ©2006

## Paga ta' Erba' Xhur lis-Surmast

Id-dokument numru mija tlieta u erbgħin li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu traskrizzjoni tal-ħlas tal-paga tas-surmast ta' l-iskola ta' Għawdex. Jinsab reġistrat fid-disa' volum ta' l-*Acta* ta' l-*Universitas Gaudisii*, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1705–1706), folju 24r (NAG, UG, Acta, 9/1705–1706, f. 24r).

Din hi traskrizzjoni ta' l-awtoriżazzjoni tal-ħlas:

**Pro Signore Notaio Aloysio Grech, giurato e tesoriere, di questa Università del Gozo pagarete al sacerdote Don Agostino Debono, mastro di scuola, Scudi dieci di moneta; se gli devono per suo salario di mesi quattro incominciati il primo Gennaro prossimo passato e da finirsi l'ultimo instante a ragione di Scudi trenta l'anno, gli da detta Università per suo tratentimento di che tirando nostra cautela ponerete nei nostri conti, li 10 aprile 1706.**



L-Università ta' Għawdex sa mill-qedem kellha l-piż li tħallas għaż-żamma ta' skola. Il-Knisja Matriċi ta' Għawdex kienet ukoll tagħti sehem għaż-żamma ta' l-istess skola. L-iskola fil-fatt tissemma għall-ewwel darba fil-vista appostolika magħmula Għawdex fi Frar 1575 minn Monsinjur Pietru Dusina, visitatur appostoliku. Għal din ir-raġuni l-iskola msemmija f'dan il-ħlas ġie li ssejħet ukoll l-iskola tal-Matriċi. Fl-iskola kien isir it-tagħlim tal-Grammatka u tax-Xjenzi Umanistiċi.

Il-għotja tal-Matriċi għaż-żamma ta' din l-iskola kienet issir 'l għaliex f'din l-iskola kienu jibdew iħejju ruħhom il-kjeriċi li eventwalment kienu jkomplu għal qassisin. Din il-għotja għalhekk kienet isservi ta' sussidju jew *scholarship* għal dawn il-kjeriċi.

Fl-1575, skond it-tagħrif li jagħtina Pietru Dusina, l-*Universitas* kienet qiegħda toħroġ ħames skudi, waqt li l-Knisja Matriċi kienet qiegħdha toħroġ id-doppju, jiġifieri għaxar skudi.

Minn dokument ta' 127 sena wara l-vista ta' Dusina, jiġifieri tas-sena 1702 – li kien ippublikat ukoll f'din is-serje – nafu li l-paga kienet irduppjat. Minn ħmistax-il skut fis-sena (2.91 Ewro), is-surmast beda jitħallas tletin skut (5.82 Ewro). Hekk kienet għadha tliet mit sena ilu. Id-dokument li qegħdin nippublikaw juri li l-paga kienet titħallas għaxar skuti kull erba' xhur. Dan il-ħlas hu ta' l-ewwel terz, minn Jannar sa April.

Tliet mit sena ilu, is-surmast ta' din l-iskola kien Don Agostino Debono. Dan kien laħaq wara Dun Onorato Giumondo, li kien laħaq flok zijuh Fra Ġakbu Selon.


RAYMOND CEFAI

TAL-KELBA LTD.

- BUILDING CONTRACTOR
- CRANE &
GENERATOR HIRE



"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.
Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169



# IL-MISTERU TA' L-EWKARISTIJA

KITBA TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI

(ID-DISA' PARTI)

## IL-MINISTRU TA' L-EWKARISTIJA U T-TQARBIN

Fil-quddiesa, Kristu huwa s-Saċerdot il-Kbir u etern li joffri s-sagrifiċċju tiegħu nnifsu, iżda Kristu ma jidherx; is-saċerdot li jidher huwa l-presbiteru, ċioè in-nisrani li rċieva wkoll is-sagrament ta' l-Ordni Sagru u sar qassis.

Meta nitkellmu dwar il-ministru tas-Sagrament ta' l-Ewkaristija, irridu niddistingwu bejn il-ministru tal-konsagrazzjoni u l-ministru tad-distribuzzjoni ta' l-Ewkaristija jew tat-Tqarbin. Il-Knisja dejjem għallmet li skond ir-rieda ta' Kristu, l-uniku ministru tal-konsagrazzjoni ta' l-Ewkaristja Mqaddsa huwa l-presbiteru, jiġifieri s-saċerdot.

Il-Konċilju ta' Nicea, (kan.18), waqt li kkonċieda lid-djakni s-setgħa li jġorru l-Ewkaristija, jgħid espressament li ma għandhomx is-setgħa li jikkonsagraw. Ir-Raba' Konċilju tal-Lateran, (1215) dwar l-Ewkaristija stqarr: "Dan is-sagrament jista' jiġi kkonsagrat biss minn presbiteru ordnat leġittimament" (Denz.430). Fid-digriet lill-Armeni jingħad li "dan is-sagrament jagħmlu s-saċerdot bil-kliem li jgħid f'isem Kristu "*in persona Christi*" (Denz.698). Il-Konċilju ta' Trentu ddefinixxa l-istituzzjoni tas-saċerdozju speċjali, differenti minn dak komuni ta' l-imgħammdin kollha u li hija riservata biss lil min hu ordnat saċerdot, il-fakultà tal-konsagrazzjoni (Denz.961,949).



Fost ir-raġunjiet li jġib San Tumas għaliex is-saċerdot huwa l-ministru tal-Ewkaristija (*S.Theol. III q.82,a 3*) jgħid li s-saċerdot huwa mqiegħed bħala medjatur bejn Alla u l-poplu; il-medjatur għandu mhux biss iressaq u joffri lil Alla dak li joffrulu l-bnedmin, iżda għandu jagħti wkoll lill-poplu d-doni li Alla jqaddes.

Skond il-Liġi tal-Knisja "il-ministru ordinarju tat-Tqarbin huwa l-isqof, il-presbiteru u d-djaknu" (Kan.910,p.1). Iżda barra mill-ministri ordnati li semmejna, jistgħu jiġu maħtura wkoll il-lajċi biex iservu bħala ministri straordinarji tat-Tqarbin. Kif jgħidilna t-tieni paragrafu tal-kanoni 910, "ministru straordinarju tat-Tqarbin hu l-akkolitu, u anki xi nisrani ieħor li jiġi nkarigat biex jagħmel dan, skond il-ħtieġa li jkun hemm. Kif insibu fl-istruzzjoni "*Redemptoris Sacramentum*" tal-25 ta' Marzu 2004 maħruġa mill-Kongregazzjoni tal-Kult Divin u tad-Dixxiplina tas-Sagramenti (n.155), meta jkun hemm raġunijiet ta' neċessità pastorali, l-isqof djoċesan jista' jaħtar xi nsara lajċi bħala ministri straordinarji tat-Tqarbin, u għal dan l-att ta' ħatra tintuża l-formula propja ta' benedizzjoni. Is-saċerdot li jippresiedi ċ-ċelebrazzjoni ewkaristika jista' jagħti dan il-permess kull darba li tinqala' l-ħtieġa, iżda biss f'każijiet partikulari u imprevisti.

### *Tqarbin bl- ispeċi tal-ħobż biss*

Il-qassis li jiċċelebra l-quddiesa għandu jitqarben biż-żewġ speċi tal-ħobż u tal-inbid, iżda mhux meħtieġ għall-insara, u dawn biżżejjed jitqarbu bi speċi waħda, bl-Ostja Kkonsagata biss. Difatti Kristu qalilna: "Min jiekol dan il-ħobż, ikollu l-ħajja ta' dejjem (Ġw.6,51) "Il-ħobż li jiena nagħti, huwa ġismi għall-ħajja tad-dinja"(Ġw.6,42). B'dan il-kliem, Kristu wiegħed il-grazzja tiegħu, anke meta l-Ewkaristija tingħata bi speċi waħda, tal-ħobż ikkonsagrat.

Xi eretiċi bħal Hussiti u ċerti teologi tar-riforma, kienu jżommu li kien meħtieġ li t-tqarbin isir biż-żewġ speċi

tal-ħobż u ta' l-inbid ikkonsagrati; iżda kemm il-Konċilju ta' Kostanza kif ukoll dak ta' Trentu, ikkundannaw din l-opinjoni, għaliex Kristu jinsab kollu u sħiħ taħt kull waħda mix-xbiehat. Il-Konċilju ta' Trentu kien ta l-iskomunika lil min jiċħad li "fis-Sagrament venerabbli tal-Ewkaristija, Kristu sħiħ jinsab f'kull waħda mill-ispeċi u f'kull parti minnhom".

Għad li fl-ewwel żminijiet, l-insara kienu jitqarbnu kemm bl-ostja kif ukoll bl-inbid ikkonsagrat, iżda kienu jsiru eċċezzjonijiet li fihom it-tqarbin kien isir bi speċi waħda biss, bħal fil-każ tat-tqarbin lit-tfal żgħar, u meta kien jittieħed lill-morda fi djarhom jew lill-insara li kienu ġew arrestati u mitfugħin fil-ħabs, minħabba l-fidi tagħhom. Għal raġunijiet prattiċi, fit-tnax u t-tlettax il-seklu ġie abbolit it-Tqarbin mill-kalċi, l-iktar biex jiġi evitat il-periklu tal-profanazzjoni tas-Sagrament. Skond it-tagħlim tal-fidi kattolika, in-nisrani ukoll meta jitqarben bi speċi waħda biss, jirċievi lil Kristu sħiħ kollu kemm hu u jieħu s-sagrament veru; u għalhekk it-Tqarbin bi speċi waħda ma jtellef xejn mill-frott sagramentali u ma jnaqqas ebda grazzja meħtieġa għas-salvazzjoni (Istituzzjoni Ġenerali tal-Missal Ruman, n. 241).

Madanakollu, "bl-iskop li tiġi murija lill-fidili, b'mod tassew ċar, il-milja tas-sinjal fl-ikla ewkaristika, anke l-lajċi jiġu aċċettati għat-Tqarbin biż-żewġ speċi, fil-każijiet msemmija fil-kotba liturġiċi" (*Redemptoris Sacramentum*, n.100). Fost dawn l-okkażjonijiet li fihom jista' jsir it-Tqarbin biż-żewġ speċi, l-Istituzzjoni Ġenerali tal-Missal Ruman, n.242 issemmilna l-quddies li fih issir il-Magħmudija ta' l-adulti, il-Griżma ta' l-Isqof, l-Ordinazzjoni jew l-għoti ta' ministeri, iċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament taż-Żwieġ.

## *Il-ħtieġa tat-Tqarbin*

Kristu nnifsu jurina l-ħtieġa u d-dmir li nirċievu l-Ewkaristija, meta qal: "Tassew, tassew ngħidilkom, jekk ma tieklux il-ġisem ta' Bin il-Bniedem u ma tixorbux demmu, ma jkollkomx il-ħajja fikom" (Ġw.6,53). Madanakollu, dan id-dmir mhux ġej minn ħeċessità ta' mezz, bħal ma hija l-Magħmudija, iżda huwa preċett divin għax ġej mill-kmand li tana Kristu l-Mulej.

Il-Knisja qatt ma għallmet li t-Tqarbin huwa mezz neċessarju għas-salvazzjoni, ċioè li min ma jitqarbinx ma jistgħax isalva; anzi, il-Konċilju ta' Trentu jiċħad l-opinjoni ta' dawk li jgħidu li t-Tqarbin huwa meħtieġ għat-tfal żgħar qabel ma jilħqu l-età tar-raġuni.

Iżda hija duttrina ċerta, għad li mhix definita mill-Knisja, li t-Tqarbin għall-kbar huwa meħtieġ b'neċessità ta' preċett. Hija ddeterminat iktar mill-qrib il-preċett divin bil-liġi tagħha, li wliedha għandhom jirċievu l-Ewkaristija għall-inqas darba fis-sena, fi żmien il-Għid. Dan il-Knisja ordnatu kemm fil-Konċilju tal-Lateran (1215).(Denz.437) kif ukoll f'dak ta' Trentu li bil-kanoni 9 tat-tlettax is-sessjoni ikkundanna lil min jiċħad li l-insara, wara li jidħlu fl-età tar-raġuni, għandhom l-obbligu li jitqarbnu għall-inqas darba fis-sena għall-ħabta tal-Għid. Però l-insara ma għandhomx jikkuntentaw bi Tqarbina ta' darba fis-sena, li huwa l-minimu li titlob minnhom il-Knisja, iżda għandhom jitqarbnu wisq iktar ta' spiss. Dan l-istess Konċilju, wera x-xewqa li "l-insara, kull meta jattendu għall-quddiesa, jersqu jitqarbnu, mhux biss bix-xewqa, iżda bit- Tqarbina Sagramentali" (Denz. 944).



Il-kanoni tal-Kodiċi tal-Liġi Kanoni 920 par.1 jippreskrivi li "kull nisrani, wara li jkun tqarben għall-ewwel darba, għandu d-dmir li jirċievi l-Ewkaristija għall-inqas darba fis-sena", u Kanoni 921 par.1 jgħidilna li "L-insara li jkunu jinsabu fil-periklu tal-mewt, tkun xi tkun il-kawża tiegħu, għandhom jingħataw it-tqarbin bi Vjatku".

### *Is-Suġġett tat-Tqarbin u t-tħejjija għal dan is-Sagrament*

Għandu l-jedd li jista' jitqarben, min huwa mgħammed u mhux iprojbit mil-liġi tal-Knisja. Bħala regola, is-saċerdoti, kif tgħidilna l-istruzzjoni "*Redemptoris Sacramentum*" n.85 għandhom jamministraw is-sagramenti lill-fidili kattoliċi biss. L-istess istruzzjoni tosserva li "jeħtieġ li tiġi mogħtija attenzjoni sabiex ma jersqux għat-Tqarbin Imqaddes dawk li, b'nuqqas ta' għarfien ma humiex kattoliċi, u saħansitra dawk li ma humiex insara" (n.84). Rigward l-insara li ma humiex kattoliċi għandhom jiġu osservati r-regoli tad-Direttorju għall-Ekumeniżmu tal-25 ta' Marzu 1993. Skond il-Kanoni 844 par.3 il-membri tal-Knejjes Orjentali, li ma għandhomx komunjoni sħiħa mal-Knisja Kattolika, jistgħu jiġu ammessi għall-Qrar, għall-Ewkaristija u għall-Griżma tal-Morda, jekk jitolbu minn rajhom u jkunu disposti li jirċievu s-sagrament. L-istess jgħodd ukoll għall-membri ta' Knejjes oħra, li fil-fehma tas-Sede Appostolika, sa fejn għandhom x'jaqsmu s-sagramenti msemmija, qegħdin fl-istess kondizzjoni tal-Knejjes Orjentali.

Fil-każ tat-tfal għandhom jiġu osservati n-normi tal-Kanoni 913 li jgħid:

Par. 1 "Biex tkun tista' tiġi amministrata l-Ewkaristija lit-tfal jeħtieġ li huma jkollhom tagħlim suffiċjenti u preparazzjoni bir-reqqa, hekk li jagħrfu, skond il-kapaċità tagħhom u jkunu jistgħu jieħdu il-Ġisem tal-Mulej bil-fidi u d-devozzjoni".

Par. 2 "Iżda lit-tfal li jkunu fil-periklu tal-mewt tkun tista' tigi amministrata l-Ewkaristija Mqaddsa, jekk jistgħu jagħżlu l-Ġisem ta' Kristu mill-ikel komuni u jafu jirċievu bil-qima t-Tqarbin".

*(jissokta)*

FOLKLOR GĦAWDXI

*Anton F. Attard jirrakkonta u jfisser...*



drawwiet missirijietna

© Anton F. Attard

# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(L-Erbgħa u Erbgħin Parti )*

*(ikompli mal-aħħar ħarġa)*

## *IT-TEWM*

**It-tewm għandu l-fama ħażina li jħalli riħa tinten fil-ħalq, meta jittiekel nej. Imma b'daqshekk ma jfissirx li dan il-wiċċ m'għandux importanza. Wieħed irid biss jistaqsi lill-mara tad-dar jew lil xi kok biex ikun jaf kemm hu importanti t-tewm fit-tisjir. Għandu wkoll valur mediċinali u jagħmel ġid kbir lis-saħħa.**

Kien hemm żmien meta xi tewm minn dawn il-gżejjer kien jiġi esportat lejn il-Greċja u lejn Tuneż, u anki għal pajjiżi oħra bħall-Indja! It-tewm ta' dawn il-gżejjer minn dejjem kien magħruf għat-togħma qawwija tiegħu, l-aktar dak li jkun tkabbar fir-raba' bagħli, għalkemm dan prodott ta' l-istaġun tax-xita.

### *Il-Biedja tat-Tewm*

Bħal fil-każ ta' kull wiċċ ieħor, l-art fejn ikun se jinżera' t-tewm għandha tinħadem minn qabel u tiddemmel sewwa.

Iż-żrigħ jista' jsir b'żewġ modi: jew bil-bejta jew bir-radda, li dari kienet issir permezz ta' moħriet tal-bhima. Meta wieħed jiżra' bil-bejta, kien iħaffer ħofriet żgħar b'madwar xiber imbegħdin minn xulxin, imbagħad jordom fihom minn tlieta sa ħames sinniet tewm.

Meta wieħed jiżra' bir-radda, kien jitfa' tewma waħda ftit imbiegħda mill-oħra, u għalhekk, bħala żrigħ kien metodu aħjar għax it-tewm ikun imbiegħed iżjed u għalhekk iħaxxen iżjed u r-ras issir aħjar. Billi biż-żrigħ bir-raded tidħol miżergħa iktar milli tidħol fiż-żrigħ bil-bejta, il-prodott għal kull tomna raba' jkun wisq iżjed. Iż-żrigħ tat-tewm isir qabel l-ewwel xita tal-ħarifa. Għalhekk, il-qawl ifakkarna sew meta għandu jinżera' t-tewm: *San Mattew, żrigħ it-tewm.* San Mattew jiġi fil-21 ta' Settembru.

Xi għamliet ta' tewm oħxon li daħlu minn barra bdew jinżergħu fil-bidu tas-seklu għoxrin. Dan it-tewm jagħmel ras u snien ftit eħxen minn ta' Malta u jkollhom lewn aktar bajdani, u ma jidhirx li jkollu l-istess togħma qawwija bħat-tewm tagħna. Dawn il-għamliet ta' tewm jitilgħu b'roqba qasira, bil-weraq mimdud ma' l-art u jdumu ma jtawlu r-roqba tagħhom. Roqba tfisser iz-zokk li fuqu jkun hemm il-qalba tax-xitla. Għalhekk, waqt it-tinqix u t-tinqija ħafna min-nebbiet jitqaċċat u jittajjar. It-tewm tagħna, għalkemm ma jħaxxinx ir-ras u s-snien daqs dak ta' barra, jogħla iżjed malajr fuq ir-roqba tiegħu. It-tewm iridhom wisq it-tinqix u l-indafa. Meta l-ħamrija titħalla samma u mitbuqa ma jkollniex wiċċ sabiħ.

### *Twemmin dwar it-tewm*

It-tewm mhux dejjem jikber l-istess. F'xi snin jibqa' qerqni u baxx, u fi snin oħra jogħla malajr fuq ir-roqba u jħaxxinha kmieni. Għall-aħħar ta' Jannar ikun jista' jibda jinqala' għall-bejgħ bħala tewm aħdar.

Meta jdum ma joħloq u jogħla fuq ir-roqba, dak ifisser li dik is-sena sejjer jagħti wiċċ bejjieni (hekk u hekk) jew ħażin. Dari kienu jemmnu li dan ikun ġej mhux mill-art jew min-nuqqas ta' xogħol, imma mill-annata ħażina.

### *Mard*

It-tewm iħobb jimrad bin-nogħra jew bis-sadid u dan jidher bħala tikek ħomor jew sewdenin matul il-werqa kollha. Dan il-mard aktarx jidher għal dħul Marzu, imma f'xi snin ta' annata ħażina jidher sa fuq in-nebbiet xi xahar wara l-ewwel xita, u hemm wieħed jista' jgħid li l-prodott se jkun wieħed imgħarraq.

B'dan is-sadid jew nogħra, li jidher fi Frar jew Marzu, il-werqa tinxef u s-snien tat-tewm ma jeħxinux kemm imissħom. Din il-marda hi qalila wisq għax tibqa' minn sena għal oħra, tittieħed mir-ras u mis-snien tat-tewm, u għalhekk tewma tkun marida sa minn qabel ma timrad, u billi t-tewm jitnissel mis-snien u mhux biż-żerriegħa, hekk jiġi li l-marda tibqa' titnissel u ma tinqered qatt

### *Rimedju*

Bħala rimedju dari kienu jtaffu jew inaqqsu xi ftit il-ħsara billi qabel iż-żrigħ igħaddu s-snien minn ġo l-ilma tal-kupru, li jsir billi wieħed kien iħoll kwart kupru fi tliet galluni ilma. Is-snien tat-tewm qabel ma jiżirgħuhom kienu jqegħduhom ġo ċurniena u jxarrbuhom ġo l-ilma tal-kupru għal xi żewġ minuti. Imbagħad, jifirxuhom għax-xemx u jnixxfuhom qabel ma jiżirgħuhom. B'dan il-mod il-ħsara tonqos u l-marda ma tkunx hekk ħarxa li ma tħallix ir-ras tingħamel u teħxien sewwa.

***Il-Ġbir tat-Tewm***

It-tewm għandu jinqala' mill-art qabel ma jinxef għal kollox, imma lanqas m'għandu jinqala' qabel ma jkun sfar u wasal biex jinxef, ħalli r-ras tilħaq tingħamel sew.

Malli jinqala', it-tewm għandu jintrabat f'mazzi u l-mazzi jitperrċu wieħed fejn l-ieħor fejn igħaddilhom ir-riħ taħt is-siġar jew fid-dell biex ma jinxfux f'salt. Il-bdiewa jafu li meta jinqala' t-tewm u jkun għadu ma nixifx għal kollox, ir-ras tibqa' teħxien u titmantna mir-roqba sakemm din tinxef għal kollox. Għalhekk, ma jkunx hemm telf jekk it-tewm jinqala' xi ftit kmieni. Barra minn dan, meta jinqala' kmieni, it-tewm ikun jista' jintrabat mazzi, kif jitlob is-suq.

Mill-banda l-oħra, meta jinxef għal kollox fl-art, it-tewm aktarx jinqala' ħażin, jitqaċċat, ħafna rjus jinqatgħu u jintilfu, u hekk it-telf jikber. Meta wieħed jiġi biex jorbtu, imbagħad, isib li r-roqba tkun tbasktet u tfarrket, u ma tkunx tista' torbot it-tewm f'mazzi.

***Tewm għall-Bejgħ***

Kif kienu jorbtuh it-tewm dari għas-suq lokali u għas-suq ta' barra? Interessanti li nkunu nafu.

Għas-suq lokali t-tewm kien jintrabat f'mazzi żgħar biex jinbiegħu bil-wieħed bi prezz baxx. Dawn il-mazzi, imbagħad, jintrabtu f'qatet kbar ta' tnax jew għoxrin mazz żgħir. Dawn kienu jissejħu wkoll faxx tewm għax il-kelma faxx ifisser qatta.

Għas-suq ta' barra l-irbit kien isir xort'oħra. It-tewm ma kienx jintrabat f'mazzi, imma f'għenieqed bħal ħannieqa, maħdumin bħal malja, kull milwa twila xi xibrejn u nofs. Dan biex it-tewm ikollu figura isbaħ, u l-ftit xogħol li wieħed jieħu iżjed jitpatta billi jitfittex iżjed u jitħallas aħjar.

Din il-malja kienet issir malli t-tewm jinqala', u qabel ma jilħaq jinxef, u kull malja jew milwa titqiegħed tinxef fid-dell u fejn tgħaddi l-fewġa, waħda fejn l-oħra, mhux waħda fuq l-oħra, biex it-tewm ma jaħbatx jeħmer (jiffermenta) u r-ras titlef lewnha abjad griż u tikrieh għas-suq.

Għalkemm il-metodi antiki, kif fissirniehom hawn fuq, għadhom jiswew, b'dana kollu llum il-bidwi jrid jimxi maż-żminijiet moderni u mar-regoli li joħroġ id-Dipartiment ta' Agrikultura għall-bejgħ tal-prodotti fil-pitkalija jew għall-esportazzjoni.

## ĦXEJJEX VEĠETALI GĦALL-IKEL

Matul is-sena l-biedja tipproduċi għadd ta' ħxejjex veġetali differenti li jservu bħala ikel u li bihom il-mara tad-dar tħejji u ssajjar l-ikel għall-familja. F'din it-taqsima se naraw fil-qosor liema huma dawn it-tipi ta' ħxejjex li nsibu minnhom għall ikel matul is-sena. Dwar x'uħud minn dawn diġa' tkellimna fit-tul fuqhom.

***Il-Kromb***

Meta ngħidu kromb nifhmu fjur tal-pastard, ġidra, kaboċċi, kaboċċi taz-zokk, brokkli, u anki felful li jkollu ħafna weraq u zokk oħxon. Fjuri tal-pastard hemm kważi ta' kull xahar imma l-aktar importanti jilħqu għall-qtugħ f'Novembru, f'Diċembru, Jannar, Frar, Marzu u April. Il-kromb jista' jkun tas-saqwi, u dan jitħawwel fis-sajf, f'Lujlu u Awissu, kif ukoll bagħli li jitħawwel f'Settembru. Il-kromb bagħli, jiġifieri dak mhux imsoqqi, sakemm ma tagħmilx xita jrid igħix bit-tira, jiġifieri l-għeruq isoffu mill-indewwa jew umdità li jkun hemm fil-ħamrija. (Il-kelma tira f'dak li hu aċċent taqbel mal-kelma nida). Jingħad li l-kromb bagħli aktar ikollu togħma tajba minn dak tas-saqwi.

***It-Tewm u l-Basal***

Żewġ ħxejjex veġetali oħra importanti huma t-tewm u l-basal. Jidħlu f'ħafna riċetti ta' l-ikel. Kienu jintużaw ukoll f'riċetti tradizzjonali bħala mediċina. Il-bdiewa jikluhom nejjin mal-ħobż biż-żejt. Tajbin ħafna għas-saħħa, għalkemm wara jħallu riħa tinten. Illum dawn il-prodotti aktarx li jinbiegħu bl-użin.

***Il-Qara'***

Kategorija oħra ta' ħxejjex veġetali għall-borma hija dik tal-qara', li minnu hemm diversi kwalitajiet bħal qara' bagħli, qara' xitwi, qara' aħmar, u qara' twil, u l-ħjar. Minn dawn kollha l-ħjar jittiekel nej. Ħafna tipi ta' qara' jistgħu jikbru fir-raba' bagħli, imma oħrajn bħall-qara' twil u l-ħjar imorru aħjar fis-saqwi.

***Ħxejjex tal-Għeruq***

Xi ħxejjex jitkabbru għall-għeruq tagħhom u nsibuhom l-iżjed fl-inħawi fejn hemm is-saqwi. Fost dawn il-ħxejjex insibu l-karrotti jew zfunnarija, il-pitravi, il-fiġel, u r-ravanell. Il-karrotti jagħtuhom ukoll lill-bhejjem, baqar, gniedes, barrin u ħmir.

***Ħxejjex għall-weraq***

Ħxejjex li minnhom nieħdu l-weraq hemm diversi, u ta' razez differenti. Insemmu qabel xejn l-ispinaċi li tista' tingħalla, u tintuża f'ħafna riċetti. Il-ħass ukoll jitkabbar għall-weraq, għalkemm dan jiġi kkunsmat nej. Il-ħass jitnissel biż-żerriegħa. Għandna wkoll l-indivja għall-insalata li titkabbar f'żewġ tipi. Għandu mnejn l-aqwa ħaxixa li nieħdu minnha l-weraq imsajjar u l-qalba hija l-qaqoċċ.

Il-pjanta tal-qaqoċċ hija waħda perenni, li ddum tgħix għal ħafna snin, għalkemm fis-sajf torqod u tnixxef il-weraq. Madwar ix-xitla-omm jikbru ħafna xtieli żgħar li jistgħu jinfirdu minn ommhom u jitħawlu għalihom.

***Brunġiel u Bżar Aħdar***

Il-brunġiel u l-bżar aħdar, u anki dak aħmar u isfar, jitkabbru għall-frotta tagħhom. Iżda fil-waqt li l-bżar jista' jittiekel nej jew ma' l-insalata kif ukoll imsajjar, il-brunġiel jiġi kkunsmat misjur f'bosta riċetti, inkluża dik tal-brunġiel mixwi (flimkien mal-basla) u rranġat biż-żejt u t-tewm. Ma' dan il-grupp ta' frott veġetali nistgħu nsemmu wkoll il-filfel li jintuża l-aktar maż-żebbuġ u l-pikles.

***Il-Legumi***

Taqsima oħra ta' ħxejjex ta' l-ikel huma l-legumi, jiġifieri dawk il-pjanti li jagħmlu l-imżiewed: ful, piżelli, u żofżfa, ċikkarda u ġulbiena (dawn ta' l-aħħar jagħtuhom bħala għalf lill-bhejjem). Bħala pjanta selvaġġa li dari kienet imfittxa ħafna, nistgħu nsemmu l-qrempuċ. Il-ful u l-piżelli jittieklu ħodor, u jistgħu jissajru wkoll meta jkunu nexfin. Bil-ful niexef jagħmlu l-bigilla, pero' din issir Malta u mhux Għawdex. Ma' dawn il-pjanti nistgħu nsemmu wkoll iċ-ċiċri li kienet tinbiegħ ħadra għall-ikel.

***Ħxejjex Aromatiċi***

Nagħlqu din il-kitba bi ħxejjex oħra importanti ħafna u li llum qegħdin jinxtraw minn x'uħud nexfin fil-pakketti flok ma nkabbruhom fil-ġnien, fil-qsari u f'xi konka fil-bitħa.

Dawn huma l-ħxejjex aromatiċi: il-karfus, tursin, nagħniegħ, ħabaq, mertqux, bużbież, salvja u l-weraq tas-siġar bħalma hu r-rand iżda l-ħlewwa, il-ġulġlien, u l-kosbor (għaz-zalzett) kienu jiġu mill-pajjiżi Għarab.

Dettalji oħra dwar xi ħxejjex aromatiċi nagħtuhom xi darba oħra.

*(Jisskota)*

# 11. Ta' Ċenċ, post ta' importanza internazzjonali

*Kitba ta' Timothy J. Tabone*




**Issa li l-ispettru ta' l-iżviluppaturi reġa' tefa' ħarstu mill-ġdid fuq Ta' Ċenċ, inħoss li għandi nitkellem dwar il-valur enormi, kemm ekoloġiku u kemm storiku, li għandu dan il-post. Permezz ta' dan l-artiku jiena bi ħsiebni ninforma lill-pubbliku, b'mod speċjali lill-poplu Għawdxi, dwar xi speċi mill-fawna u l-flora rari ta' dan il-post u li jinsabu mhedda.**

## Lokalità ta' l-Għasafar b'Importanza Globali

*(Global Important Bird Area – IBA)*

Fl-irdumijiet tinsab l-akbar kolonja ta' **Ċief** *(Calonectris diomedea – Cory's Shearwater)* fil-gżejjer Maltin. Din tikkonsisti f'madwar 1,000 par. Hemm ukoll kolonja ta' **Ġarni** *(Puffinusyelkouan – Yelkouan Shearwater)* ta' 150 sa 300 par. Minħabba l-kolonji ta' bejtiet ta' dawn iż-żewġ tajriet tal-baħar, l-irdumijiet Ta' Ċenċ ħadu fama internazzjonali bħala Lokalità Importanti għall-Għasafar.

Dawk li jiddefendu l-iżvilupp propost aktarx li jġibu l-argument li ebda bini m'hu se jitħalla jitla' f'anqas minn mitt metru mill-irdumijiet. Imma dan hu argument



fjakk. Iċ-ċief u l-ġarni huma sensittivi ħafna għad-dawl, u jidħlu biss fit-toqob tal-bejtiet tagħhom f'iljieli bla qamar, waqt li jqattgħu il-jum ifittxu l-ikel fil-baħar miftuħ.

Meta jkun lejl ta' qamar kwinta, għadd kbir minn dan it-tajr jistenna sakemm il-qamar ikun resaq sewwa lejn l-orizzont ta' Lvant qabel jiddeċiedi li jidħol fil-bejta. Għalhekk, kull tniġġis mid-dwal li jkunu ġejjin mill-vilel li jkunu għadhom kemm inbnew aktarx li jġiegħel lil dan it-tajr jabbanduna dan il-post.

Barra minn hekk fl-irdumijiet ibejtu wkoll 25 par ta' **Kanġu ta' Filfla** *(Hydrobates pelagicus – Storm Petrel)* u minn 8 sa 10 pari ta' l-għasfur nazzjonali, **il-Merill** *(Monticola solitarius – Blue Rock Thrush)*. Imbagħad, aktar 'il ġewwa mix-xifer, fil-wilġa ġeblija nsibu waħda mill-aħħar lokalitajiet fejn ibejtu speċi ta' għasafar li n-numru tagħhom qiegħed dejjem jonqos: **il-Bilbla** *(Calandrella brachydactyla – Short-toed Lark)*, **il-Bufula l-Ħamra** *(Sylvia conspicilata – Spectacled Warbler)* u **d-Durrajsa** *(Emberiza calandra – Corn Bunting)*. Dawn l-ispeċi msemmija aktar 'il fuq huma kollha protetti mill-liġi.

## Il-Flora

L-irdumijiet huma wkoll il-post fejn jikbru żewġ speċi endemiċi rari: Il-fjura nazzjonali **Widnet il-Baħar** *(Paleocyanus crasifolius – Maltese Rock Centuary)* u **l-Bjanka ta' l-Irdum** *(Cremnophyton lanfrancoi – Maltese Cliff Orache)*, it-tnejn li huma protetti bil-liġi.

Il-kelma *endemiċi* tfisser li dawn ma jinstabu mkien aktar fid-dinja, ħlief fil-Gżejjer Maltin.

Il-blat tal-franka hu għani b' għadd ta' pjanti selvaġġi lokali li fl-istess ħin huma rari. Fost dawn insibu l-**Bellusa** *(Iris pseudopumila – Southern Dwarf Iris)* li hi endemika għal Malta, Sqallija u Apulia; l-**Għansar Ikħal** *(Scilla Sicula – Maltese Squill)* li hi pjanta endemika għal Malta u Sqallija; speċi ta' *Tengħud tax-Xagħri (Euphorbia characias – Lare Spurge)* xitla rari f'Għawdex u tinsab biss fix-Xlendi u f'Ta' Ċenċ; ***Tesium humile*** – pjanta parzjalment parassita, rari; speċi ta' **Barrum** rari *(Piptatherum caerulenscens – Blue Millet-grass)* f'periklu ta' estinzjoni u li jinstab f'lokalità waħda f'Malta, barra f'Ta' Ċenċ; u l-**Koronilla** *(Coronilla valentina – Shrubby Crown Vetch)* li mhux daqshekk komuni f'Malta imma rari ferm f'Għawdex.

F'dan il-post wieħed jiltaqa' wkoll ma' għadd ta' għadajjar tal-blat mill-isbaħ li jagħtu l-ħajja lid-**Damażonju** *(Damasonium bourgaei – Mediterranean starfruit)* xitla rari ħafna u li bil-mod qiegħda tgħib; u liż-**Zannichelia melitensis** *(Maltese Horned Pondweed).*

Iż-żewġ speċi: **Il-Felċi Rqiqa** *(Aspllenium trichomanes – Common Spleenwort)* u speċi rari ta' **Ilsien il-Fart** *(Echium subulicola - Sand Vipers – Bugloss)* huma lokali u wkoll jinsabu fil-periklu ta' estinzjoni. Dawn ma jinsabu mkien fil-Gżejjer Maltin ħlief f'Ta' Ċenċ.

**Ta' min jgħid li Ta' Ċenċ qatt ma kien mistħarreġ b'mod profond u għalhekk aħna nafu parti żgħira wisq dwar il-flora u fawna ta' dan il-post. U biex wieħed jieħu idea ta' kemm baqa' x'niskopru f'dan il-post, irrid insemmi l-każ ta' l-*Aspllenium trichomanes* li semmejt aktar 'il fuq. Din il-pjanta kienet ilha ma tidher għal tmenin sena, tant li kien maħsub li kienet estinta, sa ma skoprejtha mill-ġdid f'Ottubru li għadda.**

## L-Arkeoloġija

Ta' Ċenċ hu wieħed mill-ftit postijiet f'Għawdex fejn wieħed jista' jsib il-raddi tar-roti *(cart ruts)*. Hemm ukoll il-fdalijiet tal-Borġ ta' l-Imramma li huma ta' Żmien l-Imqades (4100 QK – 2500 QK) u d-dòlmen ta' Żmien il-Bronż.

## L-Iżvilupp Maħsub

**Hemm il-ħsieb li jingħata bidu għall-proġett enormi li se jikkonsisti fil-bini ta' 49 *bungalow*, 67 villa u lukanda ġdida – prattikament raħal sħiħ kbir daqs il-Belt Valletta u l-Furjana flimkien. Dan żgur li se jeqred għal kollox l-akbar lokalità fi stat naturali li hemm f'Għawdex u hekk se jfaqqar il-ħajja selvaġġa ta' pajjiżna. Barra dan hemm ukoll għajdut li se tinbena korsa tal-golf, minkejja li għad m'hemm ebda applikazzjoni għal dan il-proġett.**

Ippermettuli nissuġġerixxi li Ta' Ċenċ hu post ideali fejn wieħed jista' jiżviluppa l-industrija lokali ta' l-għasel minħabba ammont kbir ta' xitel tas-**sagħtar** *(Thymbra capitata – wild thyme)* li hemm f'din il-lokalità. Dan ikun tassew żvilupp ekonomiku favur l-ambjent, għaliex il-frieħ tan-naħal jiddependu għal kollox minn firxiet ta' veġitazzjoni *garigue* selvaġġa li mhix mimsusa minn id il-bniedem. Barra minn hekk, **dan il-post hu wieħed mill-aqwa li għandna f'pajjiżna għall-ekoturiżmu u t-turiżmu kulturali.**

Matul ix-xhur tas-sajf, wieħed jista' jorganizza ġiti bil-lejl għall-gruppi ta' turisti. Dawn jistgħu jittieħdu fuq l-irdumijiet minn fejn ikunu jistgħu jaraw u jisimgħu l-mijiet ta' għasafar huma u ġejjin lura lejn il-bejtiet tagħhom. Jien mort hemm kemm-il darba u nista' ngħid li hi esperjenza li taqtagħlek nifsek. It-turisti jista' jkollhom ġita organizzata li matulha jaraw il-flora endemika u l-fdalijiet arkeoloġiċi. **Għaldaqstant il-Gvern għandu jiddikjara bħala park nazzjonali din il-lokalità kollha, u jbarri minnha kull forma ta' żvilupp.**

*Timothy J. Tabone hu riċerkatur li jaħdem għal rasu u li jistudja l-botanija u etnobotanija tal-Gżejjer Maltin. Bħalissa jinsab jiġbor monografija dwar l-etnoflora.*

*(Dan l-artiklu deher f' "The Sunday Times" tad-29 ta' Jannar, 2006 u nqaleb għal Malti minn Carm C. Cachia)*

DM

David's Bakery Caterers

Il-Kwalità l-ewwel!

Tixtieq li jkollok ikla jew *party* mill-aqwa? Tixtieq li jkollok tieġ li tibqa' tiftakar? Afda fl-esperjenza ta' **David Mercieca**! ĦOBŻ - PANINI - QAGĦAQ - PIZZA - PASTIZZI - KRUSTINI - PASTI - ĦELU. Tel: 2155 5655/9000 Mobile: 9945 8131

# MILL-KUNSILLI LOKALI TA' GĦAWDEX

*Informazzjoni u Rapporti mibgħuta mis-Sindki tad-diversi Kunsilli Għawdxin*

# Ir-rijabilitazzjoni ta' Wied il-Mielaħ bil-fondi ta' l-UE

**Jikteb David Apap, Sindku ta' Għarb**

### *Fejn hu Wied il-Mielaħ u x'għandu speċjali?*

Wied il-Mielah huwa wiehed mill-hdax il-wied li jinsabu fir-rahal tal-Gharb. Fih medda ta' 2324 metri tul u jibda jserrep minn taħt is-Santwarju ta' Pinu u jwassal sal-kosta tal-punent ta' Ghawdex. Huwa wied ieħor pittoresk bħal oħrajn li nsibu kważi f'kull rokna ta' Għawdex. Peress li huwa 'l bogħod xi ftit miż-żona residenzjali jinsab fil-kwiet ta' ambjent mil-iktar naturali. Ftit huma konxji pereżempju, li fit-tarf ta' dan il-wied l-elementi naturali u l-mewġ tal-bahar ħaffru ukoll tieqa kbira fil-blat li ma tagħmilx għajb lit-tieqa iktar magħrufa tad-Dwejra.





Bħal ħafna mill-widien l-oħra ta' Għawdex, huwa wied ukoll li, mal-medda taż-żmien, parti minnu thalla mitluq, kemm għax naqsu n-numru ta' bdiewa, kif ukoll għax ix-xogħol fir-raba' sar iebes l-iktar fejn l-egħlieqi huma żgħar jew miftuħin ħafna għall-elementi tal-baħar u ma jħallux il-frott mixtieq. Hitan tas-sejjiegħ tħallew jinġarru mal-ilma u l-wied intela' terrapien. Pero' dan ma kienx biżżejjed. Matul il-medda tal-wied tpoġġew katusi biex jgħaddi d-drenaġġ tan-naħa tal-punent ta' Għawdex. Għalkemm kien xogħol meħtieġ f'dawk iż-żmenijiet li ttieħdet din id-deċiżjoni, illum nirrejalizżaw x' ħerba saret matul il-wied, għax barra li kerraħ u kisser parti sewwa mill-wied, l-arja u l-baħar tal-qrib huma mniġġsa u t-tieqa qed issirlha l-ħsara. Dan ma kienx biżżejjed, għax barriera mhix użata fil-qrib inbiddlet f'radam bla kontroll. M'hemmx għal fejn ngħidu li dan l-ambjent sar post imfittex fejn wieħed seta' jarmi kull tip ta' skart goff, b'abbużi kontra l-liġi.

### *X'inizjattiva ħa il-Kunsill Lokali?*

Sa mit-twaqqif tiegħu l-Kunsill Lokali tal-Għarb ħass il-htieġa li jiġbed l-attenzjoni tal-awtoritajiet dwar din il-ħsara ambjentali. Pero' kellu jkun il-Kunsill stess li bl-opportunitajiet ta' Malta fl-Ewropa ħataf l-okkażjoni u akkwista b'madwar Lm65,000 f'għajnuna biex nieda l-ewwel parti ta' proġett sħiħ ta' rijabilitazzjoni tal-wied li jrid iservi ukoll bħala post ta' rikrejazzjoni kemm għan-nies tal-Għarb kif ukoll għal dawk il-ħafna turisti, Maltin u barranin, li jżuru l-gżira tagħna. Ovvju li ma kinitx xi ħaġa faċli għall-Kunsill li jakkwista dawn il-fondi, iktar u iktar meta l-Kunsill Lokali tal-Għarb kien

l-uniku Kunsill Lokali f'Malta li rnexxielu jakkwista għajnuna taħt il-Fondi Strutturali għal Malta 2004 - 2006.

### *X'qed isir fir-rejaltà?*

F'din l-ewwel fażi tar-rijabilitazzjoni sħiħa ta' Wied il-Mielaħ, ix-xogħol primarju li qed isir huwa bini mill-ġdid ta' ħitan tas-sejjiegħ imwaqqgħin, bdil ta' partijiet mill-ħitan tal-egħlieqi li flok tas-sejjiegħ inbnew bil-kantun li jkerraħ l-ambjent, u tindif tal-wied. Sal-lum diġà twettaq ħafna xogħol u b'kollox diġà nbnew b'madwar 4400 metri kwadri ta' ħitan tas-sejjiegħ u tneħħa b'madwar 7000 metri kubi ta' skart u terrapien mill-wied. Inbnew mill-ġdid ukoll il-ħitan tas-sejjiegħ tat-triq li tinżel għall-wied kif ukoll tnaddfet l-istess triq mill-gzuz ta' ħamrija u terrapien li kien tħalla jakkumula għal ħafna snin mal-ġnub tat-triq.



### *X'fadal jitwettaq*

Meta jitlesta dan ix-xogħol ta' restawr ta' ħitan tas-sejjiegħ u taħmil tat-terrapien ikun fadal dawn ix-xogħolijiet oħra x'jitwettqu:

- Wiċċ ġdid lit-triq minn tarf ir-raħal sat-tarf tal-kosta (madwar 4900 metri kwadri).
- Bini ta' *bridges* fejn il-wied qed jaqsam it-triq (7 *bridges* b'kollox).
- Bankijiet fejn wieħed jistrieħ.
- Taħwil ta' siġar adattati għall-post.

Dan ix-xogħol il-Kunsill qed iwettqu f'fażijiet differenti. Dan anke għall-fatt li l-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni Ewropeja ma tkoprix il-proġett sħiħ kif minn dejjem ippjanah il-Kunsill. Max-xogħol tal-Kunsill, ser



jitwettaq xogħol ieħor mill-Korporazzjoni tal-Ilma, li jinkludi:

- Bini ta' pompa biex id-drenaġġ jerġa' jittella' 'l fuq fejn ser jiġi trattat f' Ras il-Ħobż.
- Bini ta' *rising main.*
- Rijabilitazzjoni tal-wied biex jitgħattew it-tappieri koroh li hemm fil-wied.

### *Kunsultazzjoni u koperazzjoni*

Qed tkun ta' sodisfazzjon kbir għall-Kunsill il-koperazzjoni sħiħa li qed tingħata primarjament mill-bdiewa li għandhom l-egħlieqi fl-inħawi ta' Wied il-Mielaħ, li qed japprezzaw immens li huma ser ikunu l-ewwel li jgawdu minn dan il-proġett. Dan għaliex issa ma tibqax tintilef, bl-istess ritmu li kienet qed tintilef qabel, ħamrija tant bżonnjuża għall-ambjent agrikolu tagħna. Fil-fatt ħafna mill-materjal li tnaddaf mill-wied qed jerġa' jintefa' fl-egħlieqi għax ħafna minnu huwa ħamrija. Il-bdiewa jafu ukoll li meta jitnaddaf il-wied, id-digi li hemm ser jerġgħu jilqgħu bl-ilma li jista' jintuża għat-tisqija. Taħdidiet saru ukoll ma' rappreżentanti taż-żewġ fergħat tan-negozju f'Għawdex, il-*Gozo Business Chamber* u l-*Gozo Tourism Association*, li l-membri tagħhom ukoll ser igawdu meta jitlesta il-proġett għax ikun pass ieħor mit-twettiq ta' proġetti ambjentali favur it-turiżmu. Qed isir ukoll programm speċjali għat-tfal tal-iskola primarja biex huma jitgħallmu japprezzaw u jgħożżu iktar l-ambjent naturali. Però huwa l-pubbliku kollu inġenerali li qed japprezza u jikkopera mal-Kunsill f'dan il-proġett. Bħal f'kull ħaġa oħra, jibqa' dak in-numru żgħir ta' nies xettiċi, li waqt li għal ħafna snin baqgħu b'ħalqhom magħluq quddiem l-isfreġju li kien qed jitwettaq fil-Wied, illum jippruvaw joħolqu xi gambetti anke permezz ta' artikli mhux f'posthom fil-ġurnali lokali. Imma ż-żmien għad jagħti raġun lil min ħaqqu!

**STEDINA LIS-SINDKI KOLLHA TAL-KUNSILLI LOKALI F'GĦAWDEX**

Nilqgħu artikli u rapporti bir-ritratti fuq xi attivitajiet li saru jew proġetti ġodda li se jsiru fil-lokalità tagħkom. Ibagħtu r-rapporti *word processed* flimkien mar-ritratti fuq diskette jew CD lid-Direzzjoni tar-Rivista sa' l-aħħar tax-xahar.

A Whole New Look

Sharmain's Styling Salon

57,
St. Joseph Square
Zala, Gozo
Tel: 2156 6236

## XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA



# *Fra Krispin Zammit, Kappuċċin*

## *2. Ħajja ta' Faqar u Għajnuna lill-Proxxmu*

Fra Krispin wiegħed lil Alla li kien ser jgħix it-tliet voti jiġifieri l-ubbidjenza, l-faqar u l-kastità. Għalkemm għexhom kollha kemm huma l-aktar li jispikka fih kien l-istil ta' ħajja fqajra kif ukoll l-imħabba lejn il-proxxmu.

Daqsxejn ta' fatt żgħir, ftit wara l-mewt ta' ommu juri kemm kien jgħożż il faqar. Billi kellu sens kbir ta' ġustizzja, ħutu inkarigawh biex jaqsam il-ħwejjeġ iż-żgħar. Wara li nqasam kollox kien għad baqa' biċċa drapp. Dlonk staqsa lil ħutu jekk humiex ser iħalluha lil ħuthom reliġjużi. Xħin sema' dan il-kliem ħuh Fra Ġużepp qam jipprotesta iżda malajr Fra Krispin ta' bniedem spiritwali li kien tah din it-tweġiba: "Għażiż hija, aħna nipprofessaw ir-Regola tas-Serafiku San Franġisk fl-Ordni tal-Kappuċċini, ċħadna mhux biss il-ħwejjeġ materjali li huma tal-familja tagħna, imma ħallejna wkoll ġenituri, aħwa u kollox. Kif qatt mela nistgħu mmissu l-jeddijiet ta' ħaddieħor, billi nagħżlu dak li jogħġobna mingħajr biss anqas nitolbu permess? Lilhom mela jmiss li jagħtuna xi ħaġa għall-imħabba." Qatt ma ħa xejn mingħajr il-kunsens ta' ħaddieħor.

Fil-kunvent għażel l-aktar kamra fqira u mwarrba. Fiha kellu ftit bċejjeċ ta' għamara, kurċifiss, xbieha żgħira tal-Madonna, saqqu kważi vojt tat-tiben, u mejda li fuqha kien iqiegħed dak li jkun qala' minn dak li jkun ġabar. Kellu wkoll ċoqqa mraqqa u użata flimkien ma' l-ilbies kollu tiegħu.

Fra Krispin għadda biċċa kbir minn ħajtu jagħmilha ta' ċirkatur tal-kunvent, jiġifieri jiġbor il-karità biex ħutu r-reliġjużi jkunu jistgħu jgħixu b'mod diċenti. L-ewwel assenjawlu biex imur fil-kampanja u mbagħad fix-xatt tal-Belt. Li wieħed jagħmel dan ix-xogħol fil-granet sħan ta' Ġunju, Lulju u Awissu mhix xi ħaġa ħafifa. Barra s-sħana, ir-reliġjuż kien ikun liebes iċ-ċoqqa ta' drapp oħxon kif ukoll rasu ma kenitx tkun mgħottija b'xi beritta jew kappell. Iċ-ċirka tax-Xatt hija ukoll tqila peress li l-ajk kellu jqandel fuq spallejh kull ma jaqla' sa ma jwasslu fejn għandu jieħdu, anke mili 'l bogħod, ħafna drabi bil-mixi.

F'dan ix-xogħol tiegħu huwa kien juri sens ta' ġustizzja. Meta l-impjegati kienu jridu jagħtuh aktar milli kien miftiehem mal-propretarji, huwa kien jirrifjuta. Kien jieħu dan ix-xogħol ta' ċirkatur ukoll bħala mezz ta' penitenza. Meta kien ikun mgħobbi u xi ħadd joffrilu l-għajnuna , kien jikkuntenta li jerfagħlu l-parti l-ħafifa u huwa jerfa' dik l-aktar tqila.

Barra minn hekk huwa kien jipprova jgħin ma' kull min jiltaqa', ifarraġ lil kull min ikun għaddej minn xi saram, jagħti pariri, kif ukoll ifittex xi forma ta' xogħol għal dawk li ġew darhom mal-ħajt.

Mhux ta' b'xejn li ħafna kellhom lejh stima ta' qaddis u bosta għadhom jirrikorru għandu f'xi bżonn ta' grazzja.

***Angelo Xuereb***

*(Din is-sensiela hija bbażata fuq il-ktejjeb 'Ħajja tal-Qaddej ta' Alla Fra Krispin minn Għawdex, ajk kappuċċin tal-provinċja ta' Malta', miktub P. Elija minn Ħal Lija O.F.M. Cap, Malta 1956).*


GĦANDEK IL-BEJT QED JOQTOR?
TKOMPLIX TONFOQ FLUS F'TISWIJA LI MA SSERVIKX!
...ĦALLI F'IDEJN



**GREZZJU BONELLO**
**Jiġi jagħtik stima b'xejn**
"GrezJos", Triq Filfla, Għajnsielem.
Tel: **2155 7694** Mob: **9946 9102**

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop. Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
*Appointments for*
*EYE TESTING / EXAMINATION*
*by the Latest Computer Technology*
*and Eye Specialists*
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31




### *L-Adorazzjoni Ewkaristika*

Fit-2 ta' Marzu 2006, Benedittu XVI iltaqa' mal-kleru tad-Djoċesi ta' Ruma għall-appuntament tradizzjonali tal-bidu tar-Randan. Huwa wieġeb b'diskors improvviżat, f'żewġ partijiet, għall-interventi tas-saċerdoti Rumani. Laqatni dak li qal dwar l-adorazzjoni ewkaristika: "Irrid biss ngħid: grazzi lil Alla, għax wara l-Konċilju, wara perjodu li fih kien naqas xi ftit is-sens ta' l-adorazzjoni ewkaristika, twieled mill-ġdid il-ferħ ta' din l-adorazzjoni kullimkien fil-Knisja ... issa, skoprejna mill-ġdid li dan iċ-ċentru li tana l-Mulej filli nistgħu niċċelebraw is-sagrifiċċju tiegħu ... jitlef il-profondità tiegħu u anke l-għan uman tiegħu jekk tonqos l-Adorazzjoni, bħala att ta' fidi li jiġi wara t-tqarbin".

### *Kundanna tal-vjolenza u ta' karikaturi insolenti*

Is-simboli reliġjużi għandhom jiġu dejjem trattati b'rispett, qal Benedittu XVI fl-20 ta' Frar. Imma l-vjolenza ma tista' qatt tiġi ġġustifikata bħala tweġiba għal insulti kontra r-reliġjon. Il-Papa kien ovvjament qed jirreferi għall-furur internazzjonali fuq il-karikaturi daniżi li rridikolaw l-Islam, waqt laqgħa ma' l-ambaxxatur il-ġdid tal-Marokk għas-Santa Sede, Ali Achour.

### *Il-Papa se jżur it-Turkija*

Erbat ijiem wara l-assassinju tal-5 ta' Frar ta' Don Andrea Santoro, saċerdot missjunarju taljan fit-Turkija, ġie kkonfermat li Benedittu XVI se jżur il-pajjiż mit-28 sat-30 ta' Novembru li ġej, fuq invit tal-President tat-Turkija Ahmet Necdet Sezer. Il-maġġoranza assoluta ta' 69 miljun u nofs ta' abitanti tat-Turkija huma Musulmani. Il-kattoliċi huma madwar 35,000. Benedittu XVI ta ordni li tiġi ppublikata fuq *L'Osservatore Romano*, l-ittra li Don Andrea Santoro kien kitiblu ftit qabel ma ġie assassinat, u li fiha kien ippreżenta l-invit ta' tliet nisa lill-Papa biex iżur il-parroċċa ta' Trabzon, fuq il-Baħar l-Iswed, fejn hemm 89 Kattoliċi biss.

### *Il-wirt Ġudeo-Nisrani fl-Awstralja*

Leġislaturi Awstraljani ma ħallewx tgħaddi proposta biex ma jsirx talb fil-parlament. Il-proposta mill-mexxej tad-*Democrats*, Lyn Allison, riedet ukoll ittemm it-trattament preferenzjali tat-taxxa għall-gruppi reliġjużi kif ukoll tneħħi r-riferenzi reliġjużi mill-ġuramenti rikjesti mill-uffiċjali pubbliċi. Is-Senat ivvota 50-7 kontra din il-miżura. Il-Prim Ministru John Howard osserva li l-proposta ta' Allison kienet imsejsa fuq ftehim ħażin tar-relazzjonijiet bejn il-Knisja u l-Istat. "Dak li s-separazzjoni tal-Knisja u l-Istat tfisser f'dan il-pajjiż hu li ma hemm ebda Knisja stabbilita bħala r-reliġjon uffiċjali ta' l-Istat", hu qal. "Ma tfissirx li aħna nabbandunaw il-wirt Ġudeo-Nisrani tagħna".

### *L-attendenza tal-Knisja ssir aktar popolari fl-Irlanda*

Skond *survey* ġdid, f'dawn l-aħħar ħames snin is-servizzi tal-Knisja saru aktar popolari fl-Irlanda. 15% ta' dawk li wieġbu qalu li l-attendenza għas-servizzi tal-Knisja kienet fost l-ogħla 5 prijoritajiet waqt il-ħin liberu tagħhom. F'*survey* tal-2003, 9.3 % biss poġġew is-servizzi tal-Knisja fost l-ewwel 5 postijiet. Skond l-*Irish Independent*, waħda mir-raġunijiet possibbli li jispjegaw dan l-interess fil-funzjonijiet tal-Knisja hija li l-ġenituri kattoliċi jiġu mistennija jattendu l-quddies jekk jixtiequ li wliedhom jirċievu s-sagramenti.

### *Vjetnamiżi ordnati wara stennija ta' 40 sena*

Żewġt irġiel Vjetnamiżi li t-tħejjija tagħhom għas-saċerdozju ġiet interrotta mir-reġim Komunista snin ilu, fl-aħħar irnexxilhom jiġu ordnati. Michel Hoang Minh Hung u Joseph Nguyen Van Hien, li daħlu s-seminarju fl-1964 u 1967 rispettivament, ġew ordnati għad-Djoċesi ta' Phan Thiet. Fl-1975, is-sena meta l-Komunisti ħadu t-tmexxija tan-Nofsinhar tal-Vjetnam, is-seminarji kollha tal-pajjiż ġew magħluqa. Ir-Radju Vatikan irrefera għaż-żewġ ordinazzjonijiet bħala pass 'l quddiem għat-titjib tar-relazzjonijiet bejn il-Knisja Kattolika u l-gvern tal-Vjetnam. Madwar 6 miljuni fost it-83 miljun ruħ li jgħixu fil-Vjetnam huma kattoliċi.

Ta' Vestru
Bar, Restaurant & Pizzeria
Specializing in Local & Italian Food
Open daily for Lunch and Dinner
5, St. Joseph Square, Qala, Gozo.
Tel: 2156 4589, 2155 9090, Mob: 7970 6274

*Għawdxin li għadna niftakru - 32* *Minn Pawlu Mizzi*

# SERAFINU

Lil Serafinu ma kontx nafu qabel bdejt ngħallem Malta. Iltqajt miegħu l-ewwel darba b'kumbinazzjoni. Kont għadni kemm inżilt mix-xarabank fil-pjazza ta' Rahal il-Ġdid sejjer għall-iskola u nara ċorma nies jitħaddtu bejniethom minn taħt l-ilsien bħal meta tkun ġrat xi diżgrazzja. Ersaqt nissamma' u iktar għelbitni l-kurżità kif smajt lil xiħadd jitkellem b'aċċent Għawdxi.

Kien dak inhar li miet Nerik Mizzi. L-20 ta' Diċembru 1950. U kien hemm fost iċ-ċorma s-sur Bonnici Calì u s-sur Aquilina, it-tnejn *teachers* miegħi, l-avukat Cassar u ċertu Chetcuti li kien segretarju fil-ministeru tax-Xogħlijiet mal-Ministru Caruana. Kulħadd sieket u ssummat jisma' lil dan ir-raġel b'aċċent Għawdxi jgħid fuq Nerik, x'għamel u x'għamlulu.

U qabel tlaqt biex taparsi nkun għidt xi ħaġa, għidtilhom: 'Kont nafu. Għandi ritratt miegħu t-Tokk'.

'Mnejn int, min Għawdex?' kien pront staqsieni.

'Mir-Rabat!' weġibtu.

'Jien ukoll minn hemm! Serafinu!' qalli b'ċertezza li kont sa ngħidlu li nafu. Iżda, meta ra li ma stajtx niftakru, reġa' qalli: 'U lili jafni kulħadd!'

Bqajt inħares lejh, inċaqlaq rasi biex nurih li tassew ma kellix linqas l-iċken idea tiegħu. U xhin rani qed nisforza nipprova niftakar, reġa' qalli: 'U jafni kulħadd. ... U kif jista' ikun li int mir-Rabat u ma tafnix!'

Imbagħad, biex ma nitlaqx bħall-annimal, bqajt inkellmu ftit u qalli li Serafinu kien il-laqam tiegħu u li hu kien jismu Ġużeppi Cutajar u li kienu joqogħdu fejn San Ġorġ. U qalli ukoll li kien kiteb l-innu tal-banda ta' Cresemannu.

Dik il-ħabta kont ngħallem il-Primarja fl-iskola ta' Santa Ubaldiska u hu surmast tal-ħabs ta' Qordin. U konna ta' spiss niltaqgħu fil-ħanut tal-kafè ta' quddiem il-bieb iż-żgħir tal-ħabs mnejn kien jidħol hu għall-iskola. U sa meta ġejt *transferred* għal Għawdex ftit xhur wara, bqajt dejjem ngħajjatlu Serafinu.

Ma kienx ta' mpari dan Serafinu. U lanqas min-naħa ta' fejn Sant Wistin fejn kont noqgħod jien. Għalhekk forsi ma kontx nafu. Fi tfulitna ftit konna nagħtu kas ta' min ma jkunx min-naħa tagħna. Dawk ta' naħiet oħra kienu barranin għalina. Konna bħal irħula żgħar fil-periferja tar-Rabat. Kull naħa għaliha. Ta' fejn Sant Wistin għaliha, ta' fejn San Franġisk għaliha u ta' fejn Savina għaliha. Sa l-aħħar tas-seklu XVII l-ebda waħda minn daw in-naħiet ma kien żviluppat bħal mhu llum. Fejn Savina kien biss casale jew raħal żgħir b'xi għaxart idjar. Iktar lejn il-ħaġġarija fejn dak iż-żmien kien hemm ukoll il-knisja ta' Savina. Fejn San Franġisk minn tarf Strada Palma 'l hawn kien biss kampanja, Il-kuvent u l-knisja tal-patrijiet Franġiskani biss kien hemm. U fejn Santu Wistin il-kunvent u l-knisja ta' l-Agostinjani. U żewġ ċimiterji antiki: wieħed kbir li xi darba kien fih għadd ta' kappelli u ċimiteru żgħir jgħidulu



tal-Franċiżi. Kien biss 200 pass fiċ-ċirkonferenza u kien 70 pass mill-ħajt tar-Rabat.

Imbagħad kif ix-xtut ta' gżiritna bdew jiġu mgħassa aħjar bit-torrijiet u t-theddida tal-kursari naqsu, dawn in-naħiet 'l barra mir-Rabat bdew jiżviluppaw sa ma kibru u saru kif inhuma llum. Bħal stati żgħar. Kull naħa bil-ħwienet u l-komunità tagħha. Konna nippretendu li ħadd mhu aqwa minna. Kważi nħarsu lejn xulxin bl-ikraħ. U allaħares wieħed jirfes fit-territorju ta' l-ieħor bla bżonn għax tqum gwerra.

Darba, minnħabba l-arroganza tiegħi l-aħwa ta' Ċimella tawni xebgħa iddoqq l-iskotti. Mort id-dar imfarrak bid-daqqiet. U kif ratni ommi, bla ma lanqas semgħet x'kien ġrali, qaltli: 'Għamlulek sew. Int għax mort 'l hemm!'

Tassew qatt ma ażżardajt nersaq 'l hemm iżjed. Lanqas għall-bżonn jew biex immur magħha Savina għal xi siegħa adorazzjoni.

F'Malta kienet dinja oħra! Il-barrieri hawn kienu jaqgħu, u l-Għawdxin, kienu mnejn kienu, konna nifirħu b'xulxin u naqilgħu għajnejna biex wieħed jgħin lil ieħor. Kemm ilni hawn sirt naf b'nies li qatt ma kont noħlom li huma Għawdxin bħali. Fosthom lil Monsinjur Carmelo Xuereb li kien Vigarju Ġenerali; lis-sur Joe Axixa li kien Kummissarju tal-Pulizija; lill-kubru tal-bar ta' La Vallette; lil Peppinu Pace, bin it-teżorier Ġanninu Pace; lil Dun Ġwann Galea, *maestro di cappella* tal-Katidral; lil Anton Cassar, l-editur tat-Torċa; lil Fra Grazzju ta' l-Agostinjani; lill-istoriku l-ispiżar Borg tal-Ħaruf; lil Wenzu ta' Xniexel, il-*parker* ta quddiem il-*Main Guard*; u lil dan Serafinu.

Ma kontx nafu meta ltqajt l-ewwel darba miegħu f'Raħal Ġdid. Wara, imma, sirna ħbieb. U tant kibret il-kunfidenza bejnietna li ma kontx niddejjaq ngħajjatlu Serafinu.

'Mhux kulħadd,' qalli darba, 'jiehu gost bil-laqam'.

U rrakkontali l-istorja ta' ċertu Pawlu, li għax kien xjieħ

u l-memorja bdiet tfallilu, kienu laqqmuh 'la morna morna'. Ma kienx jiflaħ għaliha u meta xiħadd kien jgħidlu 'la morna morna' kien jibda jidgħi. U, kien għalxejn iqerr, għax jidgħi kien u jidgħi baqa'. Darba l-konfessur qallu: "Imm'int għax ma turihomx li ma tieħux għalik u tibda qabilhom tgħid ukoll 'la morna morna'".

U hekk għamel. Minn xħin qam mill-konfessjonarju sa ma' ħareg mis-sagristija ħlief jgħid 'la morna morna' m'għamilx. Fil-bieb, imma, kien hemm ġuvnott li kif semgħu jgħid hekk, qallu fil-pront: ' Pawl, domt ma ndunajt!'

Ma kenitx kelma! Pawlu ħabat sa jerġa' jidgħi. Minflok, qabad f'għonq dak il-ġuvnott u li kieku ma ħaduhulux minn idejh ma nafx kif kien jispiċċa.

Ma jidhirli li ma kien hemm xejn ħażin li nsejħu lil xulxin bil-laqam! F'Għawdex – u naħseb li anke fl-irħula ta' Malta – ħafna jintgħarfu b'laqamhom. Il-kubru tal-bar ta' La Vallette sallum għadni ma nafx x'kien jismu. Anke l-puliti jew il-letterati kellhom il-laqam tagħhom. Il-famuż latinista Dun Ġużepp Zammit kienu jgħidulu Brighella. Għalhekk kien jiffirma Zammit Brighella. U, il-Monsinjur Farrugia 'tal-Vers'. U l-Professur Borg tal-botanika 'il-Bomba' u l-Prokuratur Legali Ġużè Muscat Azzopardi, 'il-pagun'. U l-Avukat Mifsud Bonnici 'il-Gross'.

Serafinu! Ma nafx għalxiex. Xiħadd qalli li għaliex kien qalbu tajba bħas-serafini. Jien ma ngħidx hekk. Għalija għax nanntu kien jisimha Serafina. Żgur mhux għal missieru għax kieku kienu jgħidulu tal-Manżalett. Kif għadhom sallum isibu lil oħtu Marija.

Kienu nies ferrieħa u ċajtiera dawn tal-Manżalett. U fuq kollox ta' skola. Zijuh, Dun Ġorġ kien lawrjat fit-Teoloġija. U l-istess ħuh l-ieħor, is-sur Wiġ. Nibbiexi kemm tridu u xewka, l-iktar għal ta' l-Istilla, imma, dejjem qeda dmiru tajjeb.

Fhimt x'ried jgħidli Serafinu bl-istorja tiegħu. U minn dak il-ħin sejjaħtlu dejjem Ġużeppi.

Kien qisu anġlu kustodju għalija. Jeħodni 'l hawn u 'l hinn, issa jurini post u issa ieħor. U f'kull wieħed l-istorja tiegħu. Ma ninsihx. Kliemu u għemilu taz-zokkor. Intelliġenti u midħla tal-letteratura ta' ma nafx kemm-il lingwa. Anke dik Maltija. Darba biex jiġbidli saqajja tani lista tal-versi li Dun Karm kien ipplaġjarizza mill-Monti u miż-Żanella. Fuq kollox, imma, kellu qalb kbira. Kien jivvinta kif jimlieli l-vojt ta' dal-bogħod minn Għawdex.

Elf tifkira għandi tiegħu: il-knisja ta' Kristu Rè, ix-Schriber Sports Ground, it-tempji tal-borġ. Kollha bl-istorja tagħhom.

Imkien, imma daqs l-ħabs ta' Kordin. Illum, ngħaddi minn quddiemu, tlietin sena wara, moħħi jixgħel bil-memorji. Iċ-ċellel siekta, il-bitħa bil-priġunieri jippassiġġaw u ċ-ċiniż waħdu waħdu fir rokna jistenna lil min imur ikellmu, u l-kurrituri twal jirbumbjaw biċ-ċekċik tal-kanċelli jinfetħu u jingħalqu.

U ċ-ċimiteru żgħir li kien hemm barra ma' ġenb il-bitħa! Inġibu quddiem għajnejja kulmeta ngħaddi mit-triq ta' Għajn Dwieli. Imwarrab u ħiemed, u biċ-ċipress jitbandlu mar-riħ jgħassu fuq ftit oqbra minsija.

F'Novembru konna mmorru ninvistawh. Kien sar ritwal ta' kull sena għalina. Jien u hu b'kuruna tar-Rużarju f'idejna. Kultant nieqfu, inħarsu sieket lejn biċċa rħama b'isem fuqha mixħuta fuq qabar bla fjuri. Imbagħad Ġużeppi, biex jikser dak is-skiet ta' ruħna, kien jirreċta bl-amment vers wara ieħor mill-'Inferno' ta' Dante. U konna nieqfu quddiem il-qabar ta' Xkora, u wara quddiem tal-Lajs, u ta' Borg Pisani. Sa ma nduru l-vittmi kollha tal-forka. U quddiem kull wieħed ngħidu *requiem eterna*. U f'qalbna nixtiequ li pajjiżna ma kienx tant ingrat magħhom!

'Dawn kollha qaddisin,' kien jgħidli. 'Nitlobhom kuljum!'

Darba daħħalni nara iċ-ċella fejn kien miżmum Manwel Dimech. U wara li qalli l-kif u l-għala kien għadda kważi għoxrin sena hemm qalli: 'Kien patrijott, imma, kien kontra l-Knisja!' Ma qbiltx miegħu u biex ma niksrux għidtlu: 'Dimech ma kien kontra ħadd. Kien, anzi, favur ħafna affarijiet: favur l-emanċipazzjoni tal-mara; favur li l-Maltin jitgħallmu l-Malti, favur paga aħjar għall-ħaddiema Maltin, favur Malta bħala ċentru ta' turiżmu u favur li Malta tkun stat sovran indipendenti'. Ma tantx niżillu kliemi u b'mod ta' diżapprovazjoni ċaqlaq rasu jitbissem: 'Din tiegħek,' qalli, 'il-kantilena tax-Xirka ta' l-Imdawlin. Bħalma kien jgħid Ġużi Buħagiar tad-Demusi.'

Ma kellix dubbju mis-sinċerità ta' Ġużeppi! Il-Malti kien iħobbu imma kien ta' l-iskola Taljana. Bħalma kienu Antonio Cini taż-Żebbuġ, Mizzi, Carlo Maliia, Arturo Mercieca u Dun Pawl Cauchi. Għalhekk kien jikteb f'*La Brigata* ta' Vincenzo Maria Pellegrini, il-ġurnal letterarju Taljan ta' l-Università. U miegħu kien hemm Giuseppe Aquilina li wara sar Professur tal-Malti, Eduardo Coleiro li wara sar qassis u monsinjur, Edoardo Magri li sar imħallef, Edgar Montanaro, li kien kummissjar għal Għawdex, u Giovanni Cremona, li hu Prim Imħallef *emeritus*.

Kienet issammarni l-pinna tiegħu bit-Taljan. Il-poeżija 'Solitudine' għadha f'moħħi sallum: taħlita ta' folklor, storja u patrijottiżmu li ma ninsihiex. Kont qlibthielu bil-Malti u meta tajthielu u qraha, biesha. Imbagħad, kważi b'adulazzjoni, qabadli idi u ksihieli ukoll bil-bews. Ma ninsihx! L-iktar fl-aħħar tliet strofi tagħha:

*Imbagħad, kif tnin ix-xemx f'sema ta' deheb u ħmura*
*il-knisja, siekta u samma għal dak is-seħer ta' sbuħija,*
*titħannen maċ-ċafċifa tal-mewġiet li qatt ma jorqdu*
*qishom taħbit il-qalb Għawdxija!*
*U kif ix-xemx tgħib u tniżżel magħha mis-smewwiet*
*firxa ta' dell iwaħħax, li timla' r-ruħ bi qrusa u stmellija,*
*kollox jitħallat f'dak l-għammad; u blat u mewġ jitħawwad*
*f'dalma ta' kwiet u ta' swidija!*
*Il-knisja biss, wehida għassiesa tal-weghda tal-qdusija,*
*ma tgħibx! Tibqa' hemm, tissamma' l-għanja li ma titfissirx,*
*ta' mewġiet żgħar jitbewsu max-xtajtiet, tal-baħħ fid-dlamijiet!*
*Fi skiet li ma jinkisirx!*

Kull vers ritratt ta' dak li kien jgħożż Serafinu: pajjiżu, twemminu u fuq kollox is-solitudni li, bħas-skiet li jsaltan mal-knisja ta' San Mitri, kienet għalih santwarju tal-qdusija!

## *Passiġġata Biblika - 15*

*"Min jiekol ġismi u jixrob demmi għandu l-ħajja ta' dejjem, u jiena nqajmu mill-imwiet fl-aħħar jum."* *(Ġw 6:54)*

# L-EWKARISTIJA BĦALA RAHAN TAL-ĦAJJA TA' DEJJEM.

## *X'TGĦIDILNA L-ISKRITTURA MQADDSA*

**minn Fr. Charles Buttigieg**

### *Daħla*

**F'dan l-artiklu ser inħarsu lejn l-Ewkaristija bħala rahan tal-ħajja ta' dejjem u ngħarfu ukoll l-importanza partikulari tal-eskatoloġija bħala għan u kuntest taċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija. Il-kelma 'eskatoloġija' ġejja mill-kelma griega '*eskaton*' li tfisser 'ta' l-aħħar'. Għalhekk l-eskatoloġija hija studju dwar il-veritajiet tal-aħħar. Għalhekk illum, qed tidher iżjed minn qatt qabel din l-enfasi fuq it-tielet dimensjoni tal-Ewkaristija li tingħatalna bħala rahan għall-ħajja ta' dejjem u tal-glorja futura, bla ma ninsew iż-żewġ dimensjonijiet l-oħra: dik ta' l-imgħoddi fejn għandna t-tifkira tas-sagrifiċċju tal-Ħaruf u dik tal-preżenza rejali fejn aħna rejalment nirċievu lil Kristu.**

### *Id-diskors ta' Kristu dwar il-'Ħobż tal-Ħajja'*

L-aspett eskatoloġiku jinsab b'mod dominanti fid-diskors dwar il-ħobż tal-ħajja fil-kapitlu sitta ta' San Ġwann: "Aħdmu mhux għall-ikel li jgħaddi, iżda għall-ikel li jibqa' għall-ħajja ta' dejjem" (Ġw 6:27). Fl-Antik Testment għandna l-manna li ma kinetx isservi imma kienet tmur bil-moffa. Issa fil-Ġ.T. għandna l-ħobż ta' Alla, il-ħobż divin, il-Ħobż tassew li huwa Ġesù Kristu: "Dan huwa l-ħobż li niżel mis-Sema; m'huwiex bħal dak li kielu missirijietkom u mietu; min jiekol dan il-ħobż igħix għal dejjem" (Ġw 6:58). Dan hu l-qofol tal-Ewkaristija, dan hu l-qofol tal-Jum tal-Ħadd, Jum il-Mulej li jħabbar it-Tmien Jum, il-Jum ta' dejjem li ma jispiċċa qatt. Dan l-aspett eskataloġiku marbut man-numru tmienja huwa mfisser b'mod tajjeb bil-forma ottagonali tal-Knejjes tal-ewwel sekli, fosthom il-fdalijiet tal-Knisja Biżantina tar-raba' seklu W.K. li nstabet f'Kafarnahum fejn fuqha llum nbniet il-knisja ġdida bl-istess forma. Mhux ta' b'xejn li Sant Injazju minn Antijokja fl-ittra tiegħu lin-nies tal-Knisja ta' Efesu jsejjaħ l-Ewkaristija mediċina ta' immortalità, antidotu kontra l-mewt.

L-Ewkaristija bħala tħabbira tat-Tieni Miġja ta' Kristu, San Pawl jgħid li l-ikla ewkaristika għandha t-tifkira tal-ġrajja tal-fidwa li għaddiet u t-tħabbira tal-Miġja tiegħu fil-ġejjieni: "Mela kull meta tieklu dan il-ħobż u tixorbu dan il-kalċi, intom ixxandru l-mewt tal-Mulej sa ma jiġi" (1 Kor 11:26). Żgur li dan l-element eskatoloġiku fil-qsim tal-ħobż kien qawwi ħafna fil-bidu tal-Knisja meta l-istennija tat-tieni miġja ta' Sidna Ġesù Kristu kienet qawwija ħafna. L-Ewkaristija hija għalhekk antiċipazzjoni u tħabbar din it-tieni miġja ta' Kristu. L-Ewkaristija għalhekk tgħaqqad il-ġrajja tal-fidwa mal-ġejjieni, ma dak li ġej, bla ma ninsew ukoll li l-Ewkaristija hija tassew il-preżenza ħajja ta' Kristu fostna li tippreparana tassew għal din il-laqgħa eskatoloġika ma' Ġesù fit-tieni miġja tiegħu. Din kienet l-istennija eskatoloġika tal-ewwel insara: "Ejja, Mulej Ġesù!" (ara Apok. 22:20) bl-espressjoni aramajka "Maran atha!", li daħlet fil-liturġija tal-Knisja tal-bidu kif insibu fid-*Didache*.

Dan kollu huwa mfisser fil-liturġija tal-quddiesa fl-Emboliżmu ta' wara t-talba tal-Missierna: "...aħna u nistennew u nittamaw il-hena u l-miġja tas-Salvatur tagħna Ġesù Kristu".

### *L-Ewkaristija bħala Ikla Eskatoloġika*

L-Ewkaristija tħabbar l-Ewkaristija ta' dejjem, l-ikla eskatoloġika. Hija intimament marbuta ma' din il-wegħda futura bħala proklamazzjoni u tħabbira tal-ikla tas-Sema. L-ikla messjanika hija l-ikla eskatoloġika għaliex il-Messija mwiegħed li ġie u għammar fostna għad jerġa' jiġi fil-glorja tiegħu fl-aħħar taż-żmenijiet biex jiġbor f'merħla waħda lill-bnedmin kollha ta' rieda tajba fis-Saltna ta' dejjem. Pre-figuri ta' din l-ikla messjanika eskatoloġika nsibuhom diġa' fl-A.T., per eżempju f'Is 25:6, fejn naraw li fl-aħħar taż-żmien il-Mulej ser jagħmel f'Ġerusalemm, mejda b'ikel bnin għall-popli kollha bħala sens ta' salvazzjoni universali: "U jagħmel il-Mulej ta' l-eżerċti għall-popli kollha fuq din il-muntanja, mejda b'ikel fin, mejda bi nbejjed ħelwa, b'laħam imsemmen bil-mudullun, u nbejjed fini." Prov 9:5: "Ejjew, kulu l-ħobż tiegħi u ixorbu l-inbid li ħejjejt għalikom". Fil-vanġeli sinottiċi, għandna ġeneralment il-viżjoni ta' din l-ikla Messjanika tas-



Saltna li nsibu fil-profeti kif insibu fil-parabboli tas-Saltna. Naraw ukoll id-diskors ta' Ġesù fit-twaqqif tal-Ewkaristija f'Mattew 26:29: "Ngħidilkom, li ma nerġax nixrob iżjed minn dan il-frott tad-dielja sa dak in-nhar li nixrob inbid ġdid magħkom fis-Saltna ta' Missieri" (ara ukoll Mk 14:25 u Lq 22:18). Min-naħa l-oħra f'San Ġwann għandna iktar il-viżjoni tal-ikla eskatoloġika li nsibu fil-kotba sapjenzjali.

San Tumas ta' Akwinu jgħid ċar li s-sagrament tal-Ewkaristija hu tħejjija għall-glorja u mezz li jwassalna għal Ġerusalemm tas-Sema fejn aħna nistgħu ntegħmu minn qabel l-Ewkaristija tas-Sema. Hija tassew antiċipazzjoni ta' din l-ikla tas-Sema fil-milja eskatoloġika.

## L-Ewkaristija bħala Komunjoni ma' Ġerusalemm tas-Sema

Bl-Ewkaristija nipparteċipaw minn issa fil-frott tas-Saltna tas-Sema li hija fuq kollox il-għaqda bejn l-aħwa, fix-xirka tal-qaddisin kollha ma' Alla. Hija parteċipazzjoni minn issa fil-liturġija tas-Sema fejn l-ilħna fqajra tal-umanità jingħaqdu ma' dak tal-kor ċelesti fis-Sema, kif nesprimu fl-akklamazzjoni tas-*Sanctus*, qabel il-mument tal-konsagrazzjoni fil-quddiesa. L-Ewkaristija hija għalhekk is-sagrament ta' l-għaqda misterjuża tagħna ma' Kristu, issa f'din id-dinja u ma' Alla fil-ħajja ta' dejjem.: Din il-'*koinonia*' mal-ġisem ewkaristiku ta' Ġesù Kristu hi '*koinonia*' mal-ġisem mistiku tiegħu li hu l-Knisja: "Il-kalċi mbierek li fuqu ngħidu l-barka m'huwiex għaqda mad-demm ta' Kristu? U l-ħobż li naqsmu m'huwiex għaqda mal-ġisem ta' Kristu? Għax la l-ħobża hi waħda, aħna, li aħna ħafna, aħna ġisem wieħed; ilkoll kemm aħna nieħdu sehem minn ħobża waħda." (1 Kor 10:16-17). Tassew li dan is-sagrament jgħaqqadna minn issa mal-Knisja tas-Sema, mal-Verġni Marija u mal-Qaddisin kollha fil-mixja tagħna lejn Ġerusalemm tas-Sema, fil-Belt Eterna tas-Sliem. Il-mixja tal-Knisja hija għalhekk l-istess mixja li mxew iż-żewġ dixxipli ta' Għemmaws wara li għarfu lil Ġesù fil-qsim tal-ħobż. Mixja lejn Ġerusalemm tas-Sema.

Din il-komunjoni eterna tibda minn din id-dinja stess u għalhekk mela nistgħu nifhmu l-importanza tal-komunjoni qabel it-tqarbin kif naraw f'Matt 5:23.24: "Mela jekk tkun qiegħed ittella' l-offerta tiegħek fuq l-artal u hemm tiftakar li ħuk għandu xi ħaġa kontra tiegħek, ħalli l-offerta tiegħek hemmhekk quddiem l-artal u mur l-ewwel irranġa ma' ħuk u mbagħad ejja tella' l-offerta tiegħek". Dan hu s-sens ukoll tas-sinjal tal-paċi li nagħtu lil xulxin qabel it-tqarbin.

## Konklużjoni

Rajna għalhekk li l-Ewkaristija għandha d-doni kollha li jwasslu lill-Knisja għall-milja tagħha eskatoloġika għax tassew dan is-sagrament hu vjatku, 'triq', lejn is-Sema. Nagħlaq hawnhekk dan l-artiklu b'episodju li nsibu fl-Att 1:1-11, fejn Ġesù Rxoxt, qabel it-tlugħ Tiegħu fis-Sema, jistieden lill-appostli li kienu f'Ġerusalemm fejn iċċelebraw l-Ewkaristija, sabiex joħorġu lejn il-għolja taż-Żebbuġ, mhux iktar issa għat-tbatija fl-art tal-Ġetsemani u għall-passjoni imma għall-glorja fis-Sema. Dan l-episodju juri biċ-ċar ir-rabta li hemm bejn l-Ewkaristija mal-glorja tas-Sema. L-Ewkaristija hija għalhekk is-sagrament tal-ħajja ta' dejjem: "Min jiekol ġismi u jixrob demmi għandu l-ħajja ta' dejjem, u jiena nqajmu mill-imwiet fl-aħħar jum." (Ġw 6:54).

## Biblijografija


Brown, R.E., *The Gospel according to John*, I, II, AB 29 – 29a, New York 1966.

Léon-Dufour, X., *Le partage du pain eucharistique selon le Nouveau Testament*, Paris 1982.

Nitrola, A., *L'eucaristia forza dell'unità. La dimensione escatologica dell'Eucaristia nel diaologo tra cattolici e protestanti*, Casale Monferrato, 1992.

Rahner, K., "*La presenza di Cristo nel sacramento della Cena del Signore*", in *Saggi sui sacramenti e sull'escatologia*, Roma 1986, 173-217.

Is-Sena ta' l-Ewkaristija. *Erba' Dokumenti Pontifiċji (2003-2004)*, malt. trans., S. Borg, Lumen Christi Publications, Sensiela Dokumentazzjoni 3, Victoria (Gozo) 2005.




# L-Istorja Soċjali tal-Mediċina

miġbura minn Dr. Mario Saliba

## (IT-TIELET PARTI)

## Il-Kolera (qabel magħrufa bħala l-Pesta)

**Il-kolera, qabel magħrufa bħala l-pesta jew il-mewt is-sewda, kienet ilha magħrufa minn żminijiet bikrija. Kien biss fis-seklu 16 li t-tabib Portugiż Garcia de Orta (1501 – 68) ta deskrizzjoni tagħha dettaljata. Il-kolera kienet il-marda ewlenija li fis-seklu 19 qatlet eluf ta' nies. L-ewwel pandemija tal-kolera kienet fis-sena 1816 fl-Asja. It-tieni waħda seħħet fl-1829. Mill-Asja imxiet għall-Eġittu u l-kumplament tal-Afrika ta' Fuq, daħlet fir-Russja u waslet anke fl-Ewropa. Ħadd ma kien għadu jaf minn xhix hija kkaġunata u għalhekk ma kellhomx kura għaliha. Il-belt ta' Londra kienet inħakmet minn din il-marda fil-1832 u kienu mietu 7,000. Anke Pariġi kienet inħakmet. Sal-1834 kienet tferrxet madwar l-Amerika ta' Fuq u lejn il-Paċifiku u l-Amerika Latina.**



Pandemiji tal-kolera seħħew fis-snin 1847, 1852, 1854 u 1861 u kienu mietu fuq 'il miljun ruħ. Pandemiji oħrajn seħħew fl-1863, l-1875 u 1892. Sadanittant il-bniedem tgħallem li n-nuqqas ta' iġjene u l-ilma kontaminat ikabbar il-mard. Fl-istess ħin fl-1884 Robert Koch (1843 – 1910) kien skopra l-*baċillus* li jikkawża l-marda. Għalhekk il-pandemija ta' bejn is-snin 1899 u 1926 ma tantx ħalliet imwiet. Illum ftit għadna nisimgħu b'din il-marda għajr meta jkun hemm xi terremot. Kohn kien kontemporanju ta' Pasteur u kif naraw iktar 'il quddiem flimkien biddlu l-idea u stabbilew mingħajr dubju li ċertu mard infettiv huwa kkawżat minn ċerti mikrobi. Koch sab ukoll il-*baċillus* li jikkawża t-*tuberkulosi* (1882). Studenti tiegħu u tobba oħra rivali tiegħu użaw il-metodu tiegħu biex isibu l-mikrobi li jikkawżaw it-tifojde, is-sogħla konvulsiva, it-tetanu, il-meninġite, il-lebbra, s-sifilide u oħrajn.

## Ir-Rivoluzzjoni Industrijali fl-Ingilterra (1750 – 1830)

Ir-Rivoluzzjoni Industrijali ġabet magħha mard ieħor differenti kaġun tal-kundizzjonijiet ġodda tax-xogħol fost id-dħaħen tal-magni u l-fabbriki u l-minjieri tal-faħam. Għalhekk iktar nies bdew jimirdu b'mard u infezzjonijiet tal-pulmuni u bil-għadam. Il-mediċina bdiet tħabbat wiċċha ma' l-ewwel każijiet ta' mard ikkaġunat minħabba t-tip ta' xogħol jew ambjent ta' xogħol. Dan kien il-bidu tal-Mediċina Okkupazzjonali. Il-perikli ta' fuq ix-xogħol żdiedu imma l-bniedem kien għadu 'l bogħod milli jagħmel liġijiet biex iħarsu s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol u biex ikun jista' jingħata kumpens f'każ ta' korriment waqt ix-xogħol.

L-invenzjoni tal-magna ta' l-istim minn James Watt fil-bidu tas-seklu 19 kienet l-ikbar invenzjoni li kompliet tkabbar ir-Rivoluzzjoni Industrijali. Permezz tal-magna ta' l-istim il-fabbriki setgħu jinbnew kullimkien mhux biss fejn kien hemm sors ta' enerġija naturali. Għalhekk bdew jinbnew ħafna fabbriki fl-ibliet u konsegwenza ta' hekk il-bliet bdew ikunu ffullati bin-nies. Anke l-popolazzjoni ta' l-Ingilterra bdiet tiżdied ġmiela. Fl-1750 kienet ta' 6 miljuni u 50 sena wara saret 9 miljuni. Il-bdiewa bdew jabbandunaw l-għelieqi tagħhom u jersqu lejn l-ibliet. Hekk il-popolazzjoni tal-bliet bħal Preston, Glasgow u Bradford żdiedet b'iktar minn 8 darbiet. Din iż-żieda fil-populazzjoni kellha konsegwenzi kbar. Il-mard żdied ħafna u r-rata ta' l-imwiet żdiedet ukoll. Dawn il-ħaddiema bil-familji tagħhom kienu jgħixu f'kundizzjonijiet miżeri u b'nuqqas ta' iġjene. Għalhekk kienu jimirdu b'ħafna mard li jittieħed bħal ġidri, kolera u tuberkożi. Dan ġiegħel lill-Parlament Ingliż biex fil-1834 jgħaddi l-ewwel liġi dwar il-mard u l-faqar. Din kienet tissejjaħ Il-Liġi tal-Fqar li wara wasslet għal-liġi dwar is-saħħa pubblika (1848) u li finalment fil-1875 saret il-liġi moderna dwar is-saħħa pubblika li kienet

tkopri l-bini tad-djar, is-sistema tad-drenaġġ, il-provvista ta' l-ilma mhux ikkontaminat fid-djar u l-mard infettiv.

## Il-Mediċina fiż-Żminijiet Moderni



Is-seklu 20 ġab numru kbir ta' skoperti f'kull qasam tal-mediċina. Fl-istess ħin inħolqu ħafna speċjalitajiet u oqsma oħra ta' riċerka, kollha taħt l-umbrella tax-xjenza medika. Ma kienx hemm triq komuni għas-suċċess imma xi skoperti saru b'kumbinazzjoni (bħal fil-każ tal-*penicillin*) u drabi oħra wara snin sħaħ ta' xogħol u taqtiegħ il-qalb: Ix-xjenzat ġermaniż Paul Ehrlich (1854 – 1915) għamel 605 esperimenti biex isib sustanza kimika li, skond l-idea ġdida tiegħu, kienet tiġbed il-mikrobi lejha mill-ġisem u tħallihom jaħdmu fiha sakemm toqtolhom. U saflaħħar irnexxielu l-esperiment 606. Ehrlich kien sab is-*Salversan*. Din il-kimika ma kienitx toqtol il-mikrobi kollha u f'xi każi kienet perikoluża ferm għall-bniedem. Il-Ġermaniżi komplew dawn l-esperimenti sakemm sabu l-*Protonsil* li kien joqtol il-mikrobi bla ma jagħmel ħsara liċ-ċelluli tal-ġisem. L-iskoperta tal-*Protonsil* u l-prinċipju li fuqu kienet ibbażata kienet skoperta ferm kbira. Din il-mediċina bdiet tkun prodotta bl-irħis u fejqet miljuni ta' nies.

Mhux possibbli nsemmu l-iskoperti u l-avvanzi kollha li saru fis-seklu 20 imma xi wħud ta' ċerta importanza ma' jistax ikun li nħalluhom mingħajr ma nsemmuhom. It-triq mibdija minn Pasteur u Koch komplewha xjentisti oħrajn. Lejn l-aħħar tas-seklu 19 ir-Russu Elie Metchnikoff (1845 – 1916) osserva fènomenu ġdid imsejjaħ 'phagocytosis'. Dan sab fil-ġisem ċelluli fid-demm ta' mingħajr kulur u allura imsejħin bojod, li meta ikun hemm xi mikrobi fil-ġisem, dawn jibdew jieklu dawn il-mikrobi u joqtluhom. Dawn kienu bħal armata suldati jiġġieldu kontra l-mard u għalhekk Metchnikoff kien sab is-sistema naturali ta' kontra l-mard li 'l quddiem bdejna nsejħulha s-sistema immunitarja. Il-bniedem dam ma' fehem għal kollox din is-sistema u kien biss lejn is-snin 50 u 60 li l-Awstraljan Frank MacFarlane Burnet (1899 – 1985) u oħrajn sabu l-mekkaniżmi kollha ta' dan il-proċess naturali tal-ħarsien kontra l-infezzjonijiet.

Kien ukoll fil-bidu tas-seklu 20 li xjentisti-tobba sabu li hemm konnessjoni bejn in-nuqqas ta' ċerti sustanzi fid-dieta u ċertu mard. Xogħol kruċjali f'din il-linja kien ta' Christain Eijkman (1858 – 1930) li sab li l-marda tal-*beri-beri* fejn ikun hemm nuqqas ta' saħħa fil-muskoli, hija kkawżata minn nuqqas ta' sustanzi li huwa sejjaħ 'fatturi essenzjali fl-ikel'. Fl-1912 dawn bdew jissejħu vitamini mill-kimiku Casimir Funk (1884 – 1967). Il-vitamina li kienet nieqsa mid-dieta ta' dawk li kellhom il-*beri-beri* kienet il-vitamina A u din kienet tinsab fil-qoxra tar-ross. Snin wara x-xogħol ta' Eijkman tkompla fl-Università ta' Cambridge minn Frederick Gowland Hopkins (1861 – 1947). Imbagħad fl-1928 Albert von Szent-Gyorgi (1893 – 1986) sab il-vitamina C li nuqqas tagħha tikkawża l-iskorbut (*scurvy*) li hija kundizzjoni li tiddebolixxi l-ġisem mit-telf tad-demm. L-istess fil-każ tal-*pellagra* li hija marda kkaġunata minn nuqqas ta' nutrijienti fid-dieta. Din l-iskopera kienet ta' Joseph Goldberg fl-1914 li kien jaħdem mad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika tal-Gvern Amerikan.



Skoperta oħra ta' importanza kbira kienet ta' l-insulina. Dik is-sustanza li tikkontrolla l-livell taz-zokkor fid-demm. Kienu żewġ xjentisti-riċerkaturi kanadiżi, Frederick Banting u Charles Best li fil-11 ta' Jannar 1922 taw l-ewwel titqiba tal-insulina lil tifel ta' 14-il sena li kien qiegħed imut mid-dijabete: tista' tgħid f'dak il-ħin stess il-livell taz-zokkor fid-demm niżel għan-normal u t-tifel beda jgħaddilu minnufih. Għalhekk permezz tax-xogħol ta' dawn it-tobba, marda kronika nistgħu nikkontrollawha għalkemm mhux infejquha.

Lejn l-1930 sabu li fil-ġisem hemm numru ta' sustanzi li jirregolaw ċerti funzjonijiet tal-ġisem. Hawn is-sustanzi bdew igħidulhom ormoni. Hekk sabu li hemm ormoni li jirregulaw is-sesswalita' tal-bniedem, ormoni li jirregulaw it-temperatura tal-ġisem u ormoni oħrajn li jirregulaw l-ammont ta' ilma fil-ġisem. Fuq il-bażi tal-ormoni sesswali fis-snin 50 Carl Djerassi (1923 - ) u Gregory Goodwin Pincus (1903 – 67) żviluppaw il-famuża pill jew pillola kontraċettiva. Din iddaħlet fis-suq b'mod kummerċjali fl-1959. Bdew ikunu magħmula pilloli oħrajn li mhux strettament igħinu kontra l-mard imma jistgħu ukoll jintużaw biex itejbu l-ħajja ta' dak li jkun. Fost dawn l-iktar li qajmet interess kienet il-*Viagra* li oriġinarjament kienet iddaħlet biex tfejjaq l-impotenza sesswali fl-irġiel.

*(jissokta)*

HILITE

HARDWARE STORE

***FRANCO - BELGE FIRE PLACES***

*Importers of*

Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places

113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

# B'Impenn u bi Pjaċir



**Mill-Assoċjazzjoni ta' l-Organizzazzjonijiet mhux Governattivi Għawdxin**
**NGO Centre, Triq il-Madonna tar-Rummiena, Xewkija**
ngocentregozo@gov.mt • 2156 5492

*CPF Gozo Day*

Novembru 2005 kien immarkat biż-żjara rjali u l-*Commonwealth Summit*. Allura forsi ma tantx ingħatat importanza lil attività kollegata eżattament ma' din ta' l-aħħar. Infatti nhar il-Ġimgħa 25 ta' Novembru, Għawdex kellu żewġ appuntamenti internazzjonali, mhux biss il-ftit siegħat li għadda magħna l-Prinċep!

Waqt li l-għajnejn tal-media (u tal-poplu) kienu konċentrati fuqu, mijiet ta' delegati mill-biċċa l-kbira tal-membri tal-*Commonwealth* waslu biex jikkonkludu l-*Commonwealth Peoples Forum* permezz tal-*Gozo Day*. Dan il-*Forum* isir mill-*Commonwealth Foundation* fl-okkażjoni tal-laqgħa tal-mexxejja (CHOGM) biex titwassal il-vuċi tal-poplu, rappreżentat mill-organizzazzjonijiet tas-*civil society* – prattikament dawk li fostna jissejħu NGOs. Il-Kunsill tagħna nvolva ruħu sa mill-ewwel laqgħa preparatorja fl-2004, permezz tal-Viċipresident Mario Saliba (li baqa' jaqsam għal siegħat twal ta' diskussjonijiet u tħejjija fl-*isteering committee*). Kien imbagħad *chairman* tal-kumitat li waqqafna għall-attività tagħna.

Nistqarr bla tlaqliq li kellna sapport, iżda mhux minn kulħadd. Allura rajna li l-aħjar post biex jitwettqu l-aspetti diversi tal-programm ikun il-*Gozo Sports Complex* (offrut mill-Ministeru għal Għawdex). Fil-fatt il-programm kellu jitbiddel iktar minn darba (anki lejliet stess!), l-iktar minħabba r-restrizzjonijiet maħluqa mill-bżonnijiet ta' sigurtà konnessi maż-żjara rjali. Allura filgħodu ġew imdawra fix-Xagħra (f'idejn *Heritage Malta* għalkemm għamilnielhom xi kuntatti ukoll) u, ma' nofsinhar, ġew ir-Rabat.

Hawn kellhom *buffet* ta' ikel lokali, servut bil-kostum tradizzjonali. Iżda mhux dan biss. Dan il-ħin kien hemm aspetti oħrajn. Insemmi li diversi NGOs wieġbu għall-istedina u ġew jiltaqgħu magħhom – jaqsmu esperjenzi u jagħmlu kuntatti. Stampajna fuljett b'informazzjoni li tista' twassal għal relazzjonijiet utli. Kien hemm minnhom li anki ħatfu l-opportunità biex itellgħu wirja sempliċi dwar ħidmiet u proġetti. Barra minn hekk, is-sezzjoni tas-Snajja tal-*Gozo Business Chamber* organizzat speċi ta' Fiera fejn dawn il-barranin kellhom l-opportunità jammiraw (u jakkwistaw) prodotti Għawdxin - anki tqassmilhom ktejjeb. Min-naħa l-oħra, l-Iskola ta' l-Arti ħadu ħsieb isebbħu l-post b'għażla impressjonanti ta' l-iprem eżempji ta' x'jafu joffru l-istudenti f'firxa wiesgħa ta' korsijiet.

It-tieni parti ta' din l-attività ta' qrib seba' siegħat kienet l-aħħar sessjoni tal-*Forum*. Kellna lil Sarah Grima bħala *compere* li bdiet billi introduċiet lil Mario Saliba biex jagħmel kelmtejn ta' merħba. Issuġġerixxa li dan il-jum jista' jkompli jitfakkar billi tibda ssir kull sena attività b'aspetti differenti tal-volontarjat lejn il-25 ta' Novembru. Kien imiss *video* mħejji apposta li jagħti ħarsa lejn il-volontarjat fostna – għaxar minuti li impressjonaw bil-kbir kull meta ntwera lil barranin. Għax kellna skop ukoll li jintuża meta jixraq nenfasizzaw din ir-realtà pożittiva ta' gżiritna.

Il-kelliem prinċipali kien Colin Ball, eżatt wara li temm il-kariga tiegħu ta' direttur tal-*Foundation*: diskors imqanqal dwar is-sabiħ taċ-ċokon. Intlaqgħet b'ċapċip kbir l-istqarrija li, f'kuntrast mal-globalizzazzjoni selvaġġa, *today we are all Gozitans*! Saħaq li l-vantaġġ li tgħix f'post żgħir hu li tapprezza iktar li l-aġir tiegħek għandu effett



ovvju. Allura tixxettel u tissaħħaħ l-idea li rridu naqsmu ma' xulxin, kważi kważi awtomatikament – bla ma naħsbuha. Wara li semma li iktar minn nofs il-membri tal-*Commonwealth* huma gżejjer deskritti bħala żgħar, ivvinta l-kelma *Gozotisation* biex tkun il-mod kif inħarsu bil-għaqal lejn l-iżvilupp. "Mil-lum 'il quddiem, il-popolazzjoni ta' Għawdex ma għadhiex 28,000: saret 1.8 biljuni!".

Imbagħad mess lili nagħti ħarsa "minn ġewwa" lejn ir-realta' Għawdxija. Semmejt kemm l-Għawdxin dejjem kellna nqattgħu bi snienna, kienu min kienu l-mexxejja tal-pajjiż. Semmejt l-emigrazzjoni u kuntatti oħra internazzjonali u l-oriġini Spanjola ta' l-isem "barrani" ta' gżiritna. Ħassejt li għandi nenfasizza l-bażi "nisranija" ta' tant ħidma u l-bżonn li, iktar minn kompetizzjoni bejnietna, għandna nikkompetu magħna nfusna – fis-sens li nirsistu biex nużaw bl-aqwa mod ir-riżorsi limitati tagħna, nitjiebu individwalment u "niġbdu ħabel wieħed". Wara diversi interventi, saret il-konklużjoni tal-laqgħat li kienu bdew il-Tnejn fid-Dar tal-Mediterran.



Sadattant bdew jaslu l-mistednin distinti u ngħata bidu għall-parti "kulturali". Wara grupp Maori u ieħor Karibew, ippreżentajna dik lokali – minn organizzazzjonijiet li rrispondew għall-istedina miftuħa tagħna li ntbagħtet fis-sajf. Barra żewġ gruppi folkloristiċi (tal-Qiegħa u Astra), kellna kant minn voluntier ta' l-Arka, mill-Fondazzjoni Arti Fontana (fuq poeżiji ta' Mary Mejlaq) u mill-Kor *Gaulitanus*.

Kien fadal id-diskorsi "uffiċjali", inkluża l-Ministru Debono bħala "host". Ir-riċeviment konklużiv sfortunatament sar ftit bl-għaġġla peress li kien skorra l-ħin biex id-delegati jirritornaw lejn Malta . Iżda, kollox ma' kollox, okkażjoni "grandjuża" fejn urejna għal darb'oħra li – jekk verament irridu – nistgħu naslu! Sintendi dan kien possibbli minħabba li numru mdaqqas taw sehem sħiħ f'ħidma għalenija.

### *Laqgħa Ġenerali Annwali*

It-tieni Laqgħa Ġenerali Annwali ta' l-Assoċjazzjoni ġa ġiet irrapurtata fil-ħarġa ta' din ir-rivista ta' Frar. Fir-ritratt, barra mill-Ministru Debono u jien, jidhru Dun Ġorġ Borg (Segretarju) u Giovanni Zammit (Teżorier). Fil-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni hemm ukoll Mro Colin Attard (koordinatur Kultura), Carmel Ballucci (*membership secretary*), Kevin Cutajar (PRO), George Pace (koordinatur Sports), Profs John Pace (koordinatur Filantropija) u Mario Saliba (viċi-President).



Għalkemm ftit tard hu dmiri li, f'ismi, f'isem il-Kunsill u f'isem l-Assoċjazzjoni, nirringrazzja lil Mons. Isqof Nikol Cauchi għall-ħidma sfiqa favur il-volontarjat u nawgura lil Mons. Isqof Mario Grech li jsib l-istess kollaborazzjoni għall-ġid tas-soċjeta' Għawdxija. Mill-qalb, lit-tnejn: *Ad Multos Annos!*

**Antoine Vassallo**
vasanti@waldonet.net.mt



# L-Irħula Għawdxin

*Versi ta' Fr. Geoffrey G. Attard*
*Ritratti ta' Joseph P. Zammit*







## 3. L-Għarb

*Fil-punent tal-gżira Għawdxija*
*Qalb ir-raba' u s-sejjieħ*
*Raħal ħelu, illum imfittex*
*Mill-barrani biex jgħix fih...*

*L-Għarb imsemmi għan-nies tiegħu*
*qalbhom tajba, wkoll beżlin,*
*daqshekk ieħor imma għaqlija*
*ta' ftit kliem imma ġenwin.*

*"Viva ż-Żewġ" tismagħhom jgħajtu*
*kif ta' Lulju x-xemx teqlieq,*
*l-Għarb tal-festa l-libsa jilbes*
*u jinbidel fl-isbaħ ġmiel.*

*"Sliem għalik minn Alla Mbierka"*
*kliem omm Ġwanni f' Ain-Karim,*
*"minnek joħroġ nisel Ġesse*
*li jġib fidwa lill-bnedmin".*

*L-Għarb l-ewlieni fost l-irħula*
*wara r-Rabat kolleġġjata,*
*b'tant unuri ġejt imżejna*
*ma' Ta' Pinu aggregata.*

*Ġewwa fik ta' Ruma l-Prinċep*
*ġie jrodd qima u ġawhar fin*
*xidd fir-ras tal-Verġni Mbierka*
*illi tkellmet ilu s-snin!*







# Djamanti ta' Għawdex

## Ritratti mill-kollezzjoni ta' Joe Zammit


Il-Bażilika ta' l-Għarb


Is-Santwarju Nazzjonali Ta' Pinu


Taż-Żejt


San Dimitri

# A Variety of HOUSE LOANS from APS Bank




**APS bank**

ATTARD • FLORIANA • MOSTA • PAOLA • VALLETTA • GOZO

***The Bank You Want Us To Be***

www.apsbank.com.mt